

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11455/23

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0210(COD)

CODEC 1276
TRANS 295
MAR 93
ENV 805
ENER 428
IND 363
COMPET 724
ECO 55
RECH 334
PE 79

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-10 sat-13 ta' Lulju 2023)

I. INTRODUZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u tad-Dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-ħsieb li jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl fl-ewwel qari.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5.

F'dan il-kuntest, il-President tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN), Karima DELLI (Ħodor/AHE, FR) ippreżentat f'isem it-TRAN emenda ta' kompromess (l-emenda numru 195) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq, li għaliha Jörgen Warborn (PPE, SE) kien ħejja abbozz ta' rapport. Din l-emenda kienet ġiet maqbula matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq. Ma ġiet ippreżentata l-ebda emenda oħra.

II. VOT

Meta vvotat fil-11 ta' Lulju 2023, il-plenarja adottat l-emenda ta' kompromess (l-emenda numru 195) għall-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari li tinsab fir-riżoluzzjoni leġislattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-riżoluzzjoni leġislattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet għat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

P9_TA(2023)0262

Fjuwils marittimi sostenibbli (Inizjattiva FuelEU Maritime)

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
PE729.908

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2023 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (COM(2021)0562 – C9-0333/2021 – 2021/0210(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2021)0562),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0333/2021),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mis-Senat Irlandiż, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-8 ta' Diċembru 2021¹,
- wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-26 ta' April 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A9-0233/2022),

¹ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 145..

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taht²;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

² Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fid-19 ta' Ottubru 2022 (ĠU C 149, 28.4.2023, p. 125).

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Lulju 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁶,

⁵ ĠU C 152, 6.4.2022, p. 145.

⁶ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Lulju 2023.

Billi:

- (1) It-trasport marittimu jirrappreżenta madwar 75 % tal-kummerċ barrani tal-Unjoni u 31 % tal-kummerċ intern tagħha f'termini ta' volum. 400 miljun passiġġier jimbarkaw jew jiżbarkaw kull sena f'portijiet tal-Istati Membri, inkluż madwar 14-il miljun fuq bastimenti tal-kruċiera. Għalhekk, it-trasport marittimu huwa komponent essenzjali tas-sistema ta' trasport tal-Unjoni u għandu rwol kritiku għall-ekonomija tal-Unjoni. Is-suq tat-trasport marittimu huwa soġġett għal kompetizzjoni qawwija bejn atturi ekonomiċi fi ħdan u barra l-Unjoni, li għalihom huma indispensabbli kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni. L-istabbiltà u l-prosperità tas-suq tat-trasport marittimu u tal-atturi ekonomiċi tiegħu jiddependu minn qafas ta' politika ċar u armonizzat li fi ħdanu l-operaturi fit-trasport marittimu, il-portijiet u atturi oħra fis-settur jistgħu joperaw abbażi ta' opportunitajiet indaqs. Fejn iseħħu distorsjonijiet tas-suq, dawn jirriskjaw li jqiegħdu lill-operaturi tat-trasport marittimu jew lill-portijiet fi żvantaġġ meta mqabbla mal-kompetituri fis-settur tat-trasport marittimu jew f'setturi oħra tat-trasport. Min-naħa tiegħu, huwa possibbli li ***dak*** l-iżvantaġġ jirriżulta f'telf ta' kompetittività tal-industrija tat-trasport marittimu, ***inqas impjiegi*** u f'telf ta' konnettività għaċ-ċittadini u għan-negozji.

- (2) *Skont ir-Rapport dwar l-Ekonomija Blu tal-UE, 2022, l-Ekonomija Blu tal-UE ħolqot total ta' madwar 5,7 miljun impjieg fl-2014, li minnhom 3,2 miljun inħolqu permezz ta' impjegi diretti fis-setturi stabbiliti u 2,5 miljun addizzjonali ġew iġġenerati permezz tal-ktajjen tal-provvista rispettivi. Dak ir-rapport jgħid ukoll li l-portijiet marittimi tal-Unjoni waħedhom ħolqu madwar 2,5 miljun impjieg (dirett u indirett) fl-2014. Minn dak l-ammont ta' impjegi, madwar 0,5 miljun biss jinqabdu mill-istatistika settorjali, minħabba li l-portijiet marittimi jiġġeneraw impjegi u benefiċċji ekonomiċi f'setturi oħra bħal-loġistika, u servizzi tat-tbajhir marittimu. Is-seba' setturi stabbiliti tal-Ekonomija Blu tal-UE ġġeneraw valur miżjud gross ta' EUR 183,9 biljun fl-2019⁷.*

⁷ *Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Addamo, A., Calvo Santos, A., Guillén, J., et al., The EU blue economy report 2022, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, <https://data.europa.eu/doi/10.2771/793264>.*

- (3) *Skont id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020 bit-titolu 'Sustainable and Smart Mobility Strategy – putting European transport on track for the future', meta mqabbel ma' modi oħra ta' trasport, it-trasport marittimu jibqa' l-aktar mod ta' trasport effiċjenti fl-użu tal-karbonju għal kull tunnellata u km. Fl-istess ħin, it-traffiku marittimu minn jew lejn portijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea jikkaġuna madwar 11 % tal-emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju (CO₂) tal-Unjoni mit-trasport u minn 3 sa 4 % tal-emissjonijiet totali ta' CO₂ tal-Unjoni. L-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport marittimu mistennija jiżdiedu, sakemm ma titteħidx azzjoni ulterjuri. Jeħtieġ li s-setturi kollha tal-ekonomija tal-Unjoni jikkontribwixxu għat-tnaqqis rapidu tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) san-newtralità sa mhux aktar tard mill-2050, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Għalhekk huwa essenzjali li l-Unjoni tistabbilixxi perkors xieraq għat-tranżizzjoni ekoloġika rapida tas-settur tat-trasport marittimu, li jikkontribwixxi wkoll biex jinżamm u jiġi promoss aktar ir-rwol ta' tmexxija globali tal-Unjoni fir-rigward tat-teknoloġija, is-servizzi u s-soluzzjonijiet ekoloġiċi, u biex ikompli jiġi stimulat il-ħolqien tal-impjiegi fil-ktajjen tal-valur relatati filwaqt li tinżamm il-kompetittività.*

⁸ Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

- (4) Sabiex isaħħaħ l-impenn tal-Unjoni għall-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi⁹ , adottat skont il-**Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi")**, ir-Regolament (UE) 2021/1119 għandu l-għan li sal-2030 inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra (emissjonijiet wara t-tnaqqis tal-assorbimenti) b'mill-inqas 55 % meta mqabbla mal-livelli tal-1990 **u jqiegħed lill-Unjoni fit-triq li ssir newtrali għall-klima sa mhux aktar tard mill-2050. Barra minn hekk**, huma meħtieġa diversi strumenti ta' politika komplementari biex jiġi **promoss u aċċellerat** l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju prodotti b'mod sostenibbli, **inkluż** fis-settur tat-trasport marittimu, **filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Jeħtieġ li** l-iżvilupp tat-teknoloġija meħtieġa u l-varar **tagħha ikunu qed iseħħu** sal-2030 biex minn hemm 'il quddiem issir tħejjija għal bidla ħafna aktar rapida. **Huwa essenzjali wkoll li titrawwem l-innovazzjoni u li tiġi appoġġata r-riċerka għal innovazzjoni emerġenti u futura bħall-karburanti alternattivi emerġenti, l-ekodisinn, il-materjali b'bażi bijoloġika, il-propulsjoni tar-riħ u l-propulsjoni assistita mir-riħ.**

⁹ **ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.**

- (5) Fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-karburanti lejn karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi alternattivi tal-enerġija, huwa essenzjali li jiġu żgurati l-funzjonament xieraq tas-suq tat-trasport marittimu tal-Unjoni u l-kompetizzjoni ġusta fih fir-rigward tal-karburanti *marittimi*, li jirrappreżentaw sehem sostanzjali mill-kostijiet tal-kumpaniji u l-operaturi. ***Il-miżuri ta' politika għandhom għalhekk ikunu kosteffettivi.*** Id-differenzi fir-rekwiżiti tal-karburanti madwar l-Istati Membri jistgħu jaffettwaw b'mod sinifikanti l-prestazzjoni ekonomika tal-operaturi tal-bastimenti u jkollhom impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni fis-suq. Minħabba n-natura internazzjonali tat-tbaħħir, l-operaturi tal-bastimenti jistgħu jwettqu bunkering faċilment f'pajjiżi terzi u jittrasportaw ammonti kbar ta' karburant, ***u dan jista' jikkontribwixxi wkoll għal riskju ta' telf ta' kompetittività tal-portijiet tal-Unjoni meta mqabbla ma' portijiet mhux tal-Unjoni.*** Dik is-sitwazzjoni tista' twassal għal rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u għal effetti detrimentali fuq il-kompetittività tas-settur jekk id-disponibbiltà ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fil-portijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru ma tkunx akkumpanjata minn rekwiżiti għall-użu tagħhom li japplikaw għall-bastimenti kollha li jkunu qed jaslu u jtilqu minn portijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri. ***Għaldaqstant, dan*** ir-Regolament jenħtieġ li jstabbilixxi miżuri biex jiġi żgurat li l-penetrazzjoni tal-karburanti rinnovabbli ***u*** b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-suq tal-karburanti *marittimi* ssir skont il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta fis-suq tat-trasport marittimu tal-Unjoni.

- (6) *Is-settur tat-trasport marittimu huwa soġġett għal kompetizzjoni internazzjonali qawwija. Id-differenzi kbar fil-piżijiet regolatorji bejn l-istati tal-bandiera sikwit wasslu għal prattiki mhux mixtieqa bħall-bdil tal-bandiera tal-bastimenti. Il-karattru globali intrinsiku tas-settur jissottolinja l-importanza ta' approċċ newtrali f'termini tal-bandiera u ta' ambjent regolatorju favorevoli, li jgħin biex jiġu attirati investimenti ġodda u biex tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-portijiet u tas-sidien tal-bastimenti u l-operaturi tal-bastimenti tal-Unjoni.*
- (7) Sabiex jiġi prodott effett fuq l-attivitajiet kollha **fis**-settur tat-trasport marittimu, jenħtieġ li **dan** ir-Regolament japplika għal nofs l-enerġija użata minn bastiment li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, nofs l-enerġija użata minn bastiment li jwettaq vjaġġi li jtilqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u li jaslu f'port barra mill-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, l-enerġija kollha użata minn bastiment li jwettaq vjaġġi li jaslu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, u l-enerġija użata f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru. Dan il-qafas ta' **applikazzjoni** jiżgura l-effettività ta' dan ir-Regolament, inkluż billi jżid l-impatt pożittiv fuq l-ambjent ta' dan il-qafas. Jenħtieġ li **dak** il-qafas **jillimita** r-riskju ta' waqfiet evażivi f'port u r-riskju ta' delokalizzazzjoni jew ta' **ridirezzjonar** tar-rotta tal-attivitajiet barra mill-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat tħaddim mingħajr xkiel tat-traffiku marittimu **u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern**, il-kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost l-operaturi tat-trasport marittimu u fost il-portijiet **rigward** il-vjaġġi kollha li jaslu fi jew jtilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, kif ukoll is-soġġorn ta' bastimenti f'dawk il-portijiet, jenħtieġ li jkunu żgurati minn regoli **uniformi** stabbiliti f'dan ir-Regolament.

- (8) *Huwa essenzjali li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jiżguraw kontinwament li l-proċeduri amministrattivi tagħhom jirriflettu l-aħjar prattiki u jieħdu miżuri sabiex jiżguraw il-konsistenza, jevitaw id-duplikazzjoni fil-leġiżlazzjoni settorjali u jissimplifikaw l-infurzar ta' dan ir-Regolament, biex b'hekk il-piż amministrattiv fuq is-sidien tal-bastimenti, l-operaturi tal-bastimenti, il-portijiet u l-verifikaturi jinżamm f'livell minimu.*
- (9) *Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun konsistenti mar-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰⁺, id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹², ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar*

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta'... dwar il-varar ta' infrastruttura ta' karburanti alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE (ĠU L..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23 (2021/0223(COD)) u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna.

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2023/959 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814 dwar l-istabbiliment u l-funzjonament ta' riżerva tal-istabbiltà tas-suq għas-sistema ta' skambju tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 134).

¹² Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

¹³ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

¹⁴ Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652¹⁵, u Direttiva tal-Kunsill li tirriforma l-istruttura tal-Unjoni dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (riformulazzjoni) sabiex jiġi żgurat il-grad meħtieġ ta' ċertezza legali u għall-investiment. Din il-konsistenza tiżgura qafas leġiżlattiv koerenti għas-settur tat-trasport marittimu, li jikkontribwixxi għal żieda sinifikanti fil-produzzjoni ta' karburanti alternattivi sostenibbli, jiżgura l-varar tal-infrastruttura meħtieġa u jinċentiva l-użu ta' dawk il-karburanti f'porzjon dejjem jikber ta' bastimenti.

¹⁵ Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rappurtar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26).

- (10) *Jenħtieġ li jsiru konsultazzjonijiet bejn il-korp maniġerjali tal-port u l-utenti tal-port u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif previst fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶, sabiex tiġi kkoordinata d-disponibbiltà tas-servizzi portwarji fir-rigward tal-provvista tal-karburant alternattiv li hija ppjanata u użata fil-portijiet, kif ukoll fir-rigward tad-domanda mistennija mill-bastimenti li jidħlu f'dawk il-portijiet.*
- (11) Ir-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti, irrispettivament mill-bandiera tagħhom. Għal raġunijiet ta' koerenza mar-regoli tal-Unjoni u dawk internazzjonali fil-qasam tat-trasport marittimu, ***u sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għal bastimenti b'tunellaġġ gross li jkun ogħla minn tunnellaġġ gross (GT) ta' 5 000, iżda jenħtieġ li ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, awżiljarji navali, bastimenti li jaqdbu l-ħut jew li jipproċessaw il-ħut, bastimenti tal-injam b'binja primittiva, bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, jew bastimenti tal-Istat li jintużaw għal skopijiet mhux kummerċjali. Minkejja li l-bastimenti ta' aktar minn 5 000 GT jirrappreżentaw biss madwar 55 % tal-bastimenti kollha li jidħlu fil-portijiet skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁷, dawn huma responsabbli għall-madwar 90 % tal-emissjonijiet ta' CO₂ mis-settur tat-trasport marittimu. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta s-sitwazzjoni mill-ġdid regolarment, bil-ħsieb li eventwalment testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal bastimenti ta' inqas minn 5 000 GT.***

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2017/352 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2017 li jistabbilixxi qafas għall-forniment tas-servizzi portwarji u regoli komuni dwar it-trasparenza finanzjarja tal-portijiet (ĠU L 57, 3.3.2017, p. 1).

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55).

- (12) *L-Istati Membri li ma għandhomx portijiet marittimi fit-territorju tagħhom, l-ebda verifikatur akkreditat, l-ebda bastiment li jtajjar il-bandiera tagħhom li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u li mhumix stat amministrattiv skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament ma għandhom bżonn jieħdu l-ebda azzjoni dwar ir-rekwiżiti rispettivi f'dan ir-Regolament sakemm daww iċ-ċirkostanzi jkunu preżenti.*
- (13) *Minħabba ż-żieda fl-ispejjeż għal bastimenti li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, in-nuqqas ta' miżura globali jaggrava r-riskju ta' ċirkomvenzjoni. Waqfiet evażivi f'portijiet barra mill-Unjoni u r-rilokazzjoni ta' attivitajiet ta' trażbord lejn portijiet barra mill-Unjoni mhux biss ser inaqqsu l-benefiċċji ambjentali tal-internalizzazzjoni tal-ispiża tal-emissjonijiet minn attivitajiet ta' trasport marittimu iżda jistgħu jwasslu għal emissjonijiet addizzjonali minħabba d-distanza addizzjonali li jivvjaġġaw il-bastimenti biex jevadu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għalhekk huwa xieraq li ċerti waqfiet f'portijiet mhux tal-Unjoni jiġu esklużi mill-kunċett ta' "port tal-waqfa". Jenħtieġ li din l-esklużjoni timmira portijiet fil-viċinanza tal-Unjoni fejn ir-riskju ta' evażjoni huwa l-akbar. Limitu ta' 300 mil nawtiku minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru jikkostitwixxi rispons proporzjonat għal imġiba evażiva, u jibbilanċja l-piż addizzjonali u r-riskju ta' evażjoni. Barra minn hekk, l-esklużjoni mill-kunċett ta' port tal-waqfa jenħtieġ li timmira biss waqfiet minn bastimenti tal-kontejners f'ċerti portijiet mhux tal-Unjoni, fejn it-trażbord ta' kontejners jirrappreżenta l-biċċa l-kbira tat-traffiku tal-kontejners. Għal tali vjeggħi, ir-riskju ta' evażjoni, fin-nuqqas ta' miżuri ta' mitigazzjoni, jikkonsisti wkoll f'ċaqliq taċ-ċentru portwarju lejn portijiet barra mill-Unjoni li jaggrava l-effetti tal-evażjoni. Biex jiġu żgurati l-proporzjonalità u t-trattament ugwali tal-miżura globali, jenħtieġ li jitqiesu l-miżuri f'pajjiżi terzi li huma ekwivalenti għal dan ir-Regolament.*

- (14) *Sabiex titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni insulari, kif issottolinjat mill-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u l-ħtieġa li tiġi ppreservata l-konnettività bejn il-gżejjer u r-reġjuni periferiċi tal-Unjoni mar-reġjuni ċentrali tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu permessi eżenzjonijiet temporanji għal vjaġġi mwettqa minn bastimenti tal-passiġġieri għajr bastimenti tal-kruċiera bejn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni tal-istess Stat Membru li jinsab fuq gżira b'inqas minn 200 000 resident permanenti.*
- (15) *Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, b'mod partikolari d-distanza u l-insularità tagħhom, jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni speċjali lill-preservazzjoni tal-aċċessibbiltà u l-konnettività effiċjenti tagħhom permezz tat-trasport marittimu. Għalhekk, għal bastimenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tiġi inkluża fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament biss nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jiġilqu minn jew jaslu f'port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku. Għall-istess raġunijiet, jenħtieġ li jkunu permessi eżenzjonijiet temporanji għal vjaġġi bejn port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku u port tal-waqfa ieħor li jinsab f'reġjun ultraperiferiku, u fir-rigward tal-enerġija użata mill-bastimenti matul is-soġġorn tagħhom fil-portijiet tal-waqfa tar-reġjuni ultraperiferiċi korrispondenti.*

- (16) *L-Istati Membri li ma jaqsmu l-ebda fruntiera tal-art ma' Stat Membru ieħor huma partikolarment dipendenti fuq il-konnessjoni marittima tagħhom mal-bqija tal-Unjoni, b'mod partikolari biex iżommu l-konnettività meħtieġa għaċ-ċittadini tagħhom. Tali Stati Membri għandhom jiddependu fuq kuntratti ta' servizz pubbliku jew obbligi ta' servizz pubbliku sabiex jilhqqu l-għan li jżommu l-konnettività permezz ta' bastimenti tal-passiġġieri. Jenħtieġ li tkun permessa eżenzjoni temporanja sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jindirizzaw il-ħtieġa qawwija li jiġi pprovdut servizz ta' interess ekonomiku ġenerali u jiġu żgurati l-konnettività kif ukoll il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.*
- (17) *Minbarra l-possibbiltà ġenerali għall-Istati Membri li jeżentaw vjaġġi li jagħmlu bastimenti tal-passiġġieri, għajr bastimenti tal-passiġġieri tal-kruċieri, lejn gżejjer b'inqas minn 200 000 resident permanenti, jenħtieġ li tkun permessa eżenzjoni simili fir-rigward ta' vjaġġi domestiċi lejn gżejjer li jsiru fil-qafas ta' kuntratt ta' servizz pubbliku jew soġġetti għal obbligu ta' servizz pubbliku. Tali kuntratti u obbligi ġew stabbiliti mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' konnettività mar-reġjuni insulari bi prezzijiet affordabbli, li kieku ma kinux jinkisbu mill-forzi tas-suq. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkun intitolati li jeżentaw temporanjament tali vjaġġi li jsiru minn bastimenti tal-passiġġieri bejn il-kontinent tagħhom u gżira tal-istess Stat Membru, sabiex jinżammu l-kondizzjonijiet li taħthom ġew stabbiliti l-kuntratti ta' servizz pubbliku jew l-obbligi ta' servizz pubbliku u tiġi żgurata l-konnettività sostnuta, kif ukoll il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, tal-gżira kkonċernata.*

- (18) *L-Artikolu 2, il-punt 1, tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92¹⁸ jistabbilixxi li l-portijiet li jinsabu f'Ceuta u Melilla għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal portijiet ta' gżejjer. Għalkemm min-natura tagħhom mhumiex portijiet ta' gżejjer, il-pożizzjoni ġeografika tagħhom fl-Afrika kontinentali u n-nuqqas ta' rabtiet tal-art ma' Spanja jfissru li, b'rabta mal-Ewropa kontinentali u b'mod partikolari ma' Spanja, daww il-portijiet huma komparabbli ma' portijiet ta' gżejjer. Għalhekk, jenħtieġ li Ceuta u Melilla jitqiesu bħala portijiet ta' gżejjer b'rabta mal-eżenzjoni temporanja għall-kabotaġġ marittimu bejn il-kontinent ta' Stat Membru u l-gżejjer taħt il-ġuriżdiżżjoni tiegħu.*
- (19) *It-tbajhir f'kondizzjonijiet ta' silġ, speċjalment fil-partijiet tat-Tramuntana tal-Baħar Baltiku, u l-proprjetajiet tekniċi tal-bastimenti tal-klassi tas-silġ jikkawżaw spejjeż addizzjonali għat-trasport marittimu u tali spejjeż jistgħu jiżdiedu aktar b'dan ir-Regolament. Spejjeż addizzjonali bħal dawn għal bastimenti tal-klassi tas-silġ minħabba t-tbajhir f'kondizzjonijiet ta' silġ u minħabba l-proprjetajiet tekniċi tagħhom jenħtieġ li jittaffew sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwi. Għalhekk jenħtieġ li l-kumpaniji jitħallew temporanjament japplikaw ammont aġġustat limitat ta' enerġija użata abbord għal bastimenti tal-klassi tas-silġ. Barra minn hekk, għal perjodu limitat ta' żmien, jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti li sehem mill-enerġija addizzjonali użata matul it-tbajhir f'kondizzjonijiet ta' silġ jiġi eżentat għall-perjodi speċifiċi li matulhom il-bastimenti tal-klassi tas-silġ jiffaċċjaw kondizzjonijiet ta' navigazzjoni fis-silġ. Għal dak il-għan, jenħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija verifikabbli li biha tkun tista' ssir korrelazzjoni bejn is-sehem eżentat ta' enerġija u l-kondizzjonijiet attwali ta' navigazzjoni fis-silġ. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid din il-metodoloġija, b'mod partikolari fid-dawl tar-robustezza tal-monitoraġġ tad-data meħtieġa biex tiġi rrapportata d-distanza u l-enerġija addizzjonali ta' navigazzjoni f'kondizzjonijiet ta' silġ, bil-ħsieb li possibbilment tiġi estiża din il-miżura.*

¹⁸ *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3577/92 tas-7 ta' Diċembru 1992 li japplika l-prinċipju ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi għat-trasport marittimu fi ħdan l-Istati Membri (kabotaġġ marittimu) (ĠU L 364, 12.12.1992, p. 7).*

- (20) L-*entità* responsabbli milli *tiżgura* l-konformità ma' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun il-kumpanija, definita bħala sid il-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ, li jkun assuma r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-bastiment minn sid il-bastiment u li, meta jieħu din ir-responsabbiltà, ikun qabel li jieħu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis *kif implimentata fl-Unjoni mir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*¹⁹. Id-definizzjoni ta' kumpanija skont dan ir-Regolament *hi* konformi mas-sistema globali għall-ġbir ta' data stabbilita fl-2016 mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

¹⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (*ĠU L 64, 4.3.2006, p. 1*).

- (21) L-iżvilupp u l-użu ta' karburanti u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda jeħtieġu approċċ koordinat biex ikun hemm qbil bejn il-provvista, id-domanda u l-forniment ta' infrastruttura ta' distribuzzjoni xierqa. Filwaqt li l-qafas regolatorju attwali tal-Unjoni diġà jindirizza parzjalment il-produzzjoni tal-karburant permezz tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u d-distribuzzjoni tal-**karburant** permezz tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, hija meħtieġa wkoll għodda li tistabbilixxi livelli dejjem akbar ta' domanda **għal** karburanti marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- (22) Filwaqt li strumenti bħall-ipprezzar tal-karbonju jew miri għall-intensità tal-karbonju ta' attività jippromwovu titjib fl-effiċjenza enerġetika, dawn mhumix adattati biex iwasslu għal bidla sinifikanti għal karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fuq terminu qasir u medju. Għalhekk huwa meħtieġ approċċ regolatorju speċifiku ddedikat għall-użu ta' karburanti **marittimi** rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, bħar-riħ jew l-elettriku.
- (23) L-intervent ta' politika biex tiġi stimulata d-domanda **għal** karburanti marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jenħtieġ li jkun ibbażat fuq l-għanijiet u jirrispetta l-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Għaldaqstant, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti fuq l-intensità tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti mingħajr ma jiġi preskritt l-użu ta' kwalunkwe karburant jew teknoloġija partikolari. ***Tali limiti jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'rabta ma' valur referenzjarju, li jikkorrispondi għall-intensità medja tal-flotta tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti fl-2020, determinata abbażi tad-data monitorjata u rappurtata fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/757, tal-metodoloġija u tal-valuri prestabbiliti fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.***

²⁰ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

(24) Jenħtieġ li jiġi promoss l-iżvilupp u l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju b'potenzjal għoli għal sostenibbiltà, maturità kummerċjali u potenzjal għoli għall-innovazzjoni u t-tkabbir biex jinqdew ħtiġijiet futuri. Dan ser jappoġġa l-ħolqien ta' swieq tal-karburanti innovattivi u kompetittivi u jiżgura provvista suffiċjenti ta' karburanti marittimi sostenibbli fit-terminu qasir u fit-tul, biex jikkontribwixxi għall-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tal-Unjoni filwaqt li jsaħħaħ l-isforzi tal-Unjoni għal livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent. Għal dan il-għan, jenħtieġ li jkunu eliġibbli karburanti marittimi sostenibbli prodotti mill-**materja prima** elenkata fil-Partijiet A u B tal-Anness IX **għad**-Direttiva (UE) 2018/2001, kif ukoll karburanti marittimi sintetiċi. B'mod partikolari, il-karburanti marittimi sostenibbli prodotti mill-**materja prima** elenkata fil-Parti B tal-Anness IX **għad**-Direttiva (UE) 2018/2001 huma essenzjali, billi ■ l-aktar teknoloġija kummerċjalment matura **għall-produzzjoni ta' tali karburanti marittimi bil-ħsieb tad-dekarbonizzazzjoni** tat-trasport marittimu **ser tkun** diġà **disponibbli** fit-terminu qasir.

- (25) Tibdil indirett fl-użu tal-art iseħħ meta l-kultivazzjoni tal-għelejjel għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa tieħu post il-produzzjoni tradizzjonali tal-għelejjel għal skopijiet ta' ikel u għalf. Din id-domanda addizzjonali żżid il-pressure fuq l-art u tista' twassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna għolja ta' karbonju, bħal foresti, artijiet mistagħdra u torbiera, li jikkawża emissjonijiet addizzjonali ta' ***gassijiet serra*** u telf tal-bijodiversità. Ir-riċerka wriet li l-iskala tal-effett tiddependi minn varjetà ta' fatturi, inkluż it-tip ta' materja prima użata għall-produzzjoni tal-karburant, il-livell ta' domanda addizzjonali għal materja prima skattata mill-użu ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa, u l-punt sa fejn l-art b'ħażna ta' karbonju għolja hija protetta madwar id-dinja. Il-livell ta' emissjonijiet ta' ***gassijiet serra*** kkawżat minn bidla indiretta fl-użu tal-art ma jistax jiġi ddeterminat inekwivokament bil-livell ta' preċiżjoni meħtieġ għall-ħolqien ta' fatturi ta' emissjoni meħtieġa mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, hemm evidenza li l-karburanti kollha prodotti mill-materja prima jikkawżaw tibdil indirett fl-użu tal-art f'diversi gradi. Minbarra l-emissjonijiet ta' ***gassijiet serra*** marbuta mat-tibdil indirett fl-użu tal-art, li hu kapaċi jelimina xi ffrankar jew l-ifffrankar kollu ta' emissjonijiet ta' ***gassijiet serra*** ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti tal-bijomassa individwali, it-tibdil indirett fl-użu tal-art jgħallq riskji għall-bijodiversità. ***Dawk*** ir-riskji huma partikolarment serji b'rabta ma' espansjoni potenzjalment kbira tal-produzzjoni ddeterminata minn żieda konsiderevoli fid-domanda. Għaldaqstant, ***l-użu ta'*** karburanti ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel ***u tal-għalf m'*** għandux jiġi promoss ***skont dan ir-Regolament***. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 diġà tillimita u tistabbilixxi limitu massimu fuq il-kontribut ta' dawn il-bijokarburanti, bijolikwidi u ***karburanti*** tal-bijomassa għall-miri tal-ifffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija meta jitqiesu l-benefiċċji ambjentali aktar baxxi tagħhom, il-prestazzjoni aktar baxxa f'termini ta' potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tħassib usa' dwar is-sostenibbiltà.

- (26) *Sabiex jinħoloq qafas legali ċar u prevedibbli u b'hekk jiġu mħeġġa l-iżvilupp bikri tas-suq u l-użu tal-aktar teknoloġiji tal-karburanti sostenibbli u innovattivi b'potenzjal ta' tkabbir biex jiġu sodisfatti ħtiġijiet futuri, huwa meħtieġ inċentiv dedikat għal karburanti rinnovabbli ta' orijini mhux bijoloġika (RFNBO). Dan l-inċentiv huwa ġġustifikat mill-fatt li daww it-tipi ta' karburanti għandhom potenzjal għoli li jintroduċu enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-karburant tal-bunker marittimu, mill-potenzjal sinifikanti ta' dekarbonizzazzjoni tagħhom, kif ukoll mill-ispejjeż tal-produzzjoni stmati tagħhom fuq terminu qasir u medju. Meta jiġu prodotti mill-elettriku rinnovabbli u mill-karbonju li jinqabad direttament mill-arja, il-karburanti sintetiċi jistgħu jiksibu tnaqqis fl-emissjonijiet sa 100 % meta mqabbel mal-karburanti fossili. Għandhom ukoll vantaġġi konsiderevoli meta mqabbla ma' tipi oħra ta' karburanti sostenibbli fir-rigward tal-effiċjenza fir-riżorsi tal-proċess ta' produzzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsum tal-ilma. Madankollu, l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-RFNBO bħalissa huma ħafna ogħla mill-prezz tas-suq tal-karburant konvenzjonali u huma mistennija jkomplu jkollhom spejjeż ogħla fuq terminu medju. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprevedi taħlita ta' miżuri biex jiżgura l-appoġġ għall-adozzjoni ta' RFNBO sostenibbli, inkluż il-possibbiltà li jintuża 'multiplikatur' sat- tmiem l-2033, li jippermetti li l-enerġija mill-RFNBO tgħodd darbtejn. Barra minn hekk, jenħtieġ li mill-2034 'l quddiem tapplika sottomira ta' 2 % tal-RFNBO jekk, wara l-monitoraġġ tas-suq, il-Kummissjoni tirrapporta li s-sehem tal-RFNBO fil-karburanti tal-bastimenti marittimi użati minn bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ikun inqas minn 1 % sal-2031. Dik it-taħlita ta' miżuri li jappoġġaw l-RFNBO hija maħsuba biex tagħti lill-operaturi tal-bastimenti u l-fornituri tal-karburant sinjal ta' opportunità għall-investiment għall-użu ta' dak it-tip ta' karburant rinnovabbli, skalabbli u sostenibbli, peress li tipprovdi kemm mira aħħarija li tagħti lill-fornituri tal-karburant ċertezza fir-rigward tad-domanda minima futura kif ukoll l-opportunità għas-suq biex isib l-aktar mod effiċjenti biex jaġġusta kif xieraq. Peress li għad irid jiġi żviluppat suq għall-RFNBO marittimu, dan ir-Regolament jinkludi salvagwardji u flessibbiltà għal xenarji differenti possibbli ta' użu mis-suq.*

- (27) *Għalkemm l-RFNBO jippreżenta potenzjal għoli biex jaqdi l-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni fis-settur marittimu, huwa possibbli li karburanti oħra jippreżentaw ukoll potenzjal ta' dekarbonizzazzjoni komparabbli. Fatturi bħall-maturità tat-teknoloġija jew id-disponibbiltà għas-settur marittimu jistgħu jaffettwaw l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju f'portijiet differenti. Għalhekk, huwa essenzjali li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika u tiġi evitata diskriminazzjoni bla bżonn kontra karburanti oħra li jiksbu tnaqqis simili tal-intensità tal-gassijiet serra bħall-RFNBO, kif ukoll li jiġi evitat li jiġu penalizzati l-bastimenti li jużaw tali karburanti. Għal dan il-għan, huwa importanti li wieħed jinnota l-livell limitu tal-iffrankar tal-gassijiet serra ta' 70 % meħtieġ għall-RFNBO, kif stabbilit minn Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652. Tali livell limitu jista' jintlaħaq ukoll minn karburanti oħra għajr RFNBO, ta' orijini bijoloġika jew sintetika.*
- (28) ■ Is-settur marittimu bħalissa għandu livelli insinifikanti ta' domanda għal bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf, billi aktar minn 99 % mill-karburanti *marittimi* użati bħalissa huma ta' orijini fossili. In-nuqqas ta' eliġibbiltà ta' karburanti ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf *biex jikkontribwixxu għall-għanijiet ta'* dan ir-Regolament jimminimizza wkoll kull riskju ta' tnaqqis fir-ritmu tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, li nkella jista' jirriżulta minn bidla ta' bijokarburanti ibbażati fuq l-għelejjel mit-trasport bit-triq għat-trasport marittimu. Huwa essenzjali li tiġi minimizzata din il-bidla, peress li t-trasport bit-triq bħalissa għadu bil-bosta l-aktar settur tat-trasport li jniġġes u t-trasport marittimu bħalissa juża prinċipalment karburanti ta' orijini fossili. Għalhekk huwa xieraq li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda potenzjalment kbira *għal* bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-għalf billi jiġi promoss l-użu tagħhom skont dan ir-Regolament. Għaldaqstant, l-emissjonijiet addizzjonali ta' *gassijiet serra* u t-telf ta' bijodiversità kkawżati mit-tipi kollha ta' ■ karburanti ibbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u *tal-għalf* jeħtieġu li *dawk* il-karburanti jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-inqas alternattiva favorevoli.

- (29) Iż-żminijiet twal assoċjati **mal**-iżvilupp u l-użu ta' karburanti u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu, **kif ukoll it-tul tal-ħajja medja twila tal-bastimenti, li tipikament tvarja bejn 25 u 30 sena**, jeħtieġu azzjoni rapida u l-ħolqien ta' qafas regolatorju dejjiemi ċar u prevedibbli li jiffaċilita l-ippjanar u l-investment mill-partijiet ikkonċernati kollha kkonċernati. **Tali** qafas regolatorju ser jiffaċilita l-iżvilupp u l-użu ta' karburanti u soluzzjonijiet tal-enerġija ġodda għat-trasport marittimu, u jhegġegħ l-investment mill-partijiet ikkonċernati. Jenħtieġ **ukoll** li dan il-qafas **regolatorju** jiddefinixxi l-limiti għall-intensità tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti sal-2050. Jenħtieġ li daww il-limiti jsiru aktar ambizzjużi maż-żmien biex jirriflettu l-iżvilupp teknoloġiku mistenni u ż-żieda fil-produzzjoni ta' karburanti **marittimi** ■ rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- (30) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-metodoloġija u l-formula **għall-kalkolu tal**-intensità medja annwali tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata abbord minn bastiment. Jenħtieġ li **dik** il-formula tkun ibbażata fuq il-konsum tal-karburant irrappurtat mill-bastimenti u tqis il-fatturi ta' emissjoni rilevanti tal-karburanti **ikkunsmati**. Jenħtieġ li l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija, bħar-riħ jew l-elettriku, jiġi rifless ukoll fil-metodoloġija.
- (31) Sabiex tingħata stampa aktar sħiħa tal-prestazzjoni ambjentali tad-diversi sorsi tal-enerġija, jenħtieġ li l-prestazzjoni tal-gassijiet serra tal-karburanti tiġi vvalutata fuq bażi well-to-wake, billi jitqiesu l-impatti tal-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija abbord. Dan għandu jipprovdi inċentivi rigward it-teknoloġiji u l-perkorsi ta' produzzjoni li jipprovdu impronta tal-gassijiet serra aktar baxxa u benefiċċji reali meta mqabbla mal-karburanti konvenzjonali eżistenti.

- (32) Jenħtieġ li l-prestazzjoni well-to-wake tal-karburanti marittimi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju tiġi stabbilita permezz ta' fatturi ta' emissjoni prestabbiliti jew attwali u ċertifikati li jkopru l-emissjonijiet well-to-tank u tank-to-wake. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jintużaw biss *fatturi ta' emissjoni well-to-tank u l-fatturi ta' emissjoni ta' CO₂ tank-to-wake* għall-karburanti fossili prestabbiliti.
- (33) *Fil-każ ta' progress teknoloġiku fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, bħall-qbid tal-karbonju abbord, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li tirrifletti, fil-formuli tal-bilanċ tal-intensità tal-gassijiet serra u tal-konformità li tinsab fl-Annessi I u IV rispettivament, il-kontribut ta' tali teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet diretti tal-gassijiet serra abbord il-bastimenti.*
- (34) Huwa meħtieġ approċċ komprensiv għall-aktar emissjonijiet rilevanti ta' gassijiet serra (CO₂, CH₄ u N₂O) biex jiġi promoss l-użu ta' sorsi ta' enerġija li jipproduċu impronta ta' gassijiet serra aktar baxxa inġenerali. Għalhekk, sabiex jiġi rifless il-potenzjal ta' tisħin globali tal-metan u tal-ossidi nitrużi, jenħtieġ li l-limitu stabbilit minn dan ir-Regolament jiġi espress f'termini ta' "ekwivalenti ta' CO₂".
- (35) L-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ta' propulsjoni alternattiva, bħall-enerġija mir-riħ u mix-xemx, inaqqas ħafna l-intensità tal-*gassijiet serra* tal-użu ġenerali tal-enerġija tal-bastiment. Jenħtieġ li d-diffikultà biex *dawk* is-sorsi ta' enerġija jitkejlu u jiġu kkwantifikati b'mod preċiż (intermittenza tal-użu tal-enerġija, trasferiment dirett bħala propulsjoni, eċċ.) ma xxekklix ir-rikonossiment tagħhom fl-użu ġenerali tal-enerġija mill-bastiment permezz ta' approssimazzjonijiet tal-kontribut tagħhom għall-bilanċ ta' konformità tal-bastiment.

- (36) It-tniġġis tal-arja prodott mill-bastimenti (ossidi tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu u materja partikolata) **fil-portijiet** huwa ta' tħassib sinifikanti għaż-żoni kostali u għall-bliet b'portijiet. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu imposti obbligi speċifiċi u stretti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ■ minn bastimenti **rmiġġati mal-moll**.
- (37) ***L-obbligu li l-portijiet jipprovdu provvista tal-elettriku mix-xatt (OPS - on-shore power supply), stabbilit fir-Regolament (UE) 2023/...⁺, jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn obbligu korrispondenti stabbilit f'dan ir-Regolament li l-bastimenti jikkonnettjaw mal-infrastruttura tal-provvista tal-elettriku mix-xatt waqt li jkunu rmiġġati mal-moll, sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dik l-infrastruttura u jiġi evitat ir-riskju ta' assi mhux rekuperabbli.***
- (38) L-użu ta' provvista tal-elettriku mix-xatt inaqqas it-tniġġis tal-arja prodott mill-bastimenti u jnaqqas l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġġenerati mit-trasport marittimu. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt tirrappreżenta provvista tal-enerġija dejjem aktar nadifa disponibbli għall-bastimenti ■, fid-dawl tas-**sehem** dejjem akbar tal-enerġija rinnovabbli **u ta' sorsi ta' enerġija mhux fossili** fit-taħlita tal-elettriku tal-Unjoni. Filwaqt li huwa biss il-forniment ta' punti ta' konnessjoni tal-provvista tal-elettriku mix-xatt li huwa kopert mid-Direttiva 2014/94/UE ■, id-domanda għal din it-teknoloġija, u, b'riżultat ta' dan, l-użu tagħha, **baqgħu** limitati. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi biex l-użu tal-provvista tal-elettriku mix-xatt minn **bastimenti tal-kontejners u minn bastimenti tal-passiġġieri jsir obbligatorju, billi dawn huma l-kategoriji tal-bastimenti li qed jipproduċu l-oġġla ammont ta' emissjonijiet għal kull bastiment waqt li jkunu rmiġġati mal-moll, skont id-data miġbura fl-2018 fil-qafas tar-Regolament (UE) 2015/757.**
- (39) Minbarra l-provvista tal-elettriku mix-xatt, teknoloġiji oħra jistgħu jkunu kapaċi joffru benefiċċji ambjentali ekwivalenti fil-portijiet. Meta jintwera li l-użu ta' teknoloġija alternattiva huwa ekwivalenti għall-użu tal-provvista tal-elettriku mix-xatt, jenħtieġ li bastiment ikun eżentat **mill-obbligu li** juża ■ l-provvista tal-elettriku mix-xatt.

⁺ ĠU: Jekk jogħġbokom daħħlu fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23 (2021/0223(COD)).

- (40) *Ġew ittestjati proġetti u soluzzjonijiet differenti tal-provvista tal-elettriku mix-xatt għall-bastimenti ankrati, iżda bħalissa ma hemm l-ebda soluzzjoni teknika matura u skalabbli disponibbli. Għal dik ir-raġuni, l-obbligu li tintuża l-provvista tal-elettriku mix-xatt jenħtieġ li jkun, fil-prinċipju, limitat għal bastimenti rmiġġati mal-moll. Madankollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li terġa' tivvaluta s-sitwazzjoni regolarment, bil-ħsieb li testendi dak l-obbligu għall-bastimenti li jkunu ankrati, meta t-teknoloġiji meħtieġa jkunu suffiċjentement maturi. Sadanittant, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jimponu, f'ċerti każijiet, l-obbligu li tintuża l-provvista tal-elettriku mix-xatt fuq bastimenti ankrati, pereżempju f'portijiet li diġà huma mġhammra b'tali teknoloġija jew li jinsabu f'żoni fejn jenħtieġ li jiġi evitat kwalunkwe tniġġis.*
- (41) Jenħtieġ li jiġu pprovduti wkoll eċċezzjonijiet **mill-obbligu li tintuża l-provvista tal-elettriku mix-xatt** għal għadd ta' raġunijiet oġġettivi, **soġġetti għal verifika mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa jew kwalunkwe entità debitament awtorizzata, wara konsultazzjoni mal-entitajiet rilevanti fejn xieraq.** Tali eċċezzjonijiet jenħtieġ li jkunu limitati għal waqfiet mhux skedati f'portijiet, li ma jsirux fuq bażi sistematika, għal raġunijiet ta' sikurezza jew ta' salvataġġ tal-ħajja fuq il-baħar, **għal** soġġorni qosra ta' bastimenti **rmiġġati mal-moll** ta' inqas minn sagħtejn peress li dan huwa l-ħin minimu meħtieġ għall-konnessjoni, **għal każijiet ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew inkompatibbiltà tal-provvista tal-elettriku mix-xatt, għall-użu tal-ġenerazzjoni tal-enerġija** abbord f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza **u għall-manutenzjoni u t-testijiet funzjonali.**

- (42) *F'portijiet li jaqgħu taħt ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2023/...⁺, jenħtieġ li l-eċċezzjonijiet applikabbli f'każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew ta' inkompatibbiltà tal-provvista tal-elettriku mix-xatt ikunu limitati wara li s-sidien tal-bastimenti u l-operaturi tal-portijiet ikunu ngħataw biżżejjed żmien biex jaqgħu l-investimenti meħtieġa, sabiex jiġu pprovduti l-inċentivi meħtieġa għal daww l-investimenti u tiġi evitata kompetizzjoni inġusta. **Jenħtieġ** li l-operaturi tal-bastimenti jipplanaw bir-reqqa l-waqqfiet tagħhom f'portijiet biex jiżguraw li jkunu jistgħu jwettqu l-attivitajiet tagħhom **meta jkunu rmiġġati mal-moll** mingħajr l-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-arja u ta' gassijiet serra, **sabiex iħarsu** l-ambjent fiż-żoni kostali u fil-bliet b'portijiet. **Jenħtieġ li** jiġi previst għadd limitat ta' **eċċezzjonijiet** applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' disponibbiltà jew inkompatibbiltà tal-provvista tal-elettriku mix-xatt **biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn il-provvista tal-elettriku mix-xatt ma tkunx ġiet ipprovduta, għal raġunijiet li l-operatur tal-bastiment ma jkollux kontroll fuqhom. Sabiex jittaffa r-riskju ta' assi mhux rekuperabbli, l-inkompatibbiltà tal-infrastruttura tal-provvista tal-elettriku mix-xatt abbord u fl-irmiġġ kif ukoll id-domanda għall-karburant alternattiv u l-iżbilanċi fil-provvista, jenħtieġ li jiġu organizzati laqgħat ta' konsultazzjoni frekwenti bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jiddiskutu u jieħdu deċiżjonijiet dwar ir-rekwiżiti u l-pjanijiet futuri.***
- (43) *Ir-rekwiżit li l-portijiet jipprovdur provvista tal-elettriku mix-xatt, stabbilit fir-Regolament (UE) 2023/...⁺, iqis it-tipi ta' bastimenti moqdija u l-volumi ta' traffiku rispettivi tal-portijiet marittimi. **Jenħtieġ li r-rekwiżit li l-bastimenti jikkonnettjaw ma' provvista tal-elettriku mix-xatt waqt l-irmiġġ ma japplikax għall-bastimenti meta jieqfu f'portijiet li mhumliex koperti mir-rekwiżit ta' provvista tal-elettriku mix-xatt stabbilit f'dak ir-Regolament, sakemm il-port ma jkollux provvista tal-elettriku mix-xatt installata u disponibbli fil-moll miżjur, f'liema każ, jenħtieġ li l-bastiment ikun meħtieġ li jikkonnettja mal-provvista tal-elettriku mix-xatt mill-1 ta' Jannar 2035.***

⁺ ĠU: Jekk jogħġbokom daħħlu fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23 (2021/0223(COD)).

- (44) *Meta jitqiesu l-effetti pożittivi tal-użu tal-provvista tal-elettriku mix-xatt fuq it-tniġġis tal-arja lokali u l-ħtieġa li jiġi inċentivat l-użu ta' dik it-teknoloġija fuq perjodu qasir, l-intensità tal-karbonju tal-produzzjoni tal-elettriku pprovdut fl-irmiġġ jenħtieġ li tingħadd bħala żero. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprevedi l-possibbiltà li tqis l-emissjonijiet ta' gassijiet serra attwali relatati mal-elettriku mwassal permezz tal-provvista tal-elettriku mix-xatt fi stadju aktar tard.*
- (45) *Jenħtieġ li l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament tqis kif xieraq il-mudelli ta' governanza diversi għall-portijiet fl-Unjoni kollha, b'mod partikolari fir-rigward tar-responsabbiltà għall-ħruġ ta' ċertifikat li jeżenta lil bastiment mill-obbligu ta' konnessjoni ma' provvista tal-elettriku mix-xatt.*
- (46) *Il-koordinament bejn il-portijiet u l-operaturi tal-bastimenti huwa kruċjali biex jiġu żgurati proċeduri ta' konnessjoni bla xkiel mal-enerġija fuq l-art fil-portijiet. L-operaturi tal-bastimenti jenħtieġ li jinfurmaw lill-portijiet li jidħlu fihom dwar l-intenzjoni tagħhom li jikkonnettjaw mal-enerġija fuq l-art u dwar l-ammont ta' enerġija li jeħtieġu matul il-waqfa speċifika, b'mod partikolari meta dan l-ammont jaqbeż il-ħtiġijiet stmati għal dik il-kategorija ta' bastiment.*

- (47) *Mill-2035, l-għadd ta' eċċezzjonijiet mogħtija skont dan ir-Regolament mill-obbligu ta' konnessjoni mal-provvista tal-elettriku mix-xatt, li japplikaw għal ċerti każijiet fejn il-bastiment ma jkunx jista' jikkonnettja mal-provvista tal-elettriku mix-xatt, jenħtieġ li jkun limitat għal kull bastiment matul perjodu ta' rappurtar. Biex jiġi żgurat trattament ġust tal-bastimenti u biex jiġu riflessi d-differenzi fil-profil operattivi tagħhom, l-għadd ta' eċċezzjonijiet jenħtieġ li jirrifletti l-frekwenza tal-waqfiet tagħhom f'port iżda jenħtieġ li qatt ma jammonta għal aktar minn għaxar waqfiet f'port għal kull perjodu ta' rappurtar. Madankollu, jenħtieġ li bastiment ma jiġix penalizzat u jenħtieġ li l-waqfiet f'port ma jingħaddux mal-għadd massimu ta' eċċezzjonijiet fejn, qabel il-wasla f'port, il-bastiment ikun talab li jikkonnettja mal-provvista tal-elettriku mix-xatt u dik it-talba tkun ġiet aċċettata mill-port jew mill-entità debitament awtorizzata, iżda l-bastiment ma jkunx jista' jikkonnettja mal-provvista tal-elettriku mix-xatt, u jkun jista' juri li ma setax raġonevolment ikun jaf li ma setax jikkonnettja mal-provvista tal-elettriku mix-xatt.*
- (48) Jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema robusta **u trasparenti** ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika permezz ta' dan ir-Regolament sabiex tiġi traċċata l-konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu. Jenħtieġ li din is-sistema tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-bastimenti kollha u teħtieġ verifika minn parti terza biex tiġi żgurata l-akkuratezza tad-data sottomessa f'**dik** is-sistema. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li kwalunkwe data diġà rappurtata għall-**finijiet** tar-Regolament (UE) 2015/757 tintuża, fejn ikun meħtieġ, biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dan ir-Regolament sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv impost fuq il-kumpaniji, il-verifikaturi u l-awtoritajiet **kompetenti**.

- (49) Jenħtieġ li l-kumpaniji jkunu responsabbli għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-ammont u t-tip ta' enerġija użata abbord minn bastimenti fin-navigazzjoni u rmiġġati, kif ukoll informazzjoni rilevanti oħra, bħal informazzjoni dwar it-tip ta' magna abbord jew il-preżenza ta' teknoloġiji ta' propulsjoni assistita mir-riħ, bil-għan li tintwera l-konformità mal-limitu fuq l-intensità tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata abbord minn bastiment stipulat minn dan ir-Regolament. Biex jiġi ffaċilitat l-issodisfar ta' **dawk** l-obbligi ta' monitoraġġ u rappurtar u t-twettiq ta' attivitajiet ta' verifika mill-verifikaturi, b'mod simili għar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li l-kumpaniji jiddokumentaw il-metodu ta' monitoraġġ previst u jipprovdu aktar dettalji dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fi pjan ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li l-pjan ta' monitoraġġ, kif ukoll il-modifiki sussegwenti tiegħu, jekk applikabbli, jiġu sottomessi lill-verifikatur **u vvalutati minnu**.
- (50) ***Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li tiġi stabbilita sistema unika ta' monitoraġġ, rappurtar u verifika għall-kumpaniji għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-atti legali tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu. Għal dak il-għan, f'tit wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina l-konsistenza ta' dan ir-Regolament mar-Regolament (UE) 2015/757 u d-duplikazzjoni possibbli bejn dawn iż-żewġ regolamenti u, fejn xieraq, tħejji proposta leġiżlattiva biex temenda dan ir-Regolament jew ir-Regolament (UE) 2015/757.***

- (51) ***Ċertifikazzjoni u monitoraġġ robusti*** tal-karburanti huma essenzjali biex jintlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament u biex tiġi ggarantita l-integrità ambjentali tal-karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li huma mistennija jintużaw fis-settur marittimu. Din iċ-ċertifikazzjoni jenħtieġ li ssir permezz ta' proċedura trasparenti u mhux diskriminatorja. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata iċ-ċertifikazzjoni u jiġi limitat il-piż amministrattiv, jenħtieġ li iċ-ċertifikazzjoni tal-***karburanti definita f'konformità mad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, fejn applikabbli, mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' att legali tal-Unjoni li jikkonċerna s-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu*** tiddependi fuq ir-regoli stabbiliti minn ***dawk l-atti legali tal-Unjoni għaċ-ċertifikazzjoni***. Jenħtieġ li ***dak*** l-approċċ ***għaċ-ċertifikazzjoni*** japplika wkoll għall-bunkering ta' karburanti barra mill-Unjoni, li jenħtieġ li jitqiesu bħala karburanti importati, b'mod simili bħal ***fid***-Direttiva (UE) 2018/2001. ***Meta*** l-kumpaniji jkun biħsiebhom ma jżommux mal-valuri prestabbiliti previsti minn ***dawk l-atti legali tal-Unjoni*** jew ***minn*** dan il-qafas il-ġdid, jenħtieġ li ***dak*** isir biss meta l-valuri jkunu jistgħu jiġu ċċertifikati minn waħda mill-iskemi volontarji rikonoxxuti skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 ***jew, fejn applikabbli, skont att legali tal-Unjoni li jikkonċerna s-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, u li jistabbilixxi ċerti livelli limiti massimi ta' ffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra kif ukoll metodoloġiji għall-kalkolu tagħhom*** (għal valuri well-to-tank) ***■***.

- (52) *Jenħtieġ li tkun disponibbli għall-kumpaniji l-possibbiltà li jiġu kkalkulati l-fatturi attwali ta' emissjonijiet tank-to-wake, li jiddevjaw minn dawk definiti fl-Anness II, dment li tali kalkolu jiġi determinat f'konformità ma' standards internazzjonali rikonoxxuti rilevanti għas-suġġett, u appoġġat minnhom. Jenħtieġ li tali kalkolu tal-fatturi tal-emissjonijiet tank-to-wake jiġi applikat primarjament għall-ittestjar fil-laboratorji jew għall-kejl dirett tal-emissjonijiet ta' emissjonijiet mhux ikkalkulati minn konvertituri tal-enerġija, inkluż magni b'kombustjoni interna, ċelloli tal-karburant u unitajiet ta' riforma assoċjati, turbini tal-gass jew bojlers. Peress li l-fatturi attwali tal-emissjonijiet ta' CO₂ tank-to-wake huma relatati mal-kompożizzjoni tal-karburant aktar milli mal-konvertitur tal-enerġija, jenħtieġ li ma jkunux differenti mill-valuri prestabbiliti li jinsabu fl-Anness II. Jenħtieġ li dawk il-fatturi tal-emissjonijiet tank-to-wake jiġu kkalkulati mill-ġdid, b'mod partikolari għall-karburanti sintetiċi jew għall-bijokarburanti, fil-każ biss li jiġi żviluppat standard internazzjonali rilevanti għal dak l-għan. Jenħtieġ li ma jkunx possibbli li ssir devjazzjoni mill-valuri prestabbiliti ppreżentati għall-fatturi tal-emissjonijiet ta' kombustjoni CO₂ għall-karburanti fossili.*
- (53) *L-attivitajiet ta' verifika jitwettqu minn [] verifikaturi [].* Sabiex tiġi żgurata l-imparzjalità u l-effettività, jenħtieġ li l-verifikaturi jkunu entitajiet ġuridiċi indipendenti u kompetenti u jenħtieġ li jiġu akkreditati minn korpi nazzjonali ta' akkreditament stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. *Il-verifikaturi jenħtieġ li jkunu mġhammra b'mezzi u b'persunal proporzjonati għad-daqs tal-flotta li għaliha jwettqu attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-verifika tiżgura l-akkuratezza u l-kompletezza tal-monitoraġġ u tar-rappurtar mill-kumpaniji, kif ukoll il-konformità ma' dan ir-Regolament.*

²¹ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

- (54) Fuq il-bażi tad-data u l-informazzjoni mmonitorjati u rrapportati mill-kumpaniji, jenħtieġ li l-verifikaturi jikkalkulaw u jistabbilixxu l-intensità medja annwali tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata abbord minn bastiment u l-bilanċ ta' konformità tal-bastiment fir-rigward tal-limitu, inkluż kwalunkwe eċċess jew defiċit ta' konformità, kif ukoll jiddeterminaw jekk il-bastiment ikunx haress l-**obbligu** li juża l-**provvista tal-elettriku mix-xatt**. Jenħtieġ li l-verifikatur jinnotifika **dik** l-informazzjoni lill-kumpanija kkonċernata. Meta l-verifikatur ikun l-istess entità bħall-verifikatur għall-**finijiet** tar-Regolament (UE) 2015/757, din innotifika tista' ssir flimkien mar-rapport ta' verifika skont dak ir-Regolament. ■
- (55) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi u tiżgura l-funzjonament ta' bażi tad-data elettronika li tirreġistra l-prestazzjoni ta' kull bastiment u tiżgura l-konformità tiegħu ma' **dan ir-Regolament (il-"bażi tad-data FuelEU")**. **Il-baży tad-data FuelEU jenħtieġ li tintuża għall-azzjonijiet kollha l-aktar importanti meħtieġa biex jitwettqu l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament**. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar u sabiex il-piż amministrattiv jiġi limitat għall-kumpaniji, il-verifikaturi u utenti oħrajn, jenħtieġ li l-baży tad-data **FuelEU** tibni fuq il-modulu THETIS-MRV eżistenti **jew li, sa fejn hu possibbli, tiġi żviluppata bħala verżjoni aġġornata tiegħu**. **Il-baży tad-data FuelEU jenħtieġ li tippermetti wkoll** il-possibbiltà li jintużaw l-informazzjoni u d-data miġburin għall-**finijiet** tar-Regolament (UE) 2015/757.
- (56) Il-konformità ma' dan ir-Regolament ser tiddependi minn elementi li jistgħu ma jkunux fil-kontroll tal-kumpanija, bħal kwistjonijiet relatati mad-disponibbiltà tal-karburant jew mal-kwalità tal-karburant. Għalhekk, jenħtieġ li l-kumpaniji jingħataw il-flessibbiltà li jirriportaw surplus ta' konformità minn sena għal oħra jew li, fi ħdan ċerti limiti, jissellfu antiċipu ta' surplus ta' konformità mis-sena sussegwenti. Billi huwa ta' importanza kbira għall-kwalità tal-arja lokali fil-bliet b'portijiet u fiż-żoni kostali, jenħtieġ li l-użu tal-provvista tal-elettriku mix-xatt fl-irmieġ ma jkunx eliġibbli għal dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà simili.

- (57) Sabiex jiġi evitat il-lock-in teknoloġiku u jkompli jiġi appoġġat il-varar tas-soluzzjonijiet bl-aħjar prestazzjoni, jenħtieġ li l-kumpaniji jitħallew jakkomunaw il-prestazzjoni ta' bastimenti differenti. ***F'dak is-sens***, jenħtieġ li jkun possibbli li tintuża l-prestazzjoni aħjar ta' bastiment wieħed biex tiġi kkompensata l-prestazzjoni aħjar ta' ***bastimenti oħrajn, sakemm il-konformità akkomunata totali tkun pożittiva***. Dan jgħallq il-possibbiltà li tiġi ppremjata l-konformità żejda u jagħti inċentivi għal investiment f'teknoloġiji aktar avvanzati. Jenħtieġ li l-possibbiltà ta' għażla ta' konformità akkomunata tibqa' volontarja u ***jenħtieġ li tkun*** soġġetta għall-qbil tal-***kumpaniji*** kkonċernati ■ .
- (58) Dokument ta' konformità (id-"***dokument*** ta' konformità FuelEU") maħruġ minn verifikatur ***jew, fejn applikabbli, mill-awtorità kompetenti tal-Istat responsabbli***, skont il-proċeduri stabbiliti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***jinżamm mill-***bastimenti bħala evidenza ta' konformità mal-limiti fuq l-intensità tal-***gassijiet serra*** tal-enerġija użata abbord minn bastiment ***u*** mal-***obbligu*** li tintuża l-provvista tal-elettriku mix-xatt. Jenħtieġ li l-verifikaturi ***jew, fejn applikabbli, l-awtorità kompetenti tal-Istat responsabbli, jirreġistraw*** il-ħruġ ta' ***dokument ta' konformità FuelEU*** fil-***bażi tad-data FuelEU***.

- (59) L-għadd ta' waqfiet mhux konformi f'portijiet jenħtieġ li jiġi ddeterminat minn verifikaturi f'konformità ma' sett ta' kriterji çari u oġġettivi filwaqt li jqisu l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż it-tul tas-soġġorn, l-ammont u t-tip ta' enerġija kkunsmata, u l-applikazzjoni ta' kwalunkwe eċċezzjoni, għal kull waqfa f'port li **taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dik** l-informazzjoni jenħtieġ li titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-verifikaturi mill-kumpaniji għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità.
- (60) Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà ta' konformità permezz tad-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà u ta' akkomunament, il-bastimenti li ma jissodisfawx il-limiti fuq l-intensità medja annwali tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata abbord **jenħtieġ li** jkunu soġġetti għal penali li jkollha effett dissważiv, **li tkun proporzjonata** għan-nuqqas ta' konformità u li **telimina** kwalunkwe vantaġġ ekonomiku tan-nuqqas ta' konformità, u b'hekk jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-settur ("il-penali FuelEU"). **Il-penali FuelEU** jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-ammont u l-kost tal-**karburanti** rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju li l-bastimenti kien jenħtieġ li jużaw biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' **dan** ir-Regolament.
- (61) Penali **FuelEU jenħtieġ li tiġi** imposta **wkoll** fuq kull waqfa mhux konformi f'port. **Dik il-penali FuelEU** jenħtieġ li tkun proporzjonata għall-kost tal-użu tal-elettriku fl-livell suffiċjenti, **jenħtieġ li** jkollha effett dissważiv fir-rigward tal-użu ta' sorsi ta' enerġija aktar niġġiesa **u** jenħtieġ li tiġi **espressa f'ammont** fiss ta' EUR, **multiplikat bit-total stabbilit tad-domanda għall-enerġija elettrika tal-bastiment** fl-irmiġġ **u bl-għadd totali ta' sighet, ittondjati 'l fuq lejl l-eqreb siegħa, li l-bastiment idum irmiġġat waqt li ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-provvista tal-elettriku mix-xatt**. Minħabba n-nuqqas ta' ċifri preċiżi dwar il-kost tal-forniment ta' provvista tal-elettriku mix-xatt fl-Unjoni, din ir-rata jenħtieġ li tkun ibbażata fuq il-prezz medju tal-elettriku fl-Unjoni għall-konsumaturi mhux domestiċi mmultiplikat b'fattur ta' tnejn biex jitqiesu imposti oħrajn relatati mal-forniment tas-servizz, inkluż, fost oħrajn, il-kostijiet tal-konnessjoni u elementi tal-irkupru tal-investment.

- (62) Id-dħul iġġenerat mill-ħlas ta' penali **FuelEU u miġbur mill-Istati responsabbli** jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi d-distribuzzjoni u l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur tat-trasport marittimu u biex jgħin lill-operaturi tat-trasport marittimu jilħqu l-għanijiet klimatiċi u ambjentali tagħhom. ■
- (63) **Filwaqt li l-kumpanija jenħtieġ li tibqa' responsabbli li twettaq l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar skont dan ir-Regolament, kif ukoll li tħallas il-penali FuelEU, skont il-prinċipju "min iniġġes iħallas" u sabiex tippromwovi l-użu ta' karburanti aktar nodfa, l-entità ■ responsabbli mix-xiri tal-karburant u/jew mit-teħid ta' deċiżjonijiet operazzjonali li jaffetwaw l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata mill-bastiment tista', permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mal-kumpanija, fil-każ ta' defiċit ta' konformità, titqiegħed taħt l-obbligu li tirrimborża jew tikkompensa b'mod ieħor lill-kumpanija fir-rigward tal-kost tal-penali FuelEU li jirriżultaw mit-tħaddim tal-bastiment. Jenħtieġ li dik il-kumpanija tkun tista', fuq bażi kuntrattwali, titlob lill-verifikatur jikkalkula l-ammont tal-penali FuelEU li jikkorrispondi għat-tħaddim tal-bastiment mill-entità l-oħra matul il-perjodu ta' rapportar. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li t-tħaddim tal-bastiment jinftiehem li jfisser id-determinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr, ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment. Bl-istess mod, filwaqt li jenħtieġ li l-kumpanija tibqa' responsabbli mit-twettiq tal-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar skont dan ir-Regolament, kif ukoll mill-ħlas tal-penali FuelEU, jenħtieġ li l-kumpaniji u l-fornituri tal-karburant ikunu jistgħu, permezz ta' ftehimiet kuntrattwali, jaqblu dwar impenji reċiproċi li jipproduċu, jipprovdu u jixtru kwantitajiet predeterminati ta' ċerti karburanti. Tali ftehimiet kuntrattwali jistgħu jipprevedu r-responsabbiltà tal-fornituri tal-karburant li jikkompensaw lill-kumpanija għall-ħlas ta' penali f'każijiet fejn il-karburanti ma jkunux saru disponibbli għall-kumpanija kif miftiehem.**

- (64) Jenħtieġ li l-infurzar tal-obbligi relatati ma' dan ir-Regolament ikun ibbażat fuq strumenti eżistenti, *fosthom* dawk stabbiliti skont id-**Direttivi** 2009/16/KE²² u **2009/21/KE**²³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li s-sanzjonijiet previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Sabiex tiġi evitata piena mhux mistħoqqa jew doppja għall-istess ksur, jenħtieġ li tali sanzjonijiet ma jidduplikawx il-penali FuelEU applikati f'każ li bastiment ikollu defiċit ta' konformità jew ikun għamel waqfiet mhux konformi f'port.*** Id-dokument li jikkonferma l-konformità tal-bastiment mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżdied mal-lista ta' ċertifikati u dokumenti msemmijin fl-Anness IV għad-Direttiva 2009/16/KE.

²² Id-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-kontroll tal-Istat tal-Port (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 57).

²³ Id-Direttiva 2009/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-Istat tal-bandiera (ĠU L 131, 28.5.2009, p. 132).

- (65) *Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji, jenħtieġ li għal kull kumpanija, Stat Membru wieħed biss ikun responsabbli għas-superviżjoni tal-infurzar ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2003/87/KE japplikaw biex jiġi ddeterminat l-Istat responsabbli fir-rigward ta' kull kumpanija. Jenħtieġ li l-Istat responsabbli jitħalla jwettaq kontrolli addizzjonali dwar il-konformità ta' bastiment speċifiku ma' dan ir-Regolament, għaż-żewġ perjodi ta' rappurtar preċedenti u jenħtieġ li jiżgura wkoll li l-penali tal-FuelEU jitħallsu fi żmien debitu.*
- (66) Minħabba l-importanza tal-konsegwenzi li jista' jkollhom il-miżuri meħuda mill-verifikaturi skont dan ir-Regolament għall-kumpaniji kkonċernati, b'mod partikolari rigward id-determinazzjoni ta' waqfiet mhux konformi f'port, il-kalkolu tal-ammonti ta' penali tal-**FuelEU** u r-rifjut li jinħareġ **dokument** tal-konformità FuelEU, jenħtieġ li daww il-kumpaniji jkunu intitolati japplikaw għal rieżami ta' dawn il-miżuri mal-awtorità kompetenti **tal-Istat Membru** fejn ikun ġie akkreditat il-verifikatur. Fid-dawl ta' tad-dritt għal rimedju effettiv, minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, id-deċizzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rieżami **minn qorti tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti**, imwettaq f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu.

- (67) Sabiex jinżammu kondizzjonijiet ekwivalenti permezz tal-funzjonament effiċjenti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 TFUE fir-rigward ta': l-emendar tal-lista tal-fatturi ta' emissjoni well-to-wake; ***l-informazzjoni dwar is-submira RFNBO; l-emendar tat-tabella eżistenti*** stipulata fl-Anness III billi żżid teknoloġiji ***oħra*** b'emissjonijiet **■** zero; ***l-istabbiliment ta' aktar metodi u*** kriterji ***ta'*** akkreditazzjoni tal-verifikaturi; l-adattament tal-penali ***FuelEU abbażi tal-iżviluppi fil-kost tal-enerġija; u l-emenda tal-ammont tal-fattur numeriku tal-penali FuelEU, abbażi tal-indiċjar tal-kost medju tal-elettriku fl-Unjoni***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma tagħha ta' tħejjija, anki fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet²⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

²⁴ ***ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.***

- (68) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis il-possibbiltà li terġa' tuża l-informazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757 meta tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, *il-lista tal-portijiet tat-trażbord tal-kontejners ġirien li huma esklużi mid-definizzjoni ta' portijiet tal-waqfa; il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni u d-disponibbiltà tal-RFNBO fis-settur tat-transport marittimu u l-metodu għall-kalkolu tal-fattur tad-differenza fil-prezz bejn l-RFNBO u l-karburanti fossili; l-ispeċifikazzjoni tar-regoli għall-applikazzjoni tas-submira RFNBO, jekk applikabbli; il-kriterji dettaljati għall-aċċettazzjoni tat-teknoloġiji u l-mod kif joperaw biex jitqiesu bħala teknoloġiji b'emissjonijiet żero; l-informazzjoni mill-bastimenti li biħsiebhom jikkonnettjaw mal-provvista tal-elettriku mix-xatt jew jużaw teknoloġija b'emissjonijiet żero fil-portijiet u l-proċedura għall-għoti ta' tali informazzjoni; il-mudelli għal pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati, fosthom ir-regoli tekniċi għall-applikazzjoni uniformi tagħhom; il-lista ta' standards internazzjonali u referenzi ta' ċertifikazzjoni biex jintwerew il-fatturi attwali ta' emissjoni tank-to-wake; speċifikazzjonijiet ulterjuri tar-regoli għall-attivitajiet ta' verifika msemmija f'dan ir-Regolament; regoli għad-drittijiet tal-aċċess għall-bażi tad-data FuelEU u l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tagħha; u mudelli għad-dokument tal-konformità FuelEU.*

²⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (69) Minħabba d-dimensjoni internazzjonali tas-settur tat-trasport marittimu, huwa preferibbli approċċ globali għal-limitazzjoni tal-intensità tal-**gassijiet serra** tal-enerġija użata mill-bastimenti, peress li approċċ bħal dan **ikun aktar** effettiv minħabba l-kamp ta' applikazzjoni usa' tiegħu. F'dan il-kuntest, u bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' regoli internazzjonali fl- **IMO** , jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkondividi informazzjoni rilevanti dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-IMO u ma' korpi internazzjonali rilevanti oħra, u jenħtieġ li jsiru s-sottomissjonijiet rilevanti lill-IMO, **bit-tkomplija tal-isforzi tal-Unjoni biex tippromwovi miri tad-dekarbonizzazzjoni marittima ambizzjużi fuq livell internazzjonali**. Meta jintlaħaq ftehim dwar **approċċ** globali dwar kwistjonijiet ta' rilevanza għal dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina **dan** ir-Regolament bl-għan li tallinjah, fejn ikun xieraq, mar-regoli internazzjonali.
- (70) **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-implimentazzjoni u d-disponibbiltà tal-għodod għall-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki għas-settur tat-trasport marittimu, kif definit fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat "Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar".**
- (71) **Minħabba li dan ir-Regolament ser jirriżulta fi spejjeż ta' aġġustament addizzjonali u f'kostijiet amministrattivi, jenħtieġ li l-piż regolatorju ġenerali għas-settur tat-trasport marittimu jinżamm taħt rieżami mill-qrib. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjoni tal-funzjonament ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta f'dak ir-rapport il-punt sa fejn intlaħqu l-oġettivi ta' dan ir-Regolament u sa liema punt dan kellu impatt fuq il-kompetittività tas-settur. Jenħtieġ li dak ir-rapport ikopri wkoll l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni, fosthom azzjonijiet u miżuri possibbli li ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kost totali fuq is-settur tat-trasport marittimu.**

(72) ***Minħabba li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' sorsi alternattivi tal-enerġija minn bastimenti li jaslu fi, ikunu fi jew jiġilqu minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru madwar l-Unjoni, **ma jistax** jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri mingħajr ma jirriskjaw li jintroduċu ostakli għas-suq intern u distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-portijiet u bejn l-operaturi tat-trasport marittimu, **iżda** jista' **pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu**, jinkiseb aħjar bl-introduzzjoni ta' regoli uniformi fil-livell tal-Unjoni li joħolqu inċentivi ekonomiċi għall-operaturi marittimi biex ikomplu joperaw mingħajr tfixkil filwaqt li jissodisfaw l-obbligi dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju***, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 Suġġett u objettiv

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jimponu:

- (a) limitu fuq l-intensità tal-gassijiet serra (GHG) tal-enerġija użata abbord minn bastiment li jasal, ikun fi jew jitlaq minn portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru; u
- (b) **obbligu** li tintuża provvista tal-elettriku mix-xatt (OPS) jew teknoloġija b'emissjonijiet zero fil-portijiet taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

L-**objettiv** tiegħu huwa li jżied l-użu konsistenti ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u sorsi alternattivi tal-enerġija ***fit-trasport marittimu*** madwar l-Unjoni, ***f'konformità mal-objettiv li tintlaħaq in-newtralità klimatika fl-Unjoni kollha sa mhux aktar tard mill-2050***, filwaqt li jiġi żgurat ***it-tħaddim bla xkiel tat-trasport marittimu, filwaqt li tinholq ċertezza regolatorja għall-adozzjoni ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u teknoloġiji sostenibbli*** u jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti kollha b'tunnellaġġ gross ta' 5 000 ***li l-iskop tagħhom hu li jittrasportaw passiġġieri jew merkanzija għal skopijiet kummerċjali***, irrispettivament mill-bandiera tagħhom, fir-rigward ***ta'***:
 - (a) l-enerġija użata matul is-soġġorn tagħhom f'port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;
 - (b) l-enerġija kollha użata fuq vjaġġi minn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru lejn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;
 - (c) ***minkejja l-punt (b), nofs l-enerġija użata fuq vjaġġi li jaslu fi jew jitlew minn port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru; u***
 - (d) ***nofs l-enerġija li użata fuq vjaġġi li jaslu fi jew jitlew minn 'port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru, fejn il-port tal-waqfa preċedenti jew dak sussegwenti jkun taħt il-ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz.***
2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu lista ta' portijiet tat-trażbord tal-kontejners ġirien. Il-Kummissjoni għandha taġġorna dik il-lista sal-31 ta' Diċembru kull sentejn wara.***

L-atti ta' implimentazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom jelenkaw port bħala port tat-trażbord tal-kontejners ġar fejn is-sehem tat-trażbord tal-kontejners, imkejjel f'unitajiet ekwivalenti ta' 20 pied, jaqbeż il-65 % tat-traffiku totali tal-kontejners ta' dak il-port matul l-aktar perjodu reċenti ta' 12-il xahar li għalih tkun disponibbli data rilevanti u fejn dak il-port ikun jinsab barra mill-Unjoni iżda inqas minn 300 mil nawtiku minn port taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru.

Għall-fini ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-kontejners għandhom jitqiesu li jkunu trażbordati meta jinħattu minn bastiment għall-port għall-iskop uniku li jitgħabbew fuq bastiment ieħor.

Il-lista tal-portijiet tat-trażbord tal-kontejners ġirien stabbilita mill-Kummissjoni ma għandhiex tinkludi portijiet li jinsabu f'pajjiż terz li għalih dak il-pajjiż terz japplika b'mod effettiv miżuri ekwivalenti għal dan ir-Regolament.

L-atti ta' implimentazzjoni imsemija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 29(3).

3. *L-Istati Membri jistgħu jeżentaw rotot u portijiet speċifiċi mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1, il-punti (a) u (b), fir-rigward tal-enerġija użata fuq vjaġġi mwettqa minn bastimenti tal-passiġġieri minbarra bastimenti tal-kruċiera bejn port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru u port tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni tal-istess Stat Membru li jinsab fi gżira b'inqas minn 200 000 resident permanenti, u fir-rigward tal-enerġija użata matul is-soġġorn tagħhom f'waqfa f'port ta' dik il-gżira. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-eżenzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk l-eżenzjonijiet f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*
4. *L-Istati Membri jistgħu jeżentaw rotot u portijiet speċifiċi mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-punti (a) u (c), fir-rigward tal-enerġija użata mill-bastimenti fuq vjaġġi bejn port tal-waqfa li jinsab f'reġjun ultraperiferiku u port tal-waqfa ieħor li jinsab f'reġjun ultraperiferiku, u fir-rigward tal-enerġija użata matul is-soġġorn tagħhom fil-portijiet tal-waqfa ta' dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-eżenzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk l-eżenzjonijiet f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*
5. *L-Istati Membri li ma jikkondividux fruntiera fuq l-art ma' kwalunkwe Stat Membru ieħor jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1 bastimenti tal-passiġġieri li jwettqu vjaġġi tranżnazzjonali taħt l-obbligi ta' servizz pubbliku jew kuntratti pubbliċi ta' servizz għall-portijiet tal-waqfa ta' Stati Membri oħra. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-eżenzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk l-eżenzjonijiet f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

6. *L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni tal-paragrafu 1 bastimenti tal-passiġġieri li jipprovdu servizzi ta' trasport marittimu fis-sens tar-Regolament (KEE) Nru 3577/92 taħt obbligi ta' servizz pubbliku jew kuntratti pubbliċi ta' servizz, li joperaw qabel ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għar-rotot speċifiċi bejn il-portijiet tal-waqfa tal-art kontinentali tagħhom u l-portijiet tal-waqfa taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom li jinsabu fi gżira jew fil-bliet ta' Ceuta u Melilla. L-ebda eżenzjoni bħal din ma għandha tapplika wara l-31 ta' Diċembru 2029. Qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-eżenzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikawhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk l-eżenzjonijiet f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, il-bliet ta' Ceuta u Melilla għandhom jitqiesu bħala portijiet tal-waqfa li jinsabu fi gżira.*
7. Dan ir-Regolament ma japplikax għal bastimenti tal-gwerra, awżiljarji navali, bastimenti li jaqbd u l-ħut jew bastimenti li jipproċessaw il-ħut, bastimenti tal-injam b'binja primittiva, bastimenti li ma jitħaddmux b'mezzi mekkaniċi, jew *bastimenti proprjetà tal-gvern jew li jiġu operati* mill-gvern u jintużaw *biss* għal skopijiet mhux kummerċjali.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "emissjonijiet ta' gassijiet serra" jew "emissjonijiet GHG" tfisser ir-rilaxx tad-diossidu tal-karbonju (CO₂), tal-metan (CH₄) u tal-**ossidu** nitruż (N₂O) fl-atmosfera;
- (2) "bijokarburanti" tfisser bijokarburanti kif iddefinit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (33) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (3) "bijogass" tfisser bijogass kif iddefinit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (28) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (4) "karburanti tal-karbonju riċiklat" tfisser karburanti tal-karbonju riċiklat kif iddefinit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (35) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (5) "karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika" (RFNBO) tfisser karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika kif iddefinit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (36) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (6) "għelejjel tal-ikel u tal-ġħalf" tfisser għelejjel tal-ikel u tal-ġħalf kif iddefinit fl-Artikolu 2, it-tieni paragrafu, il-punt (40) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

- (7) "teknoloġija b'emissjonijiet zero" tfisser teknoloġija ■ li, meta tintuża biex tipprovdi l-enerġija, ma tirriżultax fir-rilaxx fl-atmosfera tal-gassijiet serra u s-sustanzi li jniġġsu fl-arja li ġejjin mill-bastimenti: id-diossidu tal-karbonju (CO₂), il-metan (CH₄), l-ossidu **nitruż** (N₂O), l-ossidi tal-kubrit (SO_x), l-ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u l-materja partikolata (PM);
- (8) "sorsi alternattivi tal-enerġija" tfisser enerġija ■ rinnovabbli ġġenerata abbord jew elettriku fornut minn provvista tal-elettriku mix-xatt;
- (9) ***"propulsjoni assistita mir-riħ" tfisser propulsjoni, kemm parzjali kif ukoll sħiħa, ta' bastiment permezz tal-enerġija mir-riħ armata permezz ta' sistemi ta' propulsjoni assistita mir-riħ bħal, fost oħrajn, qlugħ rotor, tjur, qlugħ iebes jew riġidu, qlugħ artab, ġwienaħ tal-ġbid jew turbini;***
- (10) "port tal-waqfa" tfisser port ***fejn il-bastimenti jieqfu jgħabbu jew iħottu merkanzija jew jimbarkaw jew jiżbarkaw passiġġieri bl-esklużjoni ta' waqfiet għall-finijiet biss ta' riforniment, kisba ta' provvisti, bdil ta' ekwipaġġ, dħul f'baċir imbattal mill-ilma jew tiswijiet lill-bastiment, lit-tagħmir tiegħu jew lit-tnejn li huma; waqfiet fil-port minħabba li l-bastiment ikun jeħtieġ assistenza jew ikun f'diffikultà; trasferimenti minn bastiment għal bastiment li jsiru barra mill-portijiet; waqfiet għall-iskop uniku ta' kenn minn temp ħażin jew li jsiru meħtieġa minn attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ; u waqfiet ta' bastimenti tal-kontejners f'port ta' trażbord tal-kontejners ġar elenkat fl-att ta' implimentazzjoni adottat skont l-Artikolu 2(2);***
- (11) "vjaġġ" tfisser vjaġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2015/757;

- (12) ***"reġjun ultraperiferiku" tfisser territorju msemmi fl-Artikolu 349 TFUE;***
- (13) "kumpanija" tfisser sid il-bastiment jew kwalunkwe organizzazzjoni jew persuna oħra, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' bastimenti mingħajr ekwipaġġ, li jkunu assumew ir-responsabbiltà għall-operazzjoni tal-bastiment mingħand sid il-bastiment u li jkunu aċċettaw li jassumu d-doveri u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis;
- (14) "tunnellaġġ gross" (GT) tfisser tunnellaġġ gross kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (e), tar-Regolament (UE) 2015/757;
- (15) "bastiment fl-irmiġġ" tfisser bastiment fl-irmiġġ kif iddefinit fl-Artikolu 3, il-punt (n), tar-Regolament (UE) 2015/757;
- (16) ***"bastiment fl-ankraġġ" tfisser bastiment fl-irmiġġ li ma jkunx irmiġġat mal-moll;***
- (17) "enerġija użata abbord" tfisser l-ammont ta' enerġija, espress f'mega joules (MJ), użat minn bastiment għall-propulsjoni u għat-tħaddim ta' kwalunkwe tagħmir abbord, fuq il-baħar jew fl-irmiġġ;
- (18) "well-to-wake" tfisser metodu għall-kalkolu tal-emissjonijiet li jieħu inkunsiderazzjoni l-impatt tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-produzzjoni, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-użu tal-enerġija abbord, inkluż matul il-kombustjoni;
- (19) "intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord" tfisser l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, espress f' grammi ta' ekwivalenti ta' CO₂ stabbiliti fuq bażi well-to-wake, għal kull MJ ta' enerġija użata abbord;

- (20) "fattur ta' emissjoni" tfisser ir-rata ta' emissjoni medja ta' gassijiet serra relattiva għad-data dwar l-attivitàjiet ta' fluss minn sors, bil-preżunzjoni ta' ossidazzjoni kompleta għall-kombustjoni u ta' konverżjoni kompleta għar-reazzjonijiet kimiċi l-oħrajn kollha;
- (21) ***"klassi tas-silġ" tfisser in-notazzjoni mogħtija lill-bastiment mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istat tal-bandiera, jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta minn dak l-Istat, li turi li l-bastiment għe mfassal għan-navigazzjoni f'kondizzjonijiet ta' silġ fuq il-baħar;***
- (22) ***"limitu tas-silġ" tfisser id-demarkazzjoni fi kwalunkwe ħin bejn il-baħar miftuħ u s-silġ tal-baħar ta' kwalunkwe tip, kemm jekk f'iss kif ukoll jekk iżomm f'wiċċ l-ilma, kif stabbilit fil-paragrafu 4.4.8 tan-Nomenklatura tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija dwar il-Baħar u s-Silġ, Marzu 2014;***
- (23) ***"tbaħħir f'kondizzjonijiet ta' silġ" tfisser it-tbaħħir minn bastiment tal-klassi tas-silġ f'żona tal-baħar fil-limitu tas-silġ;***
- (24) "provvista tal-elettriku mix-xatt" (OPS) tfisser is-sistema ta' provvista tal-elettriku lill-bastimenti rmiġġati, b'voltaġġ baxx jew għoli u b'kurrent alternat jew dirett, inklużi installazzjonijiet fuq in-naħa tal-bastiment u fuq il-**port**, meta tkun qed tiġi alimentata direttament l-iswiċċbord ta' distribuzzjoni ewlenija tal-bastiment biex tingħata enerġija lit-tagħbijiet tal-lukanda u tas-servizz, jew biex jiġu ċċarġjati l-batteriji sekondarji;
- (25) ***"domanda għall-enerġija elettrika fl-irmiġġ" tfisser id-domanda għall-elettriku minn bastiment fl-irmiġġ biex jissodisfa l-ħtiġijiet kollha tal-enerġija abbażi tal-elettriku abbord;***
- (26) ***"domanda totali stabbilita għall-enerġija elettrika tal-bastiment fl-irmiġġ" tfisser l-ogħla valur, espress f'kilowatts, tad-domanda totali għall-elettriku tal-bastiment fl-irmiġġ, inkluż it-tagħbijiet tax-xogħol tal-lukandi u tal-manijġ ta' merkanzija;***

- (27) "verifikatur" tfisser entità ġuridika li twettaq attivitajiet ta' verifika, li tiġi akkreditata minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u dan ir-Regolament;
- (28) "**dokument** tal-konformità FuelEU" tfisser **dokument** speċifiku għal bastiment, maħruġ lil kumpanija minn verifikatur, li jikkonferma li dak il-bastiment ikun ikkonforma ma' dan ir-Regolament għal perjodu speċifiku ta' rappurtar;
- (29) "bastiment tal-passiġġieri" tfisser bastiment tal-passiġġieri *kif iddefinit fl-Artikolu 2, il-punt (i), tad-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁶*;
- (30) "bastiment *tal-kruċiera*" tfisser *bastiment tal-passiġġieri li ma jkollux gverta tal-merkanzija u huwa ddisinjat esklużivament għat-trasport kummerċjali tal-passiġġieri f'akkomodazzjoni matul il-lejl fuq vjaġġ bil-baħar*;
- (31) "bastiment tal-kontejners" tfisser bastiment imfassal esklużivament għat-trasport ta' kontejners fl-istivi u fuq il-gverta;
- (32) "waqfa mhux konformi f'port" tfisser waqfa f'port ■ li matulha l-bastiment ma jikkonformax mar-rekwiżit li jinsab l-Artikolu 6(1), u ma tkun tapplika l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(5);
- (33) "perkors l-inqas favorevoli" tfisser l-aktar perkors ta' produzzjoni intensiv fil-karbonju użat għal kwalunkwe karburant partikolari;

²⁶ Id-Direttiva (UE) 2016/802 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit f'ċerti karburanti likwidi (ĠU L 132, 21.5.2001, p. 58).

- (34) "ekwivalenti ta' CO₂ " tfisser il-kejl metriku użat biex jiġu kkompjuti l-emissjonijiet mis-CO₂, CH₄ u N₂O abbażi tal-potenzjal ta' tisħin globali tagħhom, billi l-ammonti ta' CH₄ u N₂O jiġu konvertiti għall-ammont ekwivalenti ta' CO₂ bl-istess potenzjal ta' tisħin globali;
- (35) "bilanċ ta' konformità" tfisser il-kejl ta' konformità żejda jew insuffiċjenti ta' bastiment fir-rigward tal-limiti għall-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn bastiment *jew is-submira RFNBO*, li tiġi kkalkulata f'konformità mal-*Parti A* tal-Anness IV;
- (36) "surplus ta' konformità" tfisser bilanċ ta' konformità b'valur pożittiv;
- (37) "defiċit ta' konformità" tfisser bilanċ ta' konformità b'valur negattiv;
- (38) "bilanċ totali ta' konformità akkomunata" tfisser is-somma tal-bilanċi ta' konformità tal-bastimenti kollha inklużi fl-akkomunament;

- (39) "korp ta' ġestjoni tal-port" tfisser korp ta' ġestjoni tal-port kif definit fil-Artikolu 2, il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2017/352;
- (40) *"Stat responsabbli" tfisser Stat Membru appuntat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3g(1) tad-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward ta' kumpanija skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament mingħajr preġudizzju għall-għażla tal-awtoritajiet kompetenti inkarigati fl-Istat Membru rilevanti;*
- (41) *"perjodu ta' rappurtar" tfisser perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena li matulha l-informazzjoni msemmija f'dan ir-Regolament tiġi mmonitorjata u rreġistrata, li fiha d-data għal vjaġġi li jibdew u jintemmu f'sentejn kalendarji differenti titqies taħt is-sena kalendarja kkonċernata;*
- (42) *"perjodu ta' verifika" tfisser is-sena kalendarja direttament wara l-perjodu ta' rappurtar.*

KAPITOLU II

REKWIŻITI GĦALL-ENERĠIJA UŻATA ABBORD MILL-BASTIMENTI

Artikolu 4

Il-limitu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn bastiment

1. L-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn bastiment matul perjodu ta' rappurtar ma għandhiex taqbeż il-limitu stipulat fil-paragrafu 2.
2. Il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi kkalkulat billi l-valur referenzjarju ta' **91,16** grammi ta' ekwivalenti ta' CO₂ għal kull MJ ■ jitnaqqas bil-perċentwal li ġej:
 - 2 % mill-1 ta' Jannar 2025;
 - 6 % mill-1 ta' Jannar 2030;
 - **14,5** % mill-1 ta' Jannar 2035;
 - **31** % mill-1 ta' Jannar 2040;
 - **62** % mill-1 ta' Jannar 2045;
 - **80** % mill-1 ta' Jannar 2050.■
3. L-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn bastiment għandha tiġi kkalkulata bħala l-ammont ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' enerġija f'konformità mal-metodoloġija stipulata fl-Anness I.

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 biex temenda l-Anness II sabiex tinkludi l-fatturi ta' emissjoni well-to-wake relatati ma' kwalunkwe sors ġdid ta' enerġija, jew biex tadatta l-fatturi ta' emissjoni eżistenti biex tiżgura l-konsistenza mal-istandards internazzjonali futuri jew mal-atti legali tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija, *f'konformità mal-aħjar għarfien xjentifiku u tekniku disponibbli.*

Artikolu 5

L-użu ta' Fjuwils Rinnovabbli ta' Orġini Mhux Bijoloġika

1. ***Għall-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord minn bastiment, mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2033 jista' jintuża multiplikatur ta' "2" biex il-bastiment jiġi ppremjat għall-użu ta' RFNBO. Il-metodoloġija għal dan il-kalkolu hija stipulata fl-Anness I.***
2. ***Il-Kummissjoni għandha timmonitorja, tikkalkula u kull sena tippubblika, abbażi tad-data rreġistrata fil-bażi tad-data FuelEU msemija fl-Artikolu 19 u sa mhux aktar tard minn 18-il xahar wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' rappurtar, is-sehem ta' RFNBO fl-enerġija annwali użata abbord mill-bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***
3. ***Jekk is-sehem ta' RFNBO msemmi fil-paragrafu 2 ikun inqas minn 1 % għall-perjodu ta' rappurtar 2031, għandha tapplika submira ta' 2 % għal dawn il-karburanti fl-enerġija annwali użata abbord minn bastiment mill-1 ta' Jannar 2034, soġġett għall-paragrafu 5.***

4. *Il-paragrafu 3 ma għandux japplika meta r-riżultati tal-monitoraġġ previsti fil-paragrafu 2 li jkunu disponibbli qabel l-1 ta' Jannar 2033 juru li s-sehem imsemmi fil-paragrafu 2 ikun ogħla minn 2 %.*
5. *Jekk, abbażi tal-attivitajiet ta' monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 2 u wara l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ikun hemm evidenza ta' kapaċità ta' produzzjoni u disponibbiltà insuffiċjenti ta' RFNBO għas-settur marittimu, distribuzzjoni ġeografika mhux uniformi jew prezz għoli wisq għal dawk il-karburanti, is-submira prevista fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika.*
6. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw il-kriterji għall-valutazzjoni previsti fil-paragrafu 5 u l-metodu biex jiġi kkalkolat il-fattur ta' differenza fil-prezz bejn RFNBO u l-karburanti fossili użati fiċ-ċellola 14 tat-tabella fil-Parti B tal-Anness IV. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).*
7. *Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 sabiex:*
 - (a) *tissupplimenta l-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu b'elementi addizzjonali;*
 - (b) *tagħti informazzjoni dwar in-nuqqas ta' applikabbiltà tas-submira msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, li tirriżulta mill-monitoraġġ imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jew mill-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.*

8. *Fejn tapplika s-submira msemija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2033, atti ta' implimentazzjoni biex tispeċifika aktar ir-regoli għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fir-rigward ta':*

(a) il-verifika u l-kalkolu kif imsemija fl-Artikolu 16;

(b) il-mekkaniżmi ta' flessibilità applikabbli stipulati fl-Artikoli 20 u 21;

(c) il-penali ta' FuelEU applikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 23 u fl-Anness IV.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 29(3).

9. *Is-submira msemija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jekk applikabbli, ma għandhiex tapplika għal bastiment li juri li l-istess sehem tal-enerġija annwali użata abbord jintlaħaq minn karburanti oħra li jipprovdu ffrankar ekwivalenti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u li huma ċċertifikati skont l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, eskluż il-bijokarburanti msemija fil-Parti B tal-Anness IX għad-Direttiva (UE) 2018/2001.*

10. *Dan l-Artikolu ma għandux japplika għas-sehem tal-enerġija annwali użata abbord mill-bastimenti mill-provvista tal-elettriku mix-xatt.*

Artikolu 6

Rekwiżiti addizzjonali ta' emissjonijiet żero għall-enerġija użata fl-irmiġġ

1. Mill-1 ta' Jannar 2030, bastiment li jkun *irmiġġat mal-moll f'port tal-waqfa li jkun kopert mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2023/...*⁺ u li jinsab taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru għandu jikkonnettja ma' provvista tal-elettriku mix-xatt u jużaha għad-domanda tal-enerġija elettrika kollha tiegħu waqt li jkun irmiġġat.
2. *Mill-1 ta' Jannar 2035, bastiment li jkun irmiġġat mal-moll f'port tal-waqfa li ma jkunx kopert mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2023/...*⁺, li jinsab taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u fejn il-moll ikun mgħammar bi provvista tal-elettriku mix-xatt disponibbli, għandu jikkonnettja ma' dik il-provvista tal-elettriku mix-xatt u jużaha għad-domanda tal-enerġija elettrika kollha tiegħu waqt li jkun irmiġġat.
3. *Mill-1 ta' Jannar 2030 u sal-31 ta' Diċembru 2034, u wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż, fejn xieraq, il-korp ta' ġestjoni tal-port, Stat Membru jista' jiddeċiedi li bastiment li jkun irmiġġat mal-moll f'port tal-waqfa fil-ġurisdizzjoni tiegħu li ma jkunx kopert mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2023/...*⁺, jew f'ċerti partijiet ta' dan il-port, għandu jikkonnettja mal-provvista tal-elettriku mix-xatt u jużaha għad-domanda tal-enerġija elettrika kollha tiegħu waqt li jkun irmiġġat. L-Istat Membru għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu li jimponi t-tali rekwiżit lill-Kummissjoni sena qabel l-applikazzjoni tiegħu. Tali deċiżjoni trid applika mill-bidu ta' perjodu ta' rappurtar. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista aġġornata tal-portijiet ikkonċernati. Din il-lista għandha tkun faċilment aċċessibbli.

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23 (2021/0223(COD)).

4. ***Il-paragrafi 1, 2 u 3*** għandhom japplikaw għal:

- (a) bastimenti tal-kontejners;
- (b) bastimenti tal-passiġġieri.

5. ***Il-paragrafi 1, 2 u 3*** ma għandhomx japplikaw għal bastimenti li:

- (a) jkunu ***rmiġġati*** mal-***moll*** għal inqas minn sagħtejn, ikkalkulati abbażi tas-siegħa tal-wasla u l-ħin tat-tluq mmonitorjati ***u rreġistrati*** f'konformità mal-Artikolu 15;
- (b) jużaw teknoloġiji b'emissjonijiet żero ***li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali għal tali teknoloġiji previsti fl-Anness III u li huma elenkati u speċifikati fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni adottati f'konformità mal-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, għad-domanda tal-enerġija elettrika kollha tagħhom waqt li jkunu rmiġġati mal-moll;***
- (c) ***minħabba ċirkostanzi mhux previsti lil hinn mill-kontroll tal-bastiment***, ikollhom jagħmlu waqfa mhux skedata f'port, li ma ssirx fuq bażi sistematika, għal raġunijiet ta' sikurezza jew ta' salvataġġ ta' ħajja fuq il-baħar, ***għajr dawk diġà esklużi taħt l-Artikolu 3, il-punt (10);***
- (d) ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-elettriku mix-xatt minħabba n-nuqqas ta' disponibbiltà ta' punti ta' konnessjoni mal-provvista tal-elettriku mix-xatt f'port;
- (e) ***ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-elettriku mix-xatt minħabba li eċċezzjonalment l-istabbiltà tal-grilja elettrika tkun f'riskju, minħabba li l-elettriku disponibbli mix-xatt ikun insuffiċjenti biex jissodisfa d-domanda għall-enerġija elettrika meħtieġa tal-bastiment waqt li jkun irmiġġat;***

- (f) ma jkunux jistgħu jikkonnettjaw mal-provvista tal-elettriku mix-xatt minħabba li l-installazzjoni fuq ix-xatt fil-port ma tkunx kompatibbli mat-tagħmir tal-elettriku abbord għall-konnessjoni max-xatt, ***dment li l-installazzjoni għall-konnessjoni max-xatt abbord il-bastiment tkun iċċertifikata f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stipulati fl-Anness II għar-Regolament (UE) 2023/...⁺ għas-sistemi ta' konnessjoni max-xatt tal-bastimenti li jbaħħru;***
- (g) għal perjodu ta' żmien limitat, jeħtieġu l-użu ta' ġenerazzjoni tal-enerġija abbord, f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirrappreżentaw riskju immedjat għall-ħajja, il-bastiment, l-ambjent jew għal raġunijiet oħra ta' force majeure;
- (h) ***filwaqt li jibqgħu ikkonnettjati mal-provvista tal-elettriku mix-xatt, għal perjodu ta' ħin limitat għal dak li jkun strettament neċessarju, jeħtieġu l-użu ta' ġenerazzjoni tal-enerġija abbord għal testijiet ta' manutenzjoni jew għal testijiet funzjonali mwettqa fuq talba ta' uffiċjal ta' awtorità kompetenti jew mir-rappreżentant ta' organizzazzjoni rikonoxxuta li tkun qed twettaq sħarriġ jew spezzjoni.***

⁺ ĠU: Jekk jogħġbokom daħħlu fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23 (2021/0223(COD)).

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta *u taġġorna regolarment* atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 sabiex *temenda t-tabella mhux eżawrjenti stipulata fl-Anness III billi żżid* teknoloġiji b'emissjonijiet żero *oħra, skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (7).*
7. *Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-kriterji dettaljati għall-aċċettazzjoni, inkluż id-definizzjoni tal-konfini tas-sistema u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni, li għandhom jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero previsti fl-Anness III, inkluż l-aġġornamenti futuri tagħhom.*
- Għal-lista ta' teknoloġiji eżistenti prevista fl-Anness III, dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati sat-30 ta' Ġunju 2024, fejn applikabbli. Għal kwalunkwe teknoloġija ġdida, dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, meta teknoloġiji oħra kif imsemmi fl-Anness III isiru disponibbli, mingħajr dewmien żejjed.*
- Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).*
8. *Il-bastimenti għandhom jinfurmaw minn qabel lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa jew lil kwalunkwe entità debitament awtorizzata qabel jidħlu fil-portijiet dwar l-intenzjoni tagħhom li jikkonnettjaw mal-provvista tal-elettriku mix-xatt jew l-intenzjoni tagħhom li jużaw teknoloġija b'emissjonijiet żero fl-applikazzjoni tal-paragrafu 5, il-punt (b). Il-bastimenti li beħsiebhom jikkonnettjaw mal-provvista tal-elettriku mix-xatt għandhom jindikaw ukoll l-ammont ta' enerġija li jistennew li jeħtieġu matul dik il-waqfa fil-port.*

Malli tirċievi l-informazzjoni minn bastiment rigward il-konnessjoni mal-provvista tal-elettriku mix-xatt imsemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa jew kwalunkwe entità debitament awtorizzata għandha tikkonferma lill-bastiment jekk il-konnessjoni mal-provvista tal-elettriku mix-xatt hijiex disponibbli.

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta f'konformità mal-ewwel u t-tieni subparagrafi, kif ukoll il-proċedura biex tingħata dik l-informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).

9. *L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa jew kwalunkwe entità debitament awtorizzata, wara konsultazzjoni mal-korp ta' ġestjoni tal-port fejn xieraq, għandha tiddetermina u tirreġistra fil-bażi tad-data FuelEU, mingħajr dewmien, l-informazzjoni li ġejja:*

(a) l-applikazzjoni ta' eċċezzjoni stipulata fil-paragrafu 5;

(b) in-nuqqas ta' konformità ta' bastiment mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1, 2 u 3 meta ma tapplika l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafu 5.

10. Mill-1 ta' Jannar 2035, *fil-portijiet li jaqgħu taħt ir-rekwiżiti tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2023/...*⁺, għandu jkun possibbli li jiġu applikati biss l-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafu 5, il-punti (d), (e) u (f) ■ għal *numru massimu ta' waqfiet f'portijiet li jikkorrispondu għal 10 % tan-numru totali ta' waqfiet f'portijiet ta' bastiment li jkunu seħħew matul perjodu ta' rappurtar, aġġustat sal-egreb numru sħiħ, fejn ikun rilevanti, jew għal massimu ta' 10 waqfiet f'portijiet matul il-perjodu ta' rappurtar rilevanti, skont liema jkun l-aktar baxx.*

Waqfa f'port ma għandhiex tingħadd għall-finijiet ta' konformità ma' din id-dispożizzjoni fejn il-kumpanija turi, *abbażi tal-iskambju ta' informazzjoni previst fil-paragrafu 8*, li ma setgħetx tkun taf b'mod raġonevoli li l-bastiment mhux ser ikun jista' jikkonnettja *mal-provvista tal-elettriku mix-xatt* għal kwalunkwe *waħda mir-raġunijiet* imsemmija fil-paragrafu 5, il-punti (d), (e) jew (f).

11. *Stat Membru jista' jiddeċiedi li, f'port jew f'ċerti partijiet ta' port fil-ġurisdizzjoni tiegħu, bastimenti tal-kontejners jew bastimenti tal-passiġġieri fl-ankraġġ ikunu koperti mill-istess obbligi stipulati f'dan ir-Regolament applikabbli għall-bastimenti li jkunu rmiġġati mal-moll. L-Istat Membru għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu li timponi t-tali rekwiżit lill-Kummissjoni sena qabel l-applikazzjoni tagħha. Tali deċiżjoni trid applika mill-bidu ta' perjodu ta' rappurtar. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u tagħmel disponibbli għall-pubbliku lista aġġornata tal-portijiet ikkonċernati. Din il-lista għandha tkun faċilment aċċessibbli.*

⁺ ĠU: Jekk jogħġbokom daħħlu fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23 (2021/0223(COD)).

KAPITOLU III

PRINĊIPJI KOMUNI U ĊERTIFIKAZZJONI

Artikolu 7

Prinċipji komuni għall-monitoraġġ u r-rappurtar

1. F'konformità mal-Artikoli 8, 9 u 10, għal kull bastiment tagħhom, il-kumpaniji għandhom jimmonitorjaw u jirrappurtaw dwar id-data rilevanti matul perjodu ta' rappurtar. Huma għandhom iwettqu l-monitoraġġ u r-rappurtar fil-portijiet kollha fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru u għal kwalunkwe vjaġġ *imsemmi fl-Artikolu 2(1)*.
2. Il-monitoraġġ u r-rappurtar għandhom ikunu kompleti u għandhom ikopru l-enerġija użata abbord mill-bastimenti *fil-ħinijiet kollha*, kemm meta jkunu qed ibaħħru kif ukoll meta jkunu rmiġġati. Il-kumpaniji għandhom japplikaw miżuri xierqa biex jevitaw kull lakuna fid-data fil-perjodu ta' rappurtar.
3. Il-monitoraġġ u r-rappurtar għandhom ikunu konsistenti u kumparabbli tul iż-żmien. Għal dak il-għan, il-kumpaniji għandhom jużaw l-istess metodoloġiji ta' monitoraġġ u l-istess settijiet ta' data, soġġett għal modifiki vvalutati mill-verifikatur. Il-kumpaniji għandhom jippermettu aċċertament raġonevoli tal-integrità tad-data li għandha tiġi mmonitorjata u rrappurtata.

4. Il-kumpaniji għandhom jiksbu, **■** janalizzaw u **jaħżnu, għal mill-inqas ħames snin**, id-data **u d-dokumentazzjoni kollha** tal-monitoraġġ, inkluż is-suppożizzjonijiet, ir-referenzi, il-fatturi ta' emissjoni, **in-noti ta' kunsinna tal-bunker kif ikkomplementati f'konformità mal-Anness I** u d-data dwar l-attivitajiet, **u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi vverifikata l-konformità ma' dan ir-Regolament**, b'mod trasparenti u preċiż, **fuq karta jew f'forma elettronika**, sabiex il-verifikatur ikun jista' jiddetermina l-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti.
5. Fit-twettiq tal-attivitajiet ta' monitoraġġ u rappurtar stipulati fl-Artikoli 8, 9, 10 u 15 ta' dan ir-Regolament, għandhom jintużaw fejn xieraq l-informazzjoni u d-data miġbura għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2015/757.

Artikolu 8

Pjan ta' monitoraġġ

1. Sal-31 ta' Awwissu 2024, il-kumpaniji għandhom jissottomettu lill-verifikaturi pjan ta' monitoraġġ għal kull wieħed mill-bastimenti tagħhom li fih jindikaw il-metodu magħżul minn fost il-metodi stipulati fl-Anness I biex jimmonitorjaw u jirrappurtaw l-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti u informazzjoni rilevanti oħra.
2. Għal bastimenti li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għall-ewwel darba wara l-31 ta' Awwissu 2024, il-kumpaniji għandhom jissottomettu pjan ta' monitoraġġ lill-verifikatur mingħajr dewmien mhux iġġustifikat u mhux aktar tard minn xahrejn wara l-ewwel waqfa f'port ta' kull bastiment fil-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

3. Il-pjan ta' monitoraġġ għandu jikkonsisti minn dokumentazzjoni kompleta u trasparenti u għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
- (a) l-identifikazzjoni u t-tip tal-bastiment, inkluż l-isem, in-numru tal-identifikazzjoni tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) tiegħu, il-port tar-reġistrazzjoni jew il-port tad-domiċilju tiegħu, u isem sid il-bastiment;
 - (b) l-isem tal-kumpanija u l-indirizz, id-dettalji tat-telefown u tal-email ta' persuna ta' kuntatt;
 - (c) deskrizzjoni tas-sistemi ta' konverżjoni tal-enerġija installati abbord, u l-kapaċità tal-potenza relatata espressa f'megawatts (MW);
 - (d) ***għall-bastimenti msemmija fl-Artikolu 6(4), il-punt (b), deskrizzjoni tal-istandards u l-karatteristiċi tat-tagħmir li jippermetti l-konnessjoni mal-provvista tal-enerġija mix-xatt, jew ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero;***
 - (e) ***il-valur tad-domanda totali stabbilita għall-enerġija elettrika tal-bastiment fl-irmiġġ, kif ipprovdut fil-bilanċ tat-tagħbija elettrika jew fl-istudju tat-tagħbija elettrika tiegħu li juża biex juri l-konformità mar-Regolamenti 40 u 41 tal-Kapitolu II-1 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), kif approvat mill-amministrazzjoni tal-bandiera tiegħu jew minn organizzazzjoni rikonoxxuta kif definit fil-Kodiċi tal-IMO għall-Organizzazzjonijiet Rikonoxxuti adottat bir-riżoluzzjonijiet MEPC.237(65) u MSC.349(92); F'każ li l-bastiment ma jkunx jista' jipprovdi dik ir-referenza, il-valur ikkunsidrat ikun 25 % tat-total tal-klassifikazzjonijiet kontinwi massimi tal-magni ewlenin tal-bastiment kif speċifikat fiċ-ċertifikat EIAPP tagħhom mogħti b'applikazzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Bastimenti (MARPOL) jew, jekk il-magni ma jkunux meħtieġa li jkollhom ċertifikat EIAPP, fuq il-pjanċa tal-isem tal-magni;***

- (f) deskrizzjoni tas-sorsi intenzjonati ta' enerġija li għandhom jintużaw abbord waqt in-navigazzjoni u mal-irmiġġ biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 u 6;
- (g) deskrizzjoni tal-proċeduri għall-monitoraġġ tal-konsum tal-karburant tal-bastiment, kif ukoll tal-enerġija pprovduta minn sorsi alternattivi tal-enerġija jew teknoloġija b'emissjonijiet żero ■ ;
- (h) *deskrizzjoni tal-proċeduri għall-monitoraġġ u r-rappurtar tal-fatturi ta' emissjoni well-to-tank u tank-to-wake tal-enerġija li għandha tintuża abbord, f'konformità mal-metodi speċifikati fl-Artikolu 10 u fl-Annessi I u II;*
- (i) deskrizzjoni tal-proċeduri użati biex tiġi mmonitorjata l-kompletezza tal-lista ta' vjaġġi;
- (j) deskrizzjoni tal-proċeduri użati biex tiġi ddeterminata d-data dwar l-attivitajiet għal kull vjaġġ, inklużi l-proċeduri, ir-responsabbiltajiet, il-formuli u s-sorsi tad-data biex jiġi ddeterminat u rreġistrat il-ħin imqatta' fuq il-baħar bejn il-port tat-tluq u l-port tal-wasla, u l-ħin imqatta' fl-irmiġġ;
- (k) deskrizzjoni tal-proċeduri, is-sistemi u r-responsabbiltajiet użati biex tiġi aġġornata kwalunkwe data inkluża fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rappurtar;
- (l) deskrizzjoni tal-metodu li għandu jintuża biex tiġi ddeterminata d-data ta' sostituzzjoni li tista' tintuża għall-eliminazzjoni ta' lakuni fid-data *jew għall-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji fid-data;*
- (m) folja ta' reġistrazzjoni tar-reviżjonijiet biex jiġu rreġistrati d-dettalji kollha tal-istorja tar-reviżjonijiet;

- (n) *meta l-kumpanija titlob li l-enerġija addizzjonali użata minħabba l-klassi tas-silġ tal-bastiment tiġi eskluża mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stipulat fl-Anness IV, informazzjoni dwar il-klassi tas-silġ tal-bastiment;*
- (o) *meta l-kumpanija titlob li l-enerġija addizzjonali użata minħabba t-tbaħħir f'kondizzjonijiet tas-silġ tiġi eskluża mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stipulat fl-Anness IV, informazzjoni dwar il-klassi tas-silġ tal-bastiment u deskrizzjoni ta' proċedura verifikabbli għall-monitoraġġ tad-distanza vjaġġgata għall-vjaġġ kollu kif ukoll tad-distanza vjaġġgata waqt it-tbaħħir f'kondizzjonijiet tas-silġ, id-data, il-ħin u l-pożizzjoni mad-dħul u l-ħruġ mill-kondizzjonijiet tas-silġ u l-konsum tal-karburant waqt it-tbaħħir f'kondizzjonijiet tas-silġ;*
- (p) *għal bastiment mgħammar bi propulsjoni assistita mir-riħ, deskrizzjoni tat-tagħmir ta' propulsjoni bir-riħ installat abbord u l-valuri ta' P_{Wind} u P_{Prop} kif iddefinit fl-Anness I.*

4. Il-kumpaniji għandhom jużaw pjanijiet ta' monitoraġġ standardizzati bbażati fuq mudelli. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw dawk il-mudelli, inkluż ir-regoli tekniċi għall-applikazzjoni uniformi tagħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 29(3).

Artikolu 9

Modifiki tal-pjan ta' monitoraġġ

1. Il-kumpaniji għandhom jiċċekkjaw regolarment, u mill-inqas kull sena, jekk il-pjan ta' monitoraġġ ta' bastiment jirriflettix in-natura u l-funzjonament tal-bastiment u jekk kwalunkwe data inkluża fih tistax tiġi mtejbja, *ikkoreġuta jew aġġornata*.

2. Il-kumpaniji għandhom jimmodifikaw il-pjan ta' monitoraġġ ***mingħajr dewmien mhux iġġustifikat meta sseħħ*** kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- (a) bidla fil-kumpanija;
 - (b) jibdew jintużaw sistemi ġodda ta' konverżjoni tal-enerġija, tipi ġodda ta' enerġija, ***sistemi ġodda għall-konnessjoni mal-provvista tal-elettriku mix-xatt, jew*** sorsi alternattivi ***ġodda*** tal-enerġija jew teknoloġiji b'emissjonijiet zero **■** ;
 - (c) bidla fid-disponibbiltà tad-data minħabba l-użu ta' tipi ġodda ta' tagħmir tal-kejl, metodi ta' kampjunar jew metodi ta' analiżi ġodda, jew inkella għal raġunijiet oħra, tista' taffettwa l-akkuratezza tad-data miġbura;
 - (d) ***kumpaniji, verifikaturi jew awtoritajiet kompetenti jkunu sabu li*** d-data li tirriżulta mill-metodu ta' monitoraġġ applikat ma tkunx korretta;
 - (e) ***verifikaturi jkunu identifikaw*** kwalunkwe parti mill-pjan ta' monitoraġġ bħala li mhijiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, u l-kumpanija tkun meħtieġa tirrevediha mill-verifikatur skont l-Artikolu 11(1);

(f) kumpaniji, verifikaturi jew awtoritajiet kompetenti jkunu sabu li l-metodi għall-prevenzjoni tal-lakuni fid-data u l-identifikazzjoni ta' żbalji tad-data mhumix adegwati biex jiżguraw l-akkuratezza, il-kompletezza u t-trasparenza tad-data.

3. Il-kumpaniji għandhom jinnotifikaw lill-verifikaturi mingħajr dewmien mhux iġġustifikat bi kwalunkwe proposta għal modifika fil-pjan ta' monitoraġġ.

■

Artikolu 10

Ċertifikazzjoni ta' karburanti *u ta' fatturi ta' emissjoni*

1. Fejn, kif iddefinit fid-Direttiva (UE) 2018/2001, il-bijokarburanti, il-bijogass, l-RFNBO u l-karburanti tal-karbonju riċiklat għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:
- (a) ■ bijokarburanti u bijogass li *ma jikkonformawx* mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 *jew li jkunu prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-għalf* għandhom *jitqiesu* li *għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors l-inqas favorevoli tal-karburanti fossili għal dak it-tip ta' karburant*;

(b) ■ RFNBO u **karburanti** tal-karbonju riċiklat li **ma jikkonformawx** mal-livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom **jitqiesu** li **għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors l-inqas favorevoli tal-karburanti fossili għal dak it-tip ta' karburant**.

2. **Karburanti mhux koperti fil-paragrafu 1** għandhom jitqiesu li għandhom l-istess fatturi ta' emissjoni bħall-perkors l-inqas favorevoli tal-karburanti fossili **għat-tip ta' karburant inkwistjoni, dment li ma jkunux ġew iċċertifikati f'konformità mal-atti legali tal-Unjoni dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, li jistabbilixxu livell limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u metodoloġija assoċjata biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni ta' dawn il-karburanti**.
3. **Abbażi tan-noti ta' kunsinna tal-bunker tal-karburant ikkomplementati f'konformità mal-Anness I għal dan ir-Regolament, il-kumpaniji** għandhom jipprovdu data preċiża, **kompluta** u affidabbli dwar l-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-karburanti li **għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament li jkunu ġew iċċertifikati skont skema li tkun rikonoxxuta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, fejn applikabbli, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti legali tal-Unjoni dwar is-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu**.

4. *Il-kumpaniji ma għandhomx jiddevjaw mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni well-to-tank stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament għall-karburanti fossili. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati li jiddevjaw mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni well-to-tank stipulati fl-Anness II għal dan ir-Regolament, dment li l-valuri reali jiġu ċċertifikati skont skema li tkun rikonoxxuta mill-Kummissjoni. Għall-bijokarburanti, il-bijogass, l-RFNBO u l-karburanti tal-karbonju riċiklat, dik iċ-ċertifikazzjoni għandha ssir f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew, fejn applikabbli, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti legali tal-Unjoni dwar is-swieq intern tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu.*
5. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati li jiddevjaw mill-valuri prestabbiliti għall-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake *stipulati fl-Anness II, bl-eċċezzjoni tal-fatturi ta' emissjoni tas-CO₂ tank-to-wake għal karburanti fossili*, dment li l-valuri reali jiġu ċċertifikati permezz ta' ttestjar fil-laboratorju jew kejl dirett tal-emissjonijiet.
6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' *implimentazzjoni* sabiex *jispeċifikaw liema standards u referenzi taċ-ċertifikazzjoni internazzjonali huma aċċettati biex jiġu ddimostrati l-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake reali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).*

KAPITOLU IV
VERIFIKA U AKKREDITAMENT

Artikolu 11

Valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat

1. ***Għal kull bastiment u f'każ ta' bidla tal-verifikatur, il-verifikatur għandu jivvaluta l-konformità tal-pjan ta' monitoraġġ mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 7, 8 u 9. Fejn il-valutazzjoni tal-verifikatur tidentifika nuqqasijiet ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti, il-kumpanija kkonċernata għandha tirrevedi **mingħajr dewmien mhux iġġustifikat** il-pjan ta' monitoraġġ tagħha kif meħtieġ u tissottometti l-pjan rivedut għal valutazzjoni finali mill-verifikatur qabel ma jibda l-perjodu ta' rappurtar. Il-kumpanija kkonċernata għandha taqbel mal-verifikatur dwar il-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jiġu introdotti dawk ir-reviżjonijiet. Fi kwalunkwe każ, dak il-perjodu ta' żmien ma għandux jiskorri l-bidu tal-perjodu ta' rappurtar.***
2. ***Il-modifiki fil-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 9(2), il-punti (b), (c) u (d) għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni mill-verifikatur. Wara dik il-valutazzjoni, il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija kkonċernata dwar jekk dawk il-modifiki jkunux f'konformità ■ mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 7, 8 u 9.***

■

3. ***Ladarba l-pjan ta' monitoraġġ u l-pjan ta' monitoraġġ modifikat ikunu ġew iwwalutati b'mod sodisfaċenti, il-verifikatur għandu jirreġistrahom fil-bażi tad-data FuelEU. Il-pjan ta' monitoraġġ u l-pjan ta' monitoraġġ modifikat għandhom ikunu aċċessibbli għall-Istat responsabbli.***

Artikolu 12

Obbligi u prinċipji ġenerali għall-verifikaturi

1. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti mill-kumpanija jew mill-operatur ta' bastiment u għandu jwettaq l-attivitajiet meħtieġa skont dan ir-Regolament fl-interess pubbliku. Għal dak l-iskop ***u sabiex jiġi evitati kunflitti ta' interess potenzjali***, la l-verifikatur u lanqas xi parti minn entità ġuridika li jkun jagħmel parti minnha ma għandhom ikunu kumpanija, operatur ta' bastiment jew sid ta' kumpanija. Barra minn hekk, il-verifikatur ma għandux ikun proprjetà ta' kumpanija, operatur ta' bastiment jew sid ta' kumpanija, u lanqas ma għandu jkollu relazzjonijiet ma' kumpanija li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu.
2. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-affidabbiltà, il-kredibbiltà, l-akkuratezza ***u l-kompletezza*** tad-data u tal-informazzjoni relatati mal-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni tal-enerġija użata abbord mill-bastimenti, b'mod partikolari:
 - (a) l-attribuzzjoni tal-konsum tal-karburant u l-użu ta' sorsi alternattivi tal-enerġija għall-vjaġġi ***u fl-irmiġġ***;
 - (b) id-data dwar il-konsum tal-karburant irrappurtata u l-kejl u l-kalkoli relatati;

- (c) l-għażla u l-użu tal-fatturi ta' emissjoni;
- (d) l-użu ta' provvista tal-elettriku mix-xatt jew l-applikazzjoni ta' kwalunkwe waħda mill-eċċezzjonijiet *irreġistrati fil-bażi tad-data FuelEU* f'konformità mal-Artikolu 6(9), il-punt (a);
- (e) *id-data meħtieġa skont l-Artikolu 10(3).*

3. Il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun ibbażata fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- (a) jekk id-data rrappurtata tkunx koerenti b'rabta mad-data stmata li tkun ibbażata fuq id-data ta' traċċar tal-bastiment u karatteristiċi bħall-potenza tal-magna installata;
- (b) jekk id-data rrappurtata tkunx ħielsa minn inkonsistenzi, b'mod partikolari meta jitqabblu l-volum totali tal-karburant mixtri kull sena minn kull bastiment u l-konsum aggregat tal-karburant matul il-vjaġġi;
- (c) jekk il-ġbir tad-data jkunx twettaq f'konformità mar-regoli applikabbli; u
- (d) jekk ir-reġistri rilevanti tal-bastiment ikunux kompleti u konsistenti.

Artikolu 13

Proċeduri ta' verifika

1. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-proċess ta' monitoraġġ u rappurtar billi jqabbel l-ammont, it-tip u l-fattur ta' emissjoni rrappurtati tal-enerġija użata abbord minn bastimenti mad-data stmata abbażi tad-data ta' traċċar tal-bastimenti u karatteristiċi bħall-potenza tal-magna installata. Fejn jinstabu *diverġenzi* sinifikanti, il-verifikatur għandu jwettaq analiżijiet ulterjuri.

2. Il-verifikatur għandu jidentifika r-riskji potenzjali relatati mal-passi differenti tal-kalkolu billi jirrieżamina s-sorsi tad-data u l-metodoloġiji kollha użati mill-kumpanija kkonċernata.
3. Il-verifikatur għandu jieħu inkunsiderazzjoni kull metodu effettiv ta' kontroll tar-riskju applikat mill-kumpanija kkonċernata biex jiżnaqqsu l-livelli ta' inċertezza assoċjati mal-akkuratezza speċifika għall-metodi ta' monitoraġġ użati.
4. ***Fuq talba tal-verifikatur, il-kumpanija kkonċernata għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermetti lill-verifikatur iwettaq l-attivitajiet ta' verifika tiegħu. Fejn meħtieġ biex jiġu ddeterminati l-affidabbiltà, il-kredibbiltà, l-akkuratezza u l-kompletezza tad-data u tal-informazzjoni rappurtati, il-verifikatur għandu jwettaq kontrolli matul il-proċess ta' verifika. F'każ ta' dubju, il-verifikatur jista' jwettaq żjarat fuq il-post fil-bini tal-kumpanija jew abbord il-bastiment. Il-kumpanija għandha tippermetti lill-verifikatur jaċċessa l-bini tal-kumpanija jew il-bastiment sabiex tiffaċilita l-attivitajiet ta' verifika.***

5. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika aktar ir-regoli għall-attivitajiet ta' verifika msemmija f'dan ir-Regolament, mill-inqas dwar l-elementi li ġejjin: il-kompetenzi tal-verifikaturi; id-dokumenti li għandhom jiġu pprovduti mill-kumpaniji lill-verifikaturi; il-valutazzjoni tal-konformità tal-pjan ta' monitoraġġ u tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat; il-valutazzjoni tar-riskju, inkluż il-kontrolli, li għandhom jitwettqu mill-verifikaturi; il-verifika tar-rapport FuelEU msemmi fl-Artikolu 15(3); il-livell ta' materjalità; l-assigurazzjoni raġonevoli mill-verifikaturi; id-dikjarazzjonijiet skorretti u n-nuqqasijiet ta' konformità; il-kontenut tar-rapport ta' verifika; ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib; iż-żjarat fuq il-post; u l-komunikazzjoni bejn il-kumpaniji, il-verifikaturi, l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni. Ir-regoli speċifikati f'dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-verifika previsti fl-Artikoli 11 u 12 u f'dan l-Artikolu u fuq standards rilevanti aċċettati fil-livell internazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).*

Artikolu 14

Akkreditament tal-verifikaturi

1. Il-verifikaturi għandhom jiġu akkreditati għall-attivitajiet ta' verifika li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008. ***Sa tmiem ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditament għandu jinnotifika l-lista ta' verifikaturi akkreditati lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni ta' kuntatt kollha rilevanti.***
2. Fejn f'dan ir-Regolament ma jkunux stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-akkreditament tal-verifikaturi, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.
3. ***Il-verifikaturi għandhom dejjem ikollhom biżżejjed mezz u persunal biex ikunu jistgħu jlaħħqu mad-daqs tal-flotta li għaliha jwettqu attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament. B'mod partikolari, il-verifikaturi għandhom dejjem ikollhom biżżejjed għarfien espert, b'mod partikolari fit-trasport marittimu, biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti meħtieġa skont dan ir-Regolament. Huma għandhom ikunu kapaċi jassenjaw il-mezzi u l-persunal għal kull post tax-xogħol, meta u kif meħtieġ biex iwettqu l-kompiti meħtieġa skont dan ir-Regolament.***

4. *Awtorità kompetenti li tidentifika n-nuqqas ta' konformità tal-attivitajiet ta' verifikatur fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-korp nazzjonali ta' akkreditament li jkun akkredita lill-verifikatur. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-korp nazzjonali ta' akkreditament għandha titlob lill-korp nazzjonali ta' akkreditament tiegħu biex iqis dik l-informazzjoni bħala parti mill-attivitajiet ta' sorveljanza tiegħu.*
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodi u kriterji ulterjuri ta' akkreditament tal-verifikaturi, *mill-inqas dwar l-elementi li ġejjin: it-talba għal akkreditament għall-attivitajiet ta' verifika fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament; il-valutazzjoni ta' verifikaturi mill-korpi nazzjonali ta' akkreditament; l-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa mill-korpi nazzjonali ta' akkreditament biex jikkonfermaw il-kontinwazzjoni tal-akkreditament; il-miżuri amministrattivi li għandhom jiġu adottati f'każ li l-verifikatur ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament; u r-rekwiżiti għall-korpi nazzjonali ta' akkreditament sabiex ikunu kompetenti biex jipprovdu l-akkreditament lill-verifikaturi għall-attivitajiet ta' verifika fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż referenza għal standards armonizzati.* Il-metodi u l-kriterji speċifikati f'dawk l-atti delegati għandhom ikunu bbażati fuq il-prinċipji għall-verifika previsti fl-Artikoli 11, 12 u 13 u fuq standards rilevanti aċċettati fil-livell internazzjonali.

KAPITOLU V

REĠISTRAZZJONI, VERIFIKA, RAPPORTAR U VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

Artikolu 15

Monitoraġġ u rapportar

1. ***Mill-1 ta' Jannar 2025, abbażi*** tal-pjan ta' monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 8, u wara l-valutazzjoni ta' dak il-pjan mill-verifikatur, il-kumpaniji għandhom ***jimmonitorjaw u*** jirreġistraw għal kull bastiment li jasal fi jew jitlaq minn ***port tal-waqfa***, u għal kull vjaġġ ***imsemmi fl-Artikolu 2(1)***, l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-port tat-tluq u l-port tal-wasla, inklużi d-data u l-ħin tat-tluq u tal-wasla u l-ħin imqatta' fl-irmiġġ;
 - (b) għal kull bastiment ***li għalih*** japplika l-Artikolu 6(1), il-konnessjoni ma' u l-użu ta' provvista tal-elettriku mix-xatt jew l-***applikazzjoni*** ta' kwalunkwe waħda mill-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(5) ***kif ikkonfermat skont l-Artikolu 6(9), il-punt (a), fejn applikabbli***;
 - (c) l-ammont ta' kull tip ta' karburant ikkunsmat fl-irmiġġ u fuq il-baħar;
 - (d) ***l-ammont ta' elettriku kkonsenjat lill-bastiment permezz ta' provvista tal-elettriku mix-xatt***;

- (e) **Il** għal kull tip ta' karburant ikkunsmat fl-irmiġġ u fil-baħar, **il-fattur ta' emissjoni well-to-tank, il-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake tal-karburant maħruq u l-fatturi ta' emissjoni tank-to-wake ta' karburant mhux ikkalkulat assoċjati mal-konsumaturi differenti tal-karburant abbord**, li jkopru l-gassijiet serra rilevanti kollha;
- (f) l-ammont ta' kull tip ta' sors alternattiv tal-enerġija kkunsmat fl-irmiġġ u fuq il-baħar;
- (g) **informazzjoni dwar il-klassi tas-silġ tal-bastiment, jekk il-kumpanija titlob li l-enerġija addizzjonali użata minħabba l-klassi tas-silġ tal-bastiment tiġi eskluża mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stipulat fl-Anness IV bl-użu tar-Rakkomandazzjoni 25/7 tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (HELCOM) dwar is-sikurezza tan-navigazzjoni fix-xitwa fil-Baħar Baltiku biex tiġi stabbilita l-korrispondenza bejn il-klassijiet tas-silġ;**
- (h) **il-klassi tas-silġ tal-bastiment, id-data, il-ħin u l-pożizzjoni meta wieħed jidħol u joħroġ mill-kundizzjonijiet tas-silġ, l-ammont ta' kull tip ta' karburant ikkunsmat u d-distanza vjaġġata waqt it-tbajhir f'kundizzjonijiet tas-silġ kif ukoll id-distanza totali vjaġġata għall-vjaġġi kollha matul il-perjodu ta' rapportar jekk il-kumpanija titlob li teskludi l-enerġija addizzjonali użata minħabba t-tbajhir f'kundizzjonijiet tas-silġ mill-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità stipulat fl-Anness IV.**
2. Il-kumpaniji għandhom jirreġistraw l-informazzjoni u d-data elenkati fil-paragrafu 1 **fil-ħin u** b'mod trasparenti u **jikkompilawhom fuq bażi annwali b'tali mod li jippermettu** lill-verifikatur jivverifika l-konformità ma' dan ir-Regolament.
3. Sal-**31 ta' Jannar** tal-**perjodu ta' verifika**, il-kumpaniji għandhom jipprovdu lill-verifikatur **rapport speċifiku għall-bastiment (ir-"rapport FuelEU")** li jkun fih l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu **u d-data ta' monitoraġġ u d-dokumentazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(4) għall-perjodu ta' rapportar.**

4. *F'każ ta' trasferiment ta' bastiment minn kumpanija għal oħra:*

- (a) *il-kumpanija li tittrasferixxi għandha tinnotifika lill-verifikatur bl-informazzjoni msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għaż-żmien li matulu kienet assumiet ir-responsabbiltà għat-tħaddim tal-bastiment;*
- (b) *kemm jista' jkun prattiku qrib il-jum ta' tlestija tat-trasferiment u mhux aktar tard minn xahar wara dan, l-informazzjoni msemija fil-punt (a) għandha tiġi verifikata u rreġistrata fil-bażi tad-data FuelEU f'konformità mal-Artikolu 16 mill-verifikatur li wettaq attivitajiet ta' verifika għall-bastiment taħt il-kumpanija li tittrasferixxi; u*
- (c) *mingħajr preġudizzju għall-punti (a) u (b), il-kumpanija li għandha tassumi r-responsabbiltà għat-tħaddim tal-bastiment fil-31 ta' Diċembru tal-perjodu ta' rapportar għandha tkun responsabbli għall-konformità tal-bastiment mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikoli 4 u 6 għall-perjodu kollu ta' rapportar li matulu jkun sar it-trasferiment jew it-trasferimenti multipli.*

Artikolu 16

Verifika u kalkolu

1. Wara l-verifika ***kif stipulat*** fl-Artikoli 11, 12 u 13, il-verifikatur għandu jivvaluta l-kwalità, il-kompletezza u l-akkuratezza tar-rapport ***FuelEU***. ***Għal dak il-għan, il-verifikatur għandu juża kwalunkwe informazzjoni li tinsab fil-bażi tad-data FuelEU, inkluż l-informazzjoni pprovduta dwar waqfiet f'port f'konformità mal-Artikolu 6.***

2. *Fejn il-valutazzjoni tal-verifika msemija fil-paragrafu 1 tikkonkludi, b'assigurazzjoni raġonevoli mill-verifikatur, li r-rapport FuelEU jkun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità materjali, il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija kkonċernata b'rapport ta' verifika li jindika li r-rapport FuelEU jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Ir-rapport ta' verifika għandu jispeċifika l-kwistjonijiet kollha rilevanti għall-ħidma mwettqa mill-verifikatur.*
3. *Fejn il-valutazzjoni tal-verifika tidentifika dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità ma' dan ir-Regolament, il-verifikatur għandu jinforma lill-kumpanija kkonċernata dwar dan f'waqtu. Il-kumpanija għandha, mingħajr dewmien żejjed, tikkoreġi d-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità sabiex tippermetti li jiġi ffinalizzat il-proċess ta' verifika fil-ħin u għandha tippreżenta lill-verifikatur rapport FuelEU emendat u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa biex tikkoreġi d-dikjarazzjonijiet skorretti jew n-nuqqasijiet ta' konformità identifikati. Fir-rapport ta' verifika tiegħu, il-verifikatur għandu jindika jekk ir-rapport FuelEU emendat jikkonformax ma' dan ir-Regolament. Fejn id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità kkomunikati ma jkunux ġew ikkoreġuti u dawn iwasslu għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali, il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija b'rapport ta' verifika li jindika li r-rapport FuelEU ma jikkonformax ma' dan ir-Regolament.*
4. Abbażi tar-rapport FuelEU li jikkonforma ma' dan ir-Regolament, il-verifikatur għandu jikkalkula:
- (a) bl-użu tal-metodu speċifikat fl-Anness I, l-intensità medja annwali tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord mill-bastiment ikkonċernat;
 - (b) bl-użu tal-formula speċifikata fil-**Parti A** tal-Anness IV, il-bilanċ ta' konformità tal-bastiment;

- (c) l-għadd ta' waqfiet f'port mhux konformi fil-perjodu ta' rapportar preċedenti inkluż il-ħin imqatta' *rmiġġat mal-moll u, fejn applikabbli, f'konformità mal-Artikolu 6(9), fl-ankraġġ*, għal kull *waqfa f'port tal-bastiment* mhux konformi *mar-rekwiżiti li jinsabu fl-Artikolu 6*;
- (d) l-ammont ta' *enerġija annwali użata abbord minn bastiment, eskluż il-provvista tal-elettriku mix-xatt*;
- (e) *l-ammont ta' enerġija annwali użata abbord minn bastiment mill-RFNBO.*

5. *Sal-31 ta' Marzu tal-perjodu ta' verifika, il-verifikatur għandu jinnotifika lill-kumpanija bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u jirreġistra fil-bażi tad-data FuelEU r-rapport FuelEU konformi ma' dan ir-Regolament, ir-rapport ta' verifika u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.*

L-informazzjoni kollha rreġistrata fil-bażi tad-data FuelEU għandha tkun aċċessibbli għall-Istat amministrattiv.

Artikolu 17

Kontrolli addizzjonali minn awtorità kompetenti

- 1. *Fi kwalunkwe ħin, l-awtorità kompetenti tal-Istat amministrattiv fir-rigward ta' kumpanija tista', għal kwalunkwe wieħed mill-bastimenti tagħha, fir-rigward taż-żewġ perjodi ta' rapportar preċedenti, twettaq kontrolli addizzjonali ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:*
 - (a) *ir-rapport FuelEU li jikkonforma ma' dan ir-Regolament stabbilit f'konformità mal-Artikoli 15 u 16;*

(b) ir-rapport ta' verifika stabbilit f'konformità mal-Artikolu 16;

(c) il-kalkoli magħmula mill-verifikatur f'konformità mal-Artikolu 16(4).

- 2. Fuq talba tal-awtorità kompetenti msemija fil-paragrafu 1, il-kumpanija għandha ttipprovdi kwalunkwe informazzjoni jew dokumenti meħtieġa li jippermettu lill-awtorità kompetenti twettaq kontrolli addizzjonali u għandha tippermetti aċċess għall-bini tal-kumpanija jew għall-bastiment biex tiffaċilita tali kontrolli addizzjonali.*
- 3. L-awtorità kompetenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha toħroġ rapport ta' kontrolli addizzjonali li jinkludi, fejn applikabbli, il-kalkoli aġġornati magħmula fl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(1), il-punt (c), l-ammont aġġornat tas-surplus ta' konformità jew tal-antiċipu tas-surplus ta' konformità u l-ammont aġġornat tal-penali FuelEU.*
- 4. Meta r-rapport ta' kontrolli addizzjonali msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jidentifika dikjarazzjonijiet skorretti, nuqqasijiet ta' konformità jew kalkoli ħżiena li jirriżultaw f'nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 4 jew 6 u, konsegwentement, f'penali FuelEU jew modifika tal-ammont ta' penali FuelEU diġà mħallas, l-awtorità kompetenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinnotifika lill-kumpanija kkonċernata bl-ammont korrispondenti tal-penali FuelEU jew tal-penali FuelEU modifikata. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanija responsabbli għall-bastiment matul il-perjodu soġġett għall-kontrolli addizzjonali għandha tħallas ammont ugwali għall-penali FuelEU jew il-penali FuelEU modifikata fi żmien xahar wara n-notifika tagħha, f'konformità mal-arranġamenti msemija fl-Artikolu 23.*

5. *L-awtorità kompetenti msemija fil-paragrafu 1 għandha tnehi mingħajr dewmien mill-bażi tad-data FuelEU d-dokument tal-konformità FuelEU ta' bastiment li fir-rigward tiegħu l-kumpanija tiegħu ma tkunx ħallset fil-ħin il-penali FuelEU msemija fil-paragrafu 4 u għandha tinnotifika fil-ħin dik it-tneħħija lill-kumpanija kkonċernata. Hija għandha toħroġ mill-ġdid id-dokument tal-konformità FuelEU rilevanti biss meta jkun tħallas ammont ugwali għall-penali FuelEU, dment li l-kondizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'dan ir-Regolament għaż-żamma tad-dokument tal-konformità FuelEU ikunu ssodisfati mill-kumpanija.*
6. *Il-paragrafu 5 ma għandux japplika għal bastiment li jkun ġie trasferit lil kumpanija oħra ħlief il-kumpanija li tkun assumiet ir-responsabbiltà għat-tħaddim tiegħu matul il-perjodu soġġett għall-kontrolli addizzjonali.*
7. *L-azzjonijiet imsemija f'dan l-Artikolu, ir-rapport ta' kontrolli addizzjonali msemmi fil-paragrafu 3 u l-prova tal-pagamenti tal-penali FuelEU għandhom jiġu rreġistrati mingħajr dewmien fil-bażi tad-data FuelEU mill-entitajiet li wettqu dawk l-azzjonijiet jew għamlu dak ir-rapport jew pagament.*

Artikolu 18

Għodod ta' appoġġ u gwida

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa għodod ta' monitoraġġ xierqa, kif ukoll għodod ta' gwida u ta' mmirar ibbażat fuq ir-riskju, biex tiffaċilita u tikkoordina l-attivitajiet ta' verifika u ta' infurzar relatati ma' dan ir-Regolament. Sa fejn ikun prattikabbli, tali gwida u għodod għandhom ikunu disponibbli għall-Istati Membri, il-verifikaturi u l-korpi nazzjonali ta' akkreditament għall-finijiet tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u sabiex jiġi żgurat aħjar l-infurzar robust ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Bażi tad-data **FuelEU** u rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, tiżgura l-funzjonament ta' u taġġorna bażi tad-data elettronika għall-monitoraġġ tal-konformità ma' **dan ir-Regolament (il-"bażi tad-data FuelEU")**. Il-bażi tad-data **FuelEU** għandha tintuża biex jinżamm rekord ta' **azzjonijiet relatati mal-attivitajiet ta' verifika, tal-bilanċ ta' konformità tal-bastimenti, inkluż l-użu tal-mekkaniżmi ta' flessibilità stabbiliti fl-Artikoli 20 u 21, tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(5), ta' azzjonijiet relatati mal-ħlas tal-penali FuelEU imposti skont l-Artikolu 23 u tal-ħruġ tad-dokument tal-konformità FuelEU**. Hija għandha tkun aċċessibbli għall-kumpaniji, il-verifikaturi, l-awtoritajiet kompetenti u kwalunkwe entità debitament awtorizzata, il-korpi nazzjonali ta' akkreditament, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁷ u l-Kummissjoni, bi drittijiet ta' aċċess u funzjonalitajiet xierqa li jikkorrispondu għar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

²⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

2. ***Kwalunkwe element reġistrat jew modifikat fil-bażi tad-data FuelEU għandu jiġi nnotifikat lill-entitajiet li għalihom ikun aċċessibbli.***
3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli għad-drittijiet ta' aċċess u l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi, ***inkluż regoli ta' notifika u filtraġġ***, tal-bażi tad-data ***FuelEU***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).

Artikolu 20

L-ibbankjar u t-teħid b'self tas-surplus ta' konformità bejn il-perjodi ta' rapportar

1. ***Abbażi tal-kalkoli mwettqa f'konformità mal-Artikolu 16(4), meta l-bastiment ikollu , għall-perjodu ta' rapportar, surplus ta' konformità fuq l-intensità tal-gassijiet serra tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) jew, jekk applikabbli, fuq is-submira RFNBO kif imsemmi fl-Artikolu 5(3), il-kumpanija tista' tibbankjah għall-bilanċ ta' konformità tal-istess bastiment għall-perjodu ta' rapportar ta' wara. Il-kumpanija għandha tirreġistra l-ibbankjar tas-surplus ta' konformità għall-perjodu ta' rapportar sussegwenti fil-bażi tad-data FuelEU, soġġett għall-approvazzjoni mill-verifikatur tagħha. Il-kumpanija ma tistax tibqa' tibbankja s-surplus ta' konformità ladarba jkun inħareġ id-dokument tal-konformità FuelEU.***

2. ***Abbażi tal-kalkolu li jkun sar f'konformità mal-Artikolu 16(4), meta*** l-bastiment ikollu, għall-perjodu ta' rapportar, defiċit ta' konformità, il-kumpanija tista' tissellef antiċipu tas-surplus ta' konformità tal-ammont korrispondenti mill-perjodu ta' rapportar sussegwenti. L-antiċipu tas-surplus ta' konformità għandu jiżdied mal-bilanċ ta' konformità tal-bastiment fil-perjodu ta' rapportar u ***l-antiċipu tas-surplus ta' konformità multiplikat b'1,1 għandu*** jitnaqqas mill-bilanċ ta' konformità tal-istess bastiment fil-perjodu ta' rapportar sussegwenti ■ . L-antiċipu tas-surplus ta' konformità ma jistax jittieħed b'self:
- (a) għal ammont li jaqbeż b'aktar minn 2 % il-limitu stipulat fl-Artikolu 4(2), immultiplikat bil-konsum tal-enerġija tal-bastiment ikkalkulat f'konformità mal-Anness I;
- (b) għal żewġ perjodi ta' rapportar konsekuttivi.
3. Sat-30 ta' April tal-***perjodu ta' verifika***, il-kumpanija għandha tirreġistra l-antiċipu tas-surplus ta' konformità, wara approvazzjoni mill-verifikatur tagħha, fil-bażi tad-data ***FuelEU***.
4. ***Meta bastiment ma jkollu l-ebda waqfa f'port fl-Unjoni matul il-perjodu ta' rapportar u jkun issellef antiċipu tas-surplus ta' konformità fil-perjodu ta' rapportar preċedenti, l-awtorità kompetenti tal-Istat amministrattiv għandha tinnotifika sal-1 ta' Ġunju tal-perjodu ta' verifika lill-kumpanija kkonċernata bl-ammont tal-penali FuelEU kif imsemmi fl-Artikolu 23(2) li inizjalment ikun evitat permezz tas-self ta' dak l-antiċipu tas-surplus ta' konformità, multiplikat b'1,1.***

Artikolu 21

Akkomunament tal-konformità

1. Il-bilanċi ta' konformità ***għall-intensità tal-gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 4(2) u, jekk applikabbli, is-submira tal-RFNBO kif imsemmi fl-Artikolu 5(3)*** ta' żewġ bastimenti jew aktar, ***kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 16(4)***, jistgħu jinġabru flimkien għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 ***u jekk applikabbli, fl-Artikolu 5(3)***. Il-bilanċ ta' konformità ta' bastiment ma jistax jiġi inkluż f'aktar minn akkomunament wieħed fl-istess perjodu ta' rappurtar.

■

Jistgħu jintużaw żewġ akkomunamenti separati għall-mira tal-intensità tal-gassijiet serra u għas-submira għall-RFNBO.

2. Il-kumpanija għandha tirreġistra ***lill-bażi tad-data FuelEU*** l-intenzjoni tagħha li tinkludi l-bilanċ ta' konformità tal-bastiment f'akkomunament, ***l-allokazzjoni tal-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament għal kull bastiment individwali u l-għażla tal-verifikatur magħżul għall-verifika ta' dik l-allokazzjoni.***
3. Meta l-bastimenti li jipparteċipaw fl-akkomunament ikunu kkontrollati minn żewġ kumpaniji jew aktar, ■ id-dettalji tal-akkomunament rreġistrati fil-bażi tad-data FuelEU, ***inkluż l-allokazzjoni tal-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament lill-bastimenti tal-akkomunament u l-għażla tal-verifikatur magħżul għall-verifika tal-allokazzjoni tal-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament għal kull bastiment individwali, għandha tiġi vvalidati fil-bażi tad-data FuelEU mill-kumpaniji kollha kkonċernati fl-akkomunament.***

4. *Akkomunament ikun validu biss jekk il-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament ikun pożittiv, jekk il-bastimenti li kellhom defiċit ta' konformità kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 16(4) ma jkollhomx defiċit ta' konformità ogħla wara l-allokazzjoni tal-akkomunament tal-konformità u jekk il-bastimenti li kellhom surplus ta' konformità kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 16(4) ma jkollhomx defiċit ta' konformità wara l-allokazzjoni tal-akkomunament tal-konformità.*
5. *Bastiment ma għandux jiġi inkluż f'akkomunament jekk ma jikkonformax mal-obbligu stipulat fl-Artikolu 24.*
6. Jekk il-bilanċ **totali** ta' konformità tal-**akkomunament** jirriżulta **f** surplus ta' konformità għal bastiment individwali, għandu japplika l-Artikolu 20(1).
7. L-Artikolu 20(2) ma għandux japplika għal bastiment li jipparteċipa fl-akkomunament.
8. *Sat-30 ta' April tal-perjodu ta' verifika, il-verifikatur magħżul għandu jirreġistra fil-bażi tad-data FuelEU l-kompożizzjoni definittiva tal-akkomunament u l-allokazzjoni tal-bilanċ totali ta' konformità tal-akkomunament għal kull bastiment individwali.*

Artikolu 22

Dokument tal-konformità FuelEU

1. Sat-30 ta' Ġunju ■ tal-perjodu ta' verifika, il-verifikatur għandu jgħid **dokument** tal-konformità FuelEU għall-bastiment ikkonċernat, dment li l-bastiment ma jkollux defiċit ta' konformità wara l-applikazzjoni possibbli tal-Artikoli 20 u 21, ■ ma jkollux waqfiet mhux konformi f'port *u jikkonforma mal-obbligu stipulati fl-Artikolu 24.*
2. *Meta jkunu dovuti penali FuelEU imsemmija fl-Artikolu 23(2) jew 23(5), l-awtorità kompetenti tal-Istat amministrattiv għandha, sat-30 ta' Ġunju tal-perjodu ta' verifika, toħroġ dokument tal-konformità FuelEU għall-bastiment ikkonċernat, dment li jkun tħallas ammont ugwali għall-penali FuelEU.*
3. Id-**dokument** tal-konformità FuelEU għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) l-identità tal-bastiment (l-isem, in-numru tal-identifikazzjoni tal-IMO u l-port tar-reġistrazzjoni jew il-port tad-domiċilju);
 - (b) l-isem, l-indirizz u l-post ewlieni tan-negozju ta' sid il-bastiment;

- (c) l-identità tal-verifikatur;
 - (d) id-data tal-ħruġ ta' dak id-**dokument**, il-perjodu ta' validità tiegħu u l-perjodu ta' rappurtar li jirreferi għalih.
4. Id-**dokument** tal-konformità FuelEU għandu jkun validu għal perjodu ta' 18-il xahar wara tmiem il-perjodu ta' rappurtar, **jew sakemm** jinħareġ **dokument** tal-konformità FuelEU **ġdid**, skont liema jiġi l-ewwel.
 5. Il-verifikatur **jew, fejn applikabbli l-awtorità kompetenti** tal-Istat **amministrattiv għandhom jirreġistraw** mingħajr dewmien, **fil-bażi tad-data FuelEU**, id- **dokument** tal-konformità FuelEU maħruġ.
 6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu mudelli għad- **dokument** tal-konformità FuelEU, inkluż **mudelli** elettroniċi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 29(2).

Artikolu 23

Penali FuelEU

1. **Qabel l-1 ta' Mejju tal-perjodu ta' verifika, abbażi tal-kalkoli mwettqa skont l-Artikolu 16(4) u wara l-applikazzjoni possibbli tal-Artikoli 20 u 21, il-verifikatur għandu jirreġistra fil-bażi tad-data FuelEU l-bilanċi ta' konformità vverifikati tal-bastiment għall-intensità tal-gassijiet serra kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) u, jekk applikabbli, għas-submira għall-RFNBO kif imsemmi fl-Artikolu 5(3).**

Jekk bastiment ikollu defiċit ta' konformità **għas-submira tal-RFNBO kif imsemmi fl-Artikolu 5(3)**, il-penali **FuelEU** għandha **tiġi kkalkulata f'konformità mal-formula** speċifikata **fil-Parti B tal-Anness IV**.

I

2. *L-Istat amministrattiv fir-rigward ta' kumpanija għandu jiżgura li, għal kwalunkwe wieħed mill-bastimenti tagħha li jkollu defiċit ta' konformità għall-intensità tal-gassijiet serra kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) jew, jekk applikabbli, għas-submira għall-RFNBO kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) fl-1 ta' Ġunju tal-perjodu ta' verifika, wara validazzjoni possibbli mill-awtorità kompetenti tiegħu, il-kumpanija għandha tħallas sat-30 ta' Ġunju tal-perjodu ta' verifika ammont ugwali għall-penali FuelEU li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-formuli speċifikati fil-Parti B tal-Anness IV. Jekk bastiment ikollu defiċit ta' konformità għal żewġ perjodi ta' rapportar konsekuttivi jew aktar, dak l-ammont għandu jiġi mmultiplikat b' $1 + (n - 1)/10$, fejn n huwa l-għadd ta' perjodi ta' rapportar konsekuttivi li għalihom il-kumpanija hija soġġetta għal penali FuelEU għal dak il-bastiment.*
3. *L-Istat amministrattiv fir-rigward ta' kumpanija għandu jiżgura li, għal kwalunkwe wieħed mill-bastimenti tagħha li jkun fis-sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(4), il-kumpanija tħallas sat-30 ta' Ġunju tal-perjodu ta' verifika ammont ugwali għall-penali FuelUE notifikata skont dak il-paragrafu.*
4. *Qabel l-1 ta' Mejju tal-perjodu ta' verifika, fejn applikabbli abbażi tal-kalkoli mwettqa f'konformità mal-Artikolu 16(4), il-verifikatur għandu jirreġistra fil-bażi tad-data FuelEU l-għadd totali ta' sigħat li l-bastiment ikun qatta' rmiġġat mal-moll f'nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6.*

5. *L-Istat amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija għandu jiżgura li għal kwalunkwe wieheda mill-bastimenti tagħha li jkun għamel mill-inqas waqfa waħda f'port mhux konformi, wara validazzjoni possibbli mill-awtorità kompetenti tiegħu, il-kumpanija għandha tħallas sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' verifika ammont ugwali għall-penali tal-FuelEU li tirriżulta mill-multiplikazzjoni ta' EUR 1,5 bit-total stabbilit tad-domanda għall-enerġija elettrika tal-bastiment fl-irmiġġ u bl-għadd total ta' sigħat aġġustati sal-eqreb siegħa sħiħa, li l-bastiment idum irmiġġat f'nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6.*

6. *L-Istati Membri għandu jkollhom il-qafas legali u amministrattivi meħtieġ stabbilit fil-livell nazzjonali biex jiżguraw l-issodisfar tal-obbligi dwar l-impożizzjoni, il-ħlas u l-għbir tal-penali ta' FuelEU.*

7. *L-azzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu, kif ukoll il-prova tal-ħlasijiet tal-penali ta' FuelEU għandhom jiġu rreġistrati mingħajr dewmien fil-bażi tad-data ta' FuelEU mill-entitajiet li jwettqu dawk l-azzjonijiet jew għamlu dak il-pagament.*

8. *Il-kumpanija għandha tibqa' responsabbli għall-ħlas tal-penali ta' FuelEU, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-kumpanija tikkonkludi ftehimiet kuntrattwali mal-operaturi kummerċjali tal-bastiment li jipprevedu r-responsabbiltà tal-operaturi kummerċjali li jirrimborżaw lill-kumpanija għall-ħlas tal-penali ta' FuelEU, meta r-responsabbiltà għax-xiri tal-karburant jew it-tħaddim tal-bastiment tkun assunta mill-operatur kummerċjali. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-tħaddim tal-bastiment għandu jfisser id-determinazzjoni tal-merkanzija li tinġarr, ir-rotta u l-veloċità tal-bastiment.*

9. *Il-kumpanija għandha tibqa' responsabbli għall-ħlas tal-penali ta' FuelEU, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà għall-kumpanija li tikkonkludi ftehimiet kuntrattwali ma' fornituri tal-karburant li jipprevedu r-responsabbiltà tal-fornituri tal-karburant li jirrimborżaw lill-kumpanija għall-ħlas tal-penali ta' FuelEU.*
10. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 28 biex temenda l-Anness IV sabiex tadatta l-*fattur indikat fiċ-ċellola 7 u, fejn applikabbli, fiċ-ċellola 14 tat-tabella fil-Parti B ta' dak l-Anness u użat fil-formula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, abbażi tal-iżviluppi fil-kost tal-enerġija*, u biex temenda l-*fattur ta' multiplikazzjoni stabbilit fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, abbażi tal-indiċjar tal-kost medju tal-elettriku fl-Unjoni.*
11. *L-Istati Membri għandhom jistinkaw biex jiżguraw li d-dħul iġġenerat mill-penali ta' FuelEU, jew il-valur finanzjarju ekwivalenti tiegħu, jintuża* biex jappoġġa l-iskjerament *u l-użu* rapidu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-settur marittimu, *billi jstimulaw* il-produzzjoni ta' kwantitajiet akbar ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għas-settur marittimu, *jiffaċilitaw* il-kostruzzjoni ta' faċilitajiet xierqa ta' bunkering jew infrastruttura tal-provvista tal-elettriku mix-xatt xierqa fil-portijiet, u *jappoġġaw* l-iżvilupp, l-ittestjar u l-introduzzjoni tal-aktar teknoloġiji innovattivi fil-flotta biex jinkiseb tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet.

Sat-30 ta' Ġunju 2030, u kull ħames snin minn hemm' il quddiem, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw rapport dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-penali ta' Fuel EU matul il-perjodu ta' ħames snin qabel is-sena ta' kull rapport bħal dan, inkluż informazzjoni dwar il-benefiċjarji u l-livell ta' nfiq li jikkonċerna l-oġġettivi elenkati fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 24

Obbligu li ***jinżamm dokument*** tal-konformità FuelEU validu ■

1. ***Sat-30 ta' Ġunju tal-perjodu ta' verifika***, il-bastimenti li jidħlu f'port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, ***li jaslu f'port, jidħlu fih jew jitolqu minn port taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, jew li jkunu wettqu vjaġġi matul dak il-perjodu ta' rappurtar korrispondenti***, għandu ***jkollhom*** dokument tal-konformità FuelEU validu.
2. Id-***dokument*** tal-konformità FuelEU maħruġ għall-bastiment ikkonċernat f'konformità mal-Artikolu 22 għandu jikkostitwixxi evidenza ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 25

Infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar sanzjonijiet applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Is-sanzjonijiet previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom.
2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li kwalunkwe spezzjoni ta' bastiment f'port taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu mwettqa f'konformità mad-Direttiva 2009/16/KE tinkludi l-iċċekkjar li ***l-bastiment għandu dokument*** tal-konformità FuelEU validu ■ .

3. Meta bastiment ikun naqas milli jikkonforma mal-obbligu stabbilit fl-Artikolu 24 għal żewġ perjodi ta' rappurtar konsekuttivi jew aktar, u meta miżuri ta' infurzar oħra ma jkunux żguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa tista' toħroġ ordni ta' tkeċċija ***fir-rigward ta' bastiment li ma jtajjarx il-bandiera ta' dak l-Istat Membru u*** wara li tagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha. ***Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port tal-waqfa tiddeċiedi li toħroġ ordni ta' tkeċċija, din għandha tinnotifika dik l-ordni*** lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat ***permezz tal-bażi tad-data FuelEU***. Kull Stat Membru, għajr l-Istat Membru li l-bastiment ikun qed itajjar il-bandiera tiegħu, għandu jirrifjuta d-dħul tal-bastiment li jkun soġġett għall-ordni ta' tkeċċija fi kwalunkwe wieħed mill-portijiet tiegħu sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha. Meta bastiment jonqos milli jikkonforma mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 24 għal żewġ perjodi ta' rappurtar konsekuttivi jew aktar u jidħol f'port tal-Istat Membru li tiegħu jtajjar il-bandiera, l-Istat Membru kkonċernat għandu, ***filwaqt li dak il-bastiment ikun f'wieħed mill-portijiet tiegħu***, wara li jagħti l-opportunità lill-kumpanija kkonċernata biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, jordna detenzjoni tal-bandiera sakemm il-kumpanija tissodisfa l-obbligi tagħha.
4. Il-kumpanija kkonċernata għandha tikkonferma l-konformità mal-obbligu li jkollha dokument tal-konformità FuelEU validu billi tinnotifika ***dokument*** tal-konformità FuelEU validu lill-awtorità nazzjonali kompetenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tkeċċija. Dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali applikabbli f'każ ta' bastimenti f'diffikultà.

5. Sanzjonijiet fil-konfront ta' bastiment speċifiku minn kwalunkwe Stat Membru għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat *permezz tal-bażi tad-data FuelEU*.

Artikolu 26

Dritt ta' rieżami

1. Il-kumpaniji għandhom ikunu intitolati japplikaw għal rieżami tal-kalkoli u l-miżuri indirizzati lilhom mill-verifikatur skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rifjut li jinħareġ *dokument* tal-konformità FuelEU skont l-Artikolu 22(1).

■ L-applikazzjoni għal rieżami għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-verifikatur ikun akkreditat fi żmien xahar min-notifika tar-riżultat tal-kalkolu jew tal-miżura mill-verifikatur. ■

2. Id-deċiżjonijiet meħuda skont dan ir-Regolament mill-*awtorità kompetenti ta' Stat Membru* għandhom ikunu soġġetti għal ■ rieżami *minn qorti tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità kompetenti*.

Artikolu 27

Awtoritajiet kompetenti

L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw awtorità kompetenti waħda jew aktar biex tkun responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ("awtoritajiet kompetenti") u tikkomunika isimhom u l-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-lista tal-awtoritajiet kompetenti.

KAPITOLU VI

SETGĦAT TA' DELEGA U TA' IMPLIMENTAZZJONI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 28

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikoli **4(4)**, 5(7), 6(6), 14(5) u 23(**10**) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ... [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikoli **4(4)**, 5(7), 6(6), 14(5) u 23(**10**) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli **4(4)**, 5(7), 6(6), 14(5) u 23(**10**) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 29

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

²⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. ■
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 30

Rapporti u rieżami

1. ***Sa ... [sena wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina l-interazzjoni u l-konverġenza bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2015/757 jew kwalunkwe att legali settorjali ieħor. Fejn xieraq, dak ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.***
2. ***Sal-31 ta' Diċembru 2027, u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ir-riżultati ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-funzjonament ta' dan ir-Regolament, inkluż l-impatti possibbli tad-distorsjonijiet tas-suq jew tal-evalwazzjoni tal-portijiet; fir-rigward tal-evoluzzjoni tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero fit-trasport marittimu u s-suq tagħhom, kif ukoll l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji u tas-suq għall-karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u għall-provvista tal-elettriku mix-xatt, inkluż fl-ankraġġ; fir-rigward tal-użu tad-dħul iġġenerat mill-penali FuelEU; u fir-rigward tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetittività tas-settur marittimu fl-Unjoni.***

F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tqis, fost l-oħrajn:

- (a) il-kamp ta' applikazzjoni materjali u ġeografiku ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tat-tnaqqis tal-livell limitu ta' tunnellaġġ gross imsemmi fl-Artikolu 2(1) jew l-espansjoni tas-sehem ta' enerġija użata minn bastimenti fi vjaġġi lejn u minn pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 2(1), il-punt (d);*
- (b) il-limitu msemmi fl-Artikolu 4(2), bil-ħsieb li jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119;*
- (c) it-tipi ta' bastimenti u d-daqs li għalihom japplika l-Artikolu 6(1) u estensjoni tal-obbligi msemmija fl-Artikolu 6(1) għall-bastimenti fl-ankraġġ;*
- (d) l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 6(5);*
- (e) l-għadd tal-elettriku mwassal permezz tal-provvista tal-elettriku mix-xatt fl-Anness I u l-fattur ta' emissjoni well-to-tank assoċjat ma' dak l-elettriku definit fl-Anness II;*
- (f) il-possibbiltà li fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġu inklużi mekkaniżmi ddedikati għall-aktar teknoloġiji tal-karburanti sostenibbli u innovattivi b'potenzjal sinifikanti ta' dekarbonizzazzjoni, sabiex jinħoloq qafas legali ċar u prevedibbli u jiġi għall-iżvilupp tas-suq u l-introduzzjoni ta' tali teknoloġiji tal-karburanti;*
- (g) il-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità għall-bastimenti li jitolbu li tiġi eskluża l-enerġija addizzjonali użata minħabba tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ stabbiliti fl-Annessi IV u V, u l-estensjoni possibbli tal-validità ta' dawk id-dispożizzjonijiet wara l-31 ta' Diċembru 2034;*

- (h) il-possibbiltà li l-enerġija pprovduta mir-riħ tiġi inkluża fil-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord stabbilita fl-Anness I, soġġett għad-disponibbiltà ta' metodu verifikabbli għall-monitoraġġ u l-kontabbiltà tal-enerġija tal-propulsjoni mir-riħ;*
- (i) il-possibbiltà li jiġu inklużi teknoloġiji ġodda għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, bħall-qbid tal-karbonju abbord, fil-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord u tal-bilanċ tal-konformità kif stabbilit fl-Annessi I u IV rispettivament, soġġett għad-disponibbiltà ta' metodu verifikabbli għall-monitoraġġ u l-kontabbiltà tal-karbonju maqbud;*
- (j) il-possibbiltà li jiġu inklużi elementi addizzjonali f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-emissjonijiet tal-karbonju iswed;*
- (k) il-ħtieġa ta' miżuri biex jiġu indirizzati tentattivi minn kumpaniji biex jevadu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.*

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, jekk ikun xieraq, jekk għandhiex takkumpanja dak ir-rapport bi proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

3. *Il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-rapport previst fil-paragrafu 2 evalwazzjoni tal-impatti soċjali ta' dan ir-Regolament fis-settur marittimu, inkluż fuq il-forza tax-xogħol tiegħu.*
4. *Fit-tħejjija tar-rapport tagħha msemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis il-punt sa fejn l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament laħqet l-oġettivi tiegħu u sa liema punt din kellha impatt fuq il-kompetittività tas-settur marittimu. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti legali rilevanti oħra tal-Unjoni u tidentifika kwalunkwe dispożizzjoni li tista' tiġi aġġornata u ssimplifikata, kif ukoll l-azzjonijiet u l-miżuri li ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kostijiet totali fuq is-settur marittimu. Bħala parti mill-analiżi tal-Kummissjoni tal-effiċjenza ta' dan ir-Regolament, ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-piż li dan ir-Regolament jimponi fuq in-negozji.*

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, jekk ikun xieraq, jekk għandhiex takkumpanja dak ir-rapport bi proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament, fid-dawl tal-konklużjonijiet tar-rapport msemmi fl-ewwel subparagrafu.

5. *Fil-każ tal-adozzjoni mill-IMO ta' standard globali dwar il-gassijiet serra tal-karburanti jew limiti globali tal-intensità tal-gassijiet serra għall-enerġija użata abbord mill-bastimenti, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha teżamina dik il-miżura globali fir-rigward tal-ambizzjoni tagħha fid-dawl tal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u l-integrità ambjentali ġenerali tiegħu. Għandha teżamina wkoll kwalunkwe kwistjoni relatata mal-artikolazzjoni jew l-allinjament possibbli ta' dan ir-Regolament ma' dik il-miżura globali, inkluż il-ħtieġa li tiġi evitata d-dupplikazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport marittimu fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fil-livell internazzjonali.*

Fejn xieraq, dak ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament, b'mod konsistenti mal-impenji tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha, u bil-għan li jiġu ppreservati l-integrità ambjentali u l-effettività tal-azzjoni klimatika tal-Unjoni.

6. *Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tat-trasport marittimu, b'mod partikolari biex tidentifika mġiba evażiva sabiex tipprevjeni tali mġiba fi stadju bikri, u inkluż fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi.*

Ir-riżultati tal-monitoraġġ għandhom jiġu riflessi fir-rapport li għandu jsir kull sentejn imsemmi fl-Artikolu 3gg(3) tad-Direttiva 2003/87/KE.

Artikolu 31

Emenda għad-Direttiva 2009/16/KE

Il-punt li ġej għandu jidher mal-lista stabbilita fl-Anness IV għad-Direttiva 2009/16/KE:

"51. Id-**dokument** ta' konformità ta' FuelEU maħruġ skont ir-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*+.

* Ir-Regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE (ĠU L ...).".

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru, u fin-nota ta' qiegħ il-paġna n-numru, id-data u r-referenza ta' publikazzjoni tar-Regolament li jinsab f'dan id-dokument (PE-CONS Nru 26/23 - 2021/0210(COD)).

Artikolu 32
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025, ***bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 8 u 9, li għandhom japplikaw mill-31 ta' Awwissu 2024.***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX I

METODOLOĠIJA GĦALL-ISTABBILIMENT TAL-INTENSITÀ TAL-GASSIJET SERRA

TAL-ENERĠIJA UŻATA ABBORD MINN BASTIMENT

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-enerġija użata abbord **minn** bastiment, għandha tapplika l-formula li ġejja, imsejħa l-Ekwazzjoni (1):

$\text{Intensità tal - gassijiet serra} \left[\frac{gCO_{2eq}}{MJ} \right] = f_{wind} \times (WtT + TtW) \text{ Ekwazzjoni (1)}$	
WtT	$\frac{\sum_i^n f_{juwil} M_i \times CO_{2eq\ WtT,i} \times LCV_i + \sum_k^c E_k \times CO_{2eq\ elettriku,k}}{\sum_i^n f_{juwil} M_i \times LCV_i \times RWD_i + \sum_k^c E_k}$
TtW	$\frac{\sum_i^n f_{juwil} \sum_j^m magna M_{i,j} \times \left[\left(1 - \frac{1}{100} C_{slip\ j} \right) \times (CO_{2eq,TtW,i,j}) + \left(\frac{1}{100} C_{slip\ j} \times CO_{eq\ TtW,slip,i,j} \right) \right]}{\sum_i^n f_{juwil} M_i \times LCV_i \times RWD_i + \sum_k^c E_k}$
f_{wind}	<i>Fattur ta' premju għall-propulsjoni assistita mir-riħ</i>

I

Għall-finijiet tal-Ekwazzjoni (1), it-termini u n-notazzjonijiet differenti użati huma ppreżentati fit-tabella li ġejja:

Terminu	Spjegazzjoni
i	Indiċi li jikkorrispondi għat- <i>tipi ta' karburanti</i> ikkonsenjati lill-bastiment fil-perjodu ta' <i>rappurtar</i>
j	Indiċi li jikkorrispondi għall-unitajiet <i>tal-konsum</i> tal-karburant abbord il-bastiment. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-unitajiet tal- <i>konsum tal-karburant</i> meqjusa huma l-magna ewlenija/magni ewlenin, il-magna awżiljarja/magni awżiljarji, il-bojlers, <i>iċ-ċelloli tal-karburant u l-inċineraturi tal-iskart</i>
k	Indiċi li jikkorrispondi għall-punti ta' konnessjoni tal- <i>provvista tal-elettriku mix-xatt</i>
n	<i>Għadd totali ta' tipi ta' karburant ikkonsenjati lill-bastiment fil-perjodu ta' rappurtar</i>
c	Għadd <i>totali</i> ta' punti ta' <i>konnessjoni tal-provvista tal-elettriku mix-xatt</i>
m	Għadd <i>totali</i> ta' <i>unitajiet tal-konsum tal-karburant</i>
$M_{i,j}$	Massa $\blacksquare$ tal-karburant i <i>kkunsмата minn</i> kull <i>unità</i> tal-konsum tal-karburant j [gFuel]
E_k	Elettriku kkonsenjat lill-bastiment għal kull punt ta' konnessjoni tal- <i>provvista tal-elettriku mix-xatt</i> k $\blacksquare$ [MJ]
$CO_{2eqWtT,i}$	Fattur tal-emissjoni tal-gassijiet serra WtT tal-karburant i [gCO _{2eq} /MJ]
$CO_{2eq\text{elettriku},k}$	Fattur tal-emissjoni tal-gassijiet serra WtT assoċjat mal-elettriku kkonsenjat lill-bastiment fl-irmiġġ għal kull punt ta' konnessjoni tal- <i>provvista tal-enerġija mix-xatt</i> k [gCO _{2eq} /MJ]
LCV_i	Valur kalorifiku aktar baxx tal-karburant i [MJ/gFuel]
<i>RWD_i</i>	<i>Fejn il-karburant huwa ta' oriġini mhux bijoloġika, jista' jiġi applikat fattur ta' premju ta' 2 mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2033. Inkella $RWD_i = 1$.</i>
C_{stipj}	Koeffiċjent $\blacksquare$ ta' karburant <i>mhux</i> maħruq bħala perċentwal tal-massa tal-karburant i <i>kkunsmat</i> mill-unità tal- <i>konsum tal-karburant</i> j [%]. <i>C_{stip} tinkludi emissjonijiet aċċidentali u dawk mhux ikkalkulati</i>
$C_{fCO_{2i,j}}, C_{fCH_{4i,j}}, C_{fN_2O,i,j}$	Fatturi tal-emissjoni tal-gassijiet serra TtW mill-karburant maħruq i funitajiet tal- <i>konsum tal-karburant</i> j [gGHG/gFuel]

Terminu	Spjegazzjoni
$CO_{2eq,TtWi,j}$	TtW CO_2 emissjonijiet ekwivalenti ta' karburant maħruq i f'unità tal-<i>konsum tal-karburant</i> j [gCO_{2eq}/gFuel] $CO_{2eq,TtWi,j} = \left(C_{fCO_2,j} \times GWP_{CO_2} + C_{fCH_4,j} \times GWP_{CH_4} + C_{fN_2O,j} \times GWP_{N_2O} \right)_i$ <i>Ekwazzjoni (2)</i>
$C_{sfCO_{2i,j}}, C_{sfCH_{4,i,j}},$ $C_{sfN_2O,i,j}$	Fatturi tal-<i>emissjoni</i> tal-gassijiet serra TtW mill-karburant mhux ikkalkulat i fir-rigward ta' unitajiet tal-<i>konsum tal-karburant</i> j [gGHG/gFuel]
$CO_{2eq,TtWslip,i,j}$	TtW CO_2 emissjonijiet ekwivalenti ta' karburant mhux ikkalkulat i f'unità tal-<i>konsum tal-karburant</i> j [gCO_{2eq}/gFuel] $CO_{2eq,TtWslip,i,j} = \left(C_{sfCO_2,j} \times GWP_{CO_2} + C_{sfCH_4,j} \times GWP_{CH_4} + C_{sfN_2O,j} \times GWP_{N_2O} \right)_i$ <i>Fejn: $C_{sfCO_2} = 0$, u $C_{sfN_2O} = 0$.</i> <i>$C_{sfCH_4} = 1$.</i>
$GWP_{CO_2}, GWP_{CH_4},$ GWP_{N_2O}	Il-Potenzjal tat-Tisħin Globali ta' CO_2, CH_4, N_2O fuq 100 sena, <i>li huwa definit fid-Direttiva (UE) 2018/2001, il-paragrafu 4 tal-Parti C tal-Anness V</i>

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament it-terminu $\sum_k^c E_k \times CO_{2eq_{elettriku,k}}$ fin-numeratur tal-

Ekwazzjoni (1) għandu jiġi stabbilit għal zero.

Metodu għad-determinazzjoni ta' $[M_i]$

Il-massa tal-karburant $[M_i]$ għandha tiġi ddeterminata bl-użu tal-ammont irrappurtat skont il-qafas tar-rappurtar tar-Regolament (UE) 2015/757 għall-vjaġġi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tal-metodoloġija ta' monitoraġġ magħżula mill-kumpanija.

Metodu għad-determinazzjoni tal-fatturi ta' *emissjoni* tal-gassijiet serra WtT

L-emissjonijiet WtT huma ddeterminati abbażi tal-metodoloġija li tinsab f'dan l-Anness kif previst fl-Ekwazzjoni (1).

Il-valuri prestabbiliti tal-fatturi tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra WtT ($CO_{2eqWtT,i}$) jinsabu fl-Anness II.

Fil-każ tal-karburanti fossili, għandhom jintużaw biss il-valuri prestabbiliti fl-Anness II.

Il-valuri reali jistgħu jintużaw dment li jkunu ċċertifikati taħt skema rikonoxxuta mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għall-bijokarburanti, il-bijogass, l-RFNBO u l-karburanti tal-karbonju riċiklat, jew, fejn applikabbli, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-atti legali tal-Unjoni għas-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(4) ta' dan ir-Regolament.

Nota ta' Kunsinna tal-Bunker tal-Fjuwil (BDN)

Skont ir-regolamenti eżistenti tal-Anness VI tal-MARPOL, il-BDN hija mandatorja u l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża fil-BDN hija speċifikata.

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

- 1. Il-BDNs, inkluż il-karburanti għajr il-karburanti fossili użati abbord, għandhom jiġu kkomplementati bl-informazzjoni li ġejja dwar dawk il-karburanti:***

- Valur kalorifiku aktar baxx [MJ/g],***
- Għall-bijokarburanti, il-valuri E kif stabbiliti skont il-metodoloġiji stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001, il-Parti C tal-Anness V u l-Parti B tal-Anness VI [gCO_{2eq}/MJ] u evidenza relatata ta' konformità mar-regoli stabbiliti f'dik id-Direttiva għal dawk il-karburanti, li tidentifika l-perkors tal-produzzjoni tal-karburant,***
- Għall-karburanti għajr il-karburanti fossili u l-bijokarburanti, il-fattur tal-emissjoni tal-gassijiet serra WtT [gCO_{2eq}/MJ] u ċ-ċertifikat relatat li jidentifika l-perkors tal-produzzjoni tal-karburant.***

2. [Meta hemm taħlit tal-prodott, għandha tingħata l-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament għal kull prodott].

Nota ta' Kunsinna tal-Elettriku (EDN)

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-EDNs rilevanti għall-elettriku kkonsenjat lill-bastiment għandu jkun fihom mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

1. il-fornitur: l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon, l-indirizz tal-email, ir-rappreżentant
2. il-bastiment riċeventi: in-numru tal-IMO (MMSI), l-isem tal-bastiment, it-tip tal-bastiment, il-bandiera, ir-rappreżentant tal-bastiment
3. il-port: l-isem, il-post (LOCODE), it-terminal/l-irmigġ
4. il-punt ta' konnessjoni tal-*provvista tal-elettriku mix-xatt*: ■ dettalji tal-punt ta' konnessjoni
5. il-ħin tal-*provvista tal-elettriku mix-xatt*: id-data/il-ħin tal-bidu/tal-finalizzazzjoni
6. l-enerġija fornuta: il-frazzjoni tal-elettriku allokata lill-punt tal-*provvista* (jekk applikabbli) [kW], konsum tal-elettriku (kWh) għall-perjodu ta' fatturar, informazzjoni dwar l-ogħla potenza (jekk disponibbli)
7. il-metraġġ

Metodu għad-determinazzjoni tal-fatturi ta' *emissjoni* tal-gassijiet serra TtW

L-emissjonijiet TtW huma ddeterminati abbażi tal-metodoloġija li tinsab f'dan l-Anness kif previst fl-Ekwazzjoni (1) u fl-Ekwazzjoni (2)

Il-valuri prestabbiliti tal-*fatturi* ($CO_{2eq,TtW,j}$) ■ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra TtW jinsabu fl-Anness II ■.

F'konformità mal-pjan ta' *monitoraġġ* imsemmi fl-Artikolu 8 u wara l-valutazzjoni mill-verifikatur, kumpanija tista' tuża metodi oħra, bħall-kejl dirett ta' CO_{2eq} , jew l-ittestjar fil-laboratorju, jekk dawn itejbu l-akkuratezza ġenerali tal-kalkolu, *fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(5)*.

Metodu għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet TtW aċċidentali ***u dawk mhux ikkalkulati***

Emissjonijiet aċċidentali ***u dawk mhux ikkalkulati*** huma emissjonijiet ikkawżati mill-ammont ta' karburant li ma jilħaqx il-kompartiment tal-kombustjoni tal-unità tal-kombustjoni jew li ma jiġix ikkunsmat mill-*unità tal-konsum tal-karburant* minħabba li jkun mhux maħruq, ivventjat jew imnixxi mis-sistema. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, l-emissjonijiet aċċidentali ***u dawk mhux ikkalkulati*** huma meqjusa bħala perċentwal tal-massa tal-karburant użat mill-*unità tal-konsum tal-karburant*. Il-valuri prestabbiliti jinsabu fl-Anness II.

Metodi għad-determinazzjoni tal-fatturi ta' premju marbuta mal-*propulsjoni assistita mir-riħ*

Meta l-*propulsjoni assistita mir-riħ tiġi* installata abbord, jista' jiġi applikat fattur ta' premju **I**, iddeterminat kif ġej:

Fattur ta' premju għall- <i>propulsjoni assistita mir-riħ - WIND</i> (f_{wind})	$\frac{P_{Wind}}{P_{Prop}}$
0,99	0,05
0,97	0,1
0,95	$\geq 0,15$

Fejn:

- P_{Wind} hija l-enerġija effettiva disponibbli tas-sistemi ta' *propulsjoni assistiti mir-riħ* u tikkorrispondi għal $f_{eff} * P_{eff}$ kif ikkalkulata skont il-gwida tal-2021 dwar it-trattament ta' teknoloġiji innovattivi tal-effiċjenza fl-enerġija għall-kalkolu u l-verifika tal-indiċi tal-effiċjenza enerġetika tad-disinn (EEDI) u l-indiċi tal-effiċjenza enerġetika tal-bastimenti eżistenti (EEXI) miksuba (MEPC.1/Circ.896);
- P_{Prop} hija l-potenza tal-*propulsjoni tal-bastiment* u tikkorrispondi għal P_{ME} kif definit fil-linji gwida tal-2018 dwar il-metodu tal-kalkolu tal-EEDI miksub għal bastimenti ġodda (ir-riżoluzzjoni tal-IMO MEPC.364(79)) u l-linji gwida tal-2021 dwar il-metodu tal-kalkolu EEXI miksub (ir-riżoluzzjoni tal-IMO MEPC.333(76)). Fejn ikunu installati muturi tax-xaft, $P_{Prop} = P_{ME} + P_{PTI(i),shaft}$.

L-indiċi tal-intensità tal-gassijiet serra tal-bastiment imbagħad jiġi kkalkulat billi r-riżultat tal-Ekwazzjoni (1) jiġi mmultiplikat bil-fattur ta' premju.

I

ANNEX II

FATTURI TA' EMISSJONI PRESTABILITI

Il-fatturi ta' emissjoni **prestabiliti** li jinsabu **fit-tabella ta' hawn taħt** għandhom jintużaw għad-determinazzjoni tal-indiċi tal-intensità tal-gassijiet serra msemmi fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, **ħlief meta l-kumpaniji jiddevjaw minn daww il-fatturi** ta' emissjoni **prestabiliti fl-applikazzjoni tal-Artikolu 10(4) u (5)** ta' dan ir-Regolament.

Fit-tabella ta' hawn taħt:

- TBM tfisser To Be Measured (Irid jitkejjel),
- N/A tfisser Not Available (Mhux disponibbli),
- Is-sing ifisser mhux applikabbli,
- **E hija stabbilita skont il-metodoloġiji stipulati fid-Direttiva (UE) 2018/2001, il-Parti C tal-Anness V u l-Parti B tal-Anness VI.**

Meta ċellola tindika jew TBM jew N/A, sakemm ma jintweriex valur skont l-Artikolu 10, għandu jintuża l-ogħla valur prestabilit tal-klassi tal-karburant fl-istess kolonna.

Fejn, għal klassi ta' karburant partikolari, iċ-ċelloli kollha fl-istess kolonna jindikaw jew TBM jew N/A, sakemm ma jintweriex valur skont l-Artikolu 10, għandu jintuża l-valur prestabilit tal-perkors l-inqas favorevoli tal-karburanti fossili. Din ir-regola ma tapplikaw għall-kolonna 9, fejn TBM jew N/A jirreferu għal valuri mhux disponibbli għall-konsumatur tal-karburant. Fil-każ ta' ebda valur prestabilit, għandu jintuża valur ċertifikat f'konformità mal-Artikolu 10(5).

1	2	3	4	5	6	7	8	9
			<i>WtT</i>	<i>TtW</i>				
<i>Klassi tal-Fjuwil</i>	<i>Isem tal-perkors</i>	<i>LCV</i> $\left[\frac{MJ}{g}\right]$	<i>CO_{2eq} WtT</i> $\left[\frac{gCO_2eq}{MJ}\right]$	<i>Klassi tal-Unità tal-Konsum tal-Fjuwil</i>	<i>C_{f CO2}</i> $\left[\frac{gCO_2}{gFuel}\right]$	<i>C_{f CH4}</i> $\left[\frac{gCH_4}{gFuel}\right]$	<i>C_{f N2O}</i> $\left[\frac{gN_2O}{gFuel}\right]$	<i>C_{slip}</i> <i>Bħala % tal-massa tal-karburant użat mill-magna</i>
<i>Fossili</i>	<i>HFO</i> <i>Gradi tal-ISO 8217 RME għal RMK</i>	0,0405	13,5	<i>L-ICEs KOLLHA</i>	3,114	0,00005	0,00018	-
								-
								-
								-
	<i>LFO</i> <i>Gradi tal-ISO 8217 RMA għal RMD</i>	0,041	13,2	<i>L-ICEs KOLLHA</i>	3,151	0,00005	0,00018	-
	<i>MDO</i> <i>MGO</i> <i>Gradi tal-ISO 8217 DMX għal DMB</i>	0,0427	14,4	<i>L-ICEs KOLLHA</i>	3,206	0,00005	0,00018	-
	<i>LNG</i>	0,0491	18,5	<i>LNG Otto (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità medja)</i>	2,750	0	0,00011	3,1
				<i>LNG Otto (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità baxxa)</i>				1,7
				<i>LNG Diesel (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità baxxa)</i>				0,2
				<i>LBSI</i>				2,6 ²⁹

²⁹ Illustrazzjoni estratta mir-raba' Studju tal-IMO dwar il-Gassijiet Serra: Fourth IMO GHG Study 2020 - Full report and annexes.pdf.

1	2	3	4	5	6	7	8	9
			WtT	TtW				
Fossili	LPG	0,046	7,8	L-ICEs KOLLHA	3,030 Butan 3,000 Propan	TBM	TBM	Mhux applikabbli (N/A)
	H2 (gass naturali)	0,12	132	Ċelloli tal-Karburant	0	0	-	-
				ICE	0	0	TBM	
	NH3 (gass naturali)	0,0186	121	Ċelloli tal-Karburant	0 0	Mhux applikabbli (N/A)	TBM	Mhux applikabbli (N/A)
				ICE		Mhux applikabbli (N/A)	TBM	Mhux applikabbli (N/A)
	Metanol (gass naturali)	0,0199	31,3	L-ICEs KOLLHA	1,375	TBM	TBM	-
Bijokarburanti	Perkorsi ta' Produzzjoni ta' Etanol tad-Direttiva (UE) 2018/2001	Valur kif stabbilit fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2018/2001	$E - \frac{C_{fCO_2}}{LCV}$	L-ICEs KOLLHA	1,913	TBM	TBM	-
	Bijodiżil Perkorsi ta' Produzzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/2001			L-ICEs KOLLHA	2,834	TBM	TBM	-
	Żejt Veġetali Idrotrattat (HVO)			L-ICEs KOLLHA	3,115	0,00005	0,00018	-
	Perkorsi ta' Produzzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/2001							
	Bijometan likwifikat bħala karburant għat-trasport (Bijo-LNG)			LNG Otto (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità medja)	2,750	0	0,00011	3,1
				LNG Otto (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità baxxa)				1,7
				LNG Diesel (żewġ tipi ta' karburanti)				0,2
				LBSI				2,6
	Perkorsi ta' Produzzjoni ta' Bijometan tad-			L-ICEs KOLLHA	1,375	TBM	TBM	-

1	2	3	4	5	6	7	8	9
			WtT	TtW				
	Direttiva (UE) 2018/2001							
	Perkorsi ta' Produzzjoni oħra tad-Direttiva (UE) 2018/2001			L-ICEs KOLLHA	3,115	0,00005	0,00018	-
	Bijo-H2 Perkorsi ta' Produzzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/2001	Valur kif stabbilit fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2018/2001	Mhux applikabbli (N/A)	Ċelloli tal-Karburant	0	0	0	-
				ICE	0	0	TBM	
Fjuwils Rinnovabbli ta' Oriġini mhux Bijoloġika (RFNBO) - e-Fjuwils	e-Diżil	0,0427	Ref. għad-Direttiva (UE) 2018/2001	L-ICEs KOLLHA	3,206	0,00005	0,00018	-
	e-Metanoli	0,0199	Ref. għad-Direttiva (UE) 2018/2001	L-ICEs kollha	1,375	0,00005	0,00018	-
	e-LNG	0,0491	Ref. għad-Direttiva (UE) 2018/2001	LNG Otto (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità medja)	2,750	0	0,00011	3,1
				LNG Otto (żewġ tipi ta' karburanti b'veloċità baxxa)				1,7
				LNG Diesel (żewġ tipi ta' karburanti)				0,2
				LBSI				2,6
	e-H2	0,12	Ref. għad-Direttiva (UE) 2018/2001	Ċelloli tal-Karburant	0	0	0	-
				ICE	0	0	TBM	
	e-NH3	0,0186	Mhux applikabbli (N/A)	Ċelloli tal-Karburant	0	Mhux applikabbli (N/A)	TBM	Mhux applikabbli (N/A)
				ICE	0	Mhux applikabbli (N/A)	TBM	Mhux applikabbli (N/A)
	e-LPG	Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)		Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)
	e-DME	Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)		Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)	Mhux applikabbli (N/A)	-

<i>1</i>	<i>2</i>	<i>3</i>	<i>4</i>	<i>5</i>	<i>6</i>	<i>7</i>	<i>8</i>	<i>9</i>
			<i>WtT</i>	<i>TtW</i>				
<i>Oħrajn</i>	<i>Elettriku</i>	-	<i>TAĦLITA TAL- ENERĠIJ A TAL-UE</i>	<i>Provvista tal-elettriku mix-xatt (OPS)</i>	-	-	-	-

Il-Kolonna 1 tidentifika l-klassi tal-karburanti, b'mod partikolari l-karburanti fossili, il-bijokarburanti likwidi, il-bijokarburanti gassużi u l-e-karburanti.

Il-Kolonna 2 tidentifika l-isem jew il-**perkorsi** tal-karburanti rilevanti fi ħdan il-klassi. ■

Il-Kolonna 3 fiha l-valur kalorifiku aktar baxx tal-karburanti f[MJ/g]. **Għall-bijokarburanti likwidi, il-valuri tal-kontenut ta' enerġija skont il-piż (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg) kif stipulati fl-Anness III tad-Direttiva (UE) 2018/2001 għandhom jiġu kkonvertiti f'MJ/g u jintużaw.**

Il-kolonna 4 fiha l-**fatturi ta' emissjoni tal-gassijiet serra WtT** f[gCO_{2eq}/MJ]:

- (a) **Għall-bijokarburanti likwidi, il-valuri prestabbiliti ■ għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tal-valuri ta' E stabbiliti f'konformità mal-metodoloġija stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001, il-Parti C tal-Anness V għal dik id-Direttiva għall-bijokarburanti likwidi kollha ħliet il-bijo-LNG u l-Parti B tal-Anness VI għal dik id-Direttiva għall-bijo-LNG, u abbażi tal-valuri prestabbiliti relatati mal-bijofjuwil partikolari użat bħala karburant għat-trasport u l-perkors tal-produzzjoni tiegħu, stabbiliti f'dik id-Direttiva, fil-Partijiet D u E tal-Anness V għal dik id-Direttiva għall-bijokarburanti likwidi kollha minbarra l-bijo-LNG u fil-Parti D tal-Anness VI għal dik id-Direttiva għall-bijo-LNG. Madankollu, il-valuri ta' E jeħtieġ li jiġu aġġustati billi jitnaqqas il-proporzjon tal-valuri li jinsabu fil-kolonna 6 ($c_{f_CO_2}$) u fil-kolonna 3 (LCV). Dan huwa meħtieġ skont dan ir-Regolament, li jissepara l-kalkoli WtT u TtW, biex jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet;**
- (b) **Għall-RFNBO u karburanti oħra mhux imsemmija fil-punt (a) li għandhom jitqiesu għall-fini msemmi fl-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament, il-valuri prestabbiliti għandhom jiġu kkalkulati jew bl-użu tal-metodoloġija tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 28(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, inkella, jekk applikabbli, metodoloġija simili jekk definita skont att legali tal-Unjoni li jikkonċerna s-swieq interni tal-gassijiet rinnovabbli u naturali u tal-idroġenu, skont l-Artikolu 10(1) u (2) ta' dan ir-Regolament.**

Il-Kolonna 5 tidentifika t-tipi/klassijiet ewlenin tal-**unitajiet tal-konsum tal-karburant** bħal Magni ta' Kombustjoni Interna (ICE) 2 jew 4 stroke Diesel jew b'ċiklu Otto, **il-magni b'Taħlita Fqira Mqabba bi Spark (LBSI)**, iċ-ċelloli tal-**karburanti**, eċċ.

Il-Kolonna 6 fiha l-fattur tal-emissjoni C_f għal CO_2 f[gCO₂/gfuel]. Għandhom jintużaw il-valuri tal-fatturi ta' **emissjoni** kif speċifikati fir-Regolament (UE) 2015/757 ■ . Għal dawg il-karburanti kollha li ma jinsabux fir-Regolament (UE) 2015/757, il-valuri prestabbiliti **huma speċifikati fit-tabella**.

Il-Kolonna 7 fiha l-fattur tal-emissjoni C_f għall-metan f[gCH₄/gfuel]. ■ Għall-karburanti LNG, is- C_f għall-metan huma stabbiliti għal zero.

Il-Kolonna 8 fiha l-fattur tal-emissjoni C_f għall-ossidu nitruż f[gN₂O/gfuel]. ■

Il-Kolonna 9 tidentifika l-parti tal-karburant li tintilef bħala emissjonijiet aċċidentali **u dawg mhux ikkalkulati** (C_{slip}) **imkejla** bħala % tal-massa tal-karburant użata mill-**unità tal-konsum tal-karburant**. Għall-karburanti bħal-LNG li għalihom **jeżistu** l-emissjonijiet aċċidentali **u dawg mhux ikkalkulati**, l-ammont ta' emissjonijiet aċċidentali **u mhux ikkalkulati** kif ippreżentati fit-tabella ■ huwa espress f% tal-massa tal-karburant użat (Kolonna 9). ■ Il-valuri ta' C_{slip} fit-tabella ■ huma kkalkulati għal 50 % tat-tagħbija **sħiħa** tal-magna. ■

ANNEX III

REKWIŻITI ĠENERALI GĦAT-TEKNOĠIJI B'EMISSJONIJIET ŻERO

It-tabella *mhux eżawrjenti* li ġejja *tidentifika t-tipi ta' teknoloġiji kif ukoll ir-rekwiżiti ġenerali għat-tħaddim tagħhom li għandhom jitqiesu bħala teknoloġiji b'emissjonijiet żero skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (7).*

<i>Tipi ta' teknoloġija</i>	<i>Rekwiżiti ġenerali għat-tħaddim</i>
<i>Ċelloli tal-karburant</i>	<i>Enerġija fornuta minn ċelloli tal-karburant abbord b' karburant jew b'sistema li jiżguraw li, meta jintużaw biex jipprovdu l-enerġija, ma jirrilaxxawx fl-atmosfera ebda emissjoni msemmija fl-Artikolu 3, il-punt (7)</i>
<i>Ħżin tal-enerġija elettriċa abbord</i>	<i>Enerġija fornuta minn sistemi ta' ħżin tal-enerġija elettriċa abbord iċċarġjati minn qabel permezz ta':</i> <i>- ġenerazzjoni tal-enerġija abbord fuq il-baħar</i> <i>- iċċarġjar tal-batteriji mix-xatt</i> <i>- tpartit ta' batteriji</i>
<i>Ġenerazzjoni tal-enerġija abbord mill-enerġija mir-riħ u mix-xemx</i>	<i>Enerġija fornuta minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli abbord, li jew ifornu direttament lill-grilja tal-bastiment inkella permezz ta' iċċarġjar ta' ħżin intermedju tal-enerġija elettriċa abbord</i>

L-enerġija fornuta minn teknoloġiji abbord mhux identifikati f'din it-tabella li jiksbu emissjonijiet żero, skont l-Artikolu 3, il-punt (7), tista' tiżdied ma' din it-tabella permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 6(6).

L-issodisfar tar-rekwiżiti ġenerali indikati hawn fuq u fl-Artikolu 6(6) għal teknoloġiji oħra kif ukoll tal-kriterji dettaljati għall-aċċettazzjoni speċifikati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(7), għandu jintwera permezz ta' dokumentazzjoni rilevanti.

ANNEX IV

FORMULI GĦALL-KALKOLU TAL-BILANĊ TA' KONFORMITÀ U *TAL-PENALI FUELEU* STABBILITI FL-ARTIKOLU 23(2)

A. FORMULI GĦALL-KALKOLU TAL-BILANĊ TA' KONFORMITÀ *TAL-BASTIMENT*

(a) Għal-fini tal-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità ta' bastiment *għall-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra kif imsemmija fl-Artikolu 4(2)*, għandha tapplika l-formula li ġejja:

<i>Bilanċ ta' konformità</i> $[gCO_{2eq}] =$	$(GHGIE_{target} - GHGIE_{actual}) \times [\sum_i^{n_{fuel}} M_i \times LCV_i + \sum_k^c E_k]$
--	--

Fejn:

gCO_{2eq}	<i>Grammi ta' ekwivalenti ta' CO₂</i>
$GHGIE_{target}$	<i>Limitu tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-enerġija użata abbord bastiment skont l-Artikolu 4(2)</i>
$GHGIE_{actual}$	<i>Medja annwali tal-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-enerġija użata abbord bastiment ikkalkulata għall-perjodu ta' rapportar rilevanti</i>

Għal kwalunkwe bastiment li jkollu klassi tas-silġ IC, IB, IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti, il-kumpanija tista' titlob, sal-31 ta' Diċembru 2034, li teskludi l-konsum addizzjonali tal-enerġija, minħabba tbaħħir f'kondizzjonijiet ta' silġ.

Għal kwalunkwe bastiment li jkollu klassi tas-silġ IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti, il-kumpanija tista' titlob li teskludi l-konsum addizzjonali tal-enerġija, minħabba l-karatteristiċi tekniċi tal-bastiment.

Għaż-żewġ każijiet li fihom il-konsum addizzjonali tal-enerġija huwa eskluż, il-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità ta' hawn fuq, bastimentil-valuri ta' M_i għandhom jiġu sostitwiti bil-massa aġġustata tal-karburant M_{iA} definita fl-Anness V u l-valur ta' $GHGIE_{actual}$ li għandu jintuża għall-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità għandu jiġi kkalkulat mill-ġdid bil-valuri korrispondenti tal- M_{iA} .

(b) Għal-fini tal-kalkolu tal-bilanċ ta' konformità ta' bastiment fir-rigward tas-submira għall-RFNBO skont l-Artikolu 5(3), għandha tapplika l-formula li ġejja:

$CB_{RFNBO}[MJ] =$	$\left(0,02 \times \left(\sum_i^n f_{juwil} M_i \times LCV_i\right)\right) - \left(\sum_i^n RFNBO M_i \times LCV_i\right)$
--------------------	--

Fejn:

CB_{RFNBO}	<i>Bilanċ ta' konformità f'MJ tas-submira tal-RFNBO msemmija fl-Artikolu 5(3)</i>
$\sum_i^n RFNBO M_i \times LCV_i$	<i>It-total annwali ta' enerġija użata minn RFNBO u/jew minn karburanti li jipprovdu ffrankar ekwivalenti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra msemmija fl-Artikolu 5</i>

B. FORMULA GĦALL-KALKOLU TAL-PENALI FUELEU STABBILITI FL-ARTIKOLU 23(2)

L-ammont tal-penali FuelEU stabbiliti fl-Artikolu 23(2) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) Penali FuelEU fir-rigward tal-bilanċ ta' konformità għall-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-bastiment, skont l-Artikolu 4(2)

Penali FuelEU =	$\frac{ Bilanċ tal-Konformità }{GHGIE_{actual} \times 41000} \times 2400$
----------------------------	---

1. Penali FuelEU	2. Hija f'EUR
3. Bilanċ tal – Konformità 	4. Huwa l-valur assolut tal-bilanċ ta' konformità
5. 41000	6. Hija tunnellata metrika waħda ta' VLSFO li hija ekwivalenti għal 41000 MJ
7. 2400	8. Huwa l-ammont li għandu jiġi ħallas f'EUR għal kull tunnellata metrika ekwivalenti ta' VLSFO

(b) *Penali FuelEU fir-rigward tas-submira għal RFNBO skont l-Artikolu 5(3)*

Jekk $CB_{RFNBO} > 0$, l-ammont tal-penali FuelEU kif imsemmi fl-Artikolu 23(2) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

<i>Penali FuelEU (RFNBO) =</i>	$\frac{CB_{RFNBO}}{41000} \times P_d$
<i>9. Penali FuelEU</i>	<i>10. Hija f'EUR</i>
<i>11. CB_{RFNBO}</i>	<i>12. Huwa l-valur tal-bilanċ ta' konformità għall-RFNBO</i>
<i>13. P_d</i>	<i>14. Id-differenza fil-prezz bejn l-RFNBO u l-karburant fossili kompatibbli mal-installazzjoni tal-bastiment</i>
<i>15. 41000</i>	<i>16. Hija tunnellata metrika waħda ta' VLSFO li hija ekwivalenti għal 41000 MJ</i>

ANNEX V

KALKOLU TAL-MASSA AĠĠUSTATA TAL-KARBURANT GĦAN-NAVIGAZZJONI FUQ IS-SILĠ

Dan l-Anness jiddeskrivi kif tiġi kkalkulata:

- *il-konsum addizzjonali tal-enerġija minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' bastiment li jkollu l-klassi tas-silġ IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti*
- *il-konsum addizzjonali tal-enerġija ta' bastiment li jkollu l-klassijiet tas-silġ IC, IB, IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti minħabba t-tbajhir f'kondizzjonijiet ta' silġ*
- *il-massa aġġustata [Mi A] wara t-tnaqqis tal-enerġija addizzjonali, allokata għal kull karburant i*

Enerġija addizzjonali minħabba l-klassi tas-silġ

L-enerġija addizzjonali minħabba l-karatteristiċi tekniċi ta' bastiment li jkollu l-klassi tas-silġ IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti hija kkalkulata kif ġej:

$$E_{\text{additional due to ice class}} = 0,05 \times (E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{additional due to ice conditions}})$$

Fejn:

$E_{\text{voyages, total}}$ **tirrappreżenta l-enerġija totali kkunsmata għall-vjaġġi kollha u;**

$E_{\text{additional due to ice conditions}}$ **jirrappreżenta il-konsum addizzjonali ta' enerġija minħabba tbaħħir f'kondizzjonijiet ta' silġ.**

L-enerġija totali kkunsmata għall-vjaġġi kollha tiġi kkalkulata kif ġej:

$$E_{\text{voyages, total}} = \sum M_{i, \text{voyages, total}} \times LCV_i$$

Fejn:

$M_{i, \text{voyages, total}}$ **tirrappreżenta l-massa tal-karburant i kkunsmat għall-vjaġġi kollha skont il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament u;**

LCV_i **il-valur kalorifiku aktar baxx ta' fuel i.**

Enerġija addizzjonali minħabba t-tbaħħir f'kondizzjonijiet ta' silġ

Il-konsum addizzjonali tal-enerġija ta' bastiment li jkollu l-klassijiet tas-silġ IC, IB, IA jew IA Super jew klassi tas-silġ ekwivalenti minħabba t-tbaħħir f'kondizzjonijiet ta' silġ huwa kkalkulat kif ġej:

$$E_{\text{additional due to ice conditions}} = E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{voyages, open water}} - E_{\text{voyages, ice conditions, adjusted}}$$

Fejn:

$E_{\text{voyages, open water}}$ **tirrappreżenta l-enerġija kkunsmata fuq vjaġġi f'ilma miftuħ u;**

$E_{\text{voyages, ice conditions, adjusted}}$ **tirrappreżenta l-enerġija aġġustata kkunsmata f'kondizzjonijiet ta' silġ.**

$E_{\text{additional due to ice conditions}}$ **ma tistax tkun ogħla minn $1,3 \times E_{\text{voyages, open water}}$**

L-enerġija kkunsmata għall-vjaġġi li jinkludu t-tbaħħir f'ilma miftuħ biss hija kkalkulata kif ġej:

$$E_{\text{voyages, open water}} = E_{\text{voyages, total}} - E_{\text{voyages, ice conditions}}$$

Fejn:

$E_{voyages,ice\ conditions}$ **tirrappreżenta l-enerġija kkunsmata għat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ, li tiġi kkalkulata kif ġej:**

$$E_{voyages,ice\ conditions} = \sum M_{i,voyages,ice\ conditions} \times LCV_i$$

Fejn:

$M_{i,voyages,ice\ conditions}$ **tirrappreżenta l-massa tal-karburant i kkunsmat għat-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ, skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

L-enerġija aġġustata kkunsmata f'kundizzjonijiet ta' silġ hija kkalkulata kif ġej:

$$E_{voyages,ice\ conditions,adjusted} = D_{ice\ conditions} \times \frac{E}{D_{open\ water}}$$

Fejn:

$D_{ice\ conditions}$ **tirrappreżenta d-distanza aggregata vvaġġata waqt it-tbaħħir f'kundizzjonijiet ta' silġ skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

$\frac{E}{D_{open\ water}}$ **hija l-enerġija kkunsmata skont id-distanza vvaġġata fl-ilma miftuħ kkalkulata kif ġej:**

$$\frac{E}{D_{open\ water}} = \frac{(E_{voyages,total} - E_{voyages,ice\ conditions})}{(D_{total} - D_{ice\ conditions})}$$

Fejn:

$E_{voyages,ice\ conditions}$ jirrappreżenta l-konsum tal-enerġija waqt f'kondizzjonijiet ta' silġ u;

D_{total} hija d-distanza annwali aggregata vijaġġata skont il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Enerġija addizzjonali totali mis-silġ minħabba l-klassi tas-silġ u t-tbahir f'kondizzjonijiet ta' silġ

$$E_{additional\ ice} = E_{additional\ due\ to\ ice\ class} + E_{additional\ due\ to\ ice\ conditions}$$

Massa aġġustata [$M_{i,A}$]

Il-kumpanija għandha talloka l-enerġija addizzjonali totali mis-silġ $E_{i\ additional\ ice}$ għall-karburanti i differenti użati matul is-sena, bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

$$\Sigma E_{i\ additional\ ice} = E_{additional\ ice}$$

Għal kull karburant i,

$$E_{i,additional\ ice} \leq M_i \times LCV_i$$

Il- $[M_{i,A}]$ massa aġġustata tal-karburant tiġi kkalkulata kif ġej:

$$M_{i,A} = M_i - \frac{E_{i,additional\ ice}}{LCV_i}$$